

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 404/2011

tat-8 ta' April 2011

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

zazzjonijiet tas-sajd biex jiġi żgurat l-istandard komuni tal-informazzjoni li tinsab fihom.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 6(5), 7(5), 8(1), 9(5), 14(10), 15(9), 16(2), 21(7), 22(7), 23(5), 24(8), 25(2), 32, 37(4), 40(6), 55(5), 58(9), 60(7), 61, 64(2), 72(5), 73(9), 74(6), 75(2), 76(4), 78(2), 79(7), 92(5), 103(8), 105(6), 106(4), 107(4), 111(3), 116(6), 117(4) u 118(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament ta' Kontroll") jipprovdi għall-adozzjoni ta' regoli u miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti minnu.
- (2) Bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni koerenti ta' dawn ir-regoli dettaljati huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti definizzjonijiet.
- (3) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li bastiment tas-sajd tal-UE jista' jintuża għall-isfruttament kummerċjali ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin biss jekk ikollu liċenzja tas-sajd valida. L-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li bastiment tas-sajd tal-UE għandu jiġi awtorizzat iwettagh attivitajiet tas-sajd speċifiċi biss jekk dawn ikunu indikati f'awtorizzazzjoni tas-sajd valida. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-ħruġ u l-immaniġġjar ta' dawn il-liċenzji tas-sajd u tal-awtoriz-

- (4) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet li jirrelataw mal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u l-irkaptu tagħhom. Minħabba li dawn il-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet japplikaw għall-ilmijiet tal-UE huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni Ewropea.
- (5) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom joperaw Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti abbażi ta' satellita għall-monitoraġġ effikaċi tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu fejn ikunu dawk il-bastimenti u tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa fl-ilmijiet tagħhom. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet komuni fil-livell tal-Unjoni Ewropea għal din is-sistema. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jistabbilixxu b'mod partikolari l-karatteristiċi ta' apparat għal-lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, dettalji dwar il-komunikazzjoni ta' dejta ta' pożizzjoni u regoli fil-każ ta' ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament tal-apparat għal-lokalizzazzjoni permezz tas-satellita.
- (6) L-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' 10 metri jew aktar għandhom iżommu ġurnal ta' abbord tas-sajd dwar l-operazzjonijiet tagħhom. Jeħtieġ li tiġi determinata l-informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata fil-ġurnali ta' abbord tas-sajd kif ukoll il-format tagħha.
- (7) L-Artikolu 14(7) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-UE għandhom jużaw il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-livell tal-UE biex il-piż ta' ħut maħżun jew ipproċessat jiġi konvertit f'piż ta' ħut ħaj. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu stabbiliti dawn il-fatturi ta' konverżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

- (8) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' 12-il metru jew iktar għandhom jirreġistraw l-informazzjoni fil-ġurnal ta' abbord permezz ta' mezzi elettroniċi. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-kompletar u l-komunikazzjoni elettronika ta' din l-informazzjoni u li jiġi speċifikat il-format tagħha.
- (9) L-Artikoli 21(1) u 23(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdu li kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' 10 metri jew aktar għandhom jimlew u jippreżentaw dikjarazzjonijiet tat-trażbord u tal-ħatt l-art. Huwa xieraq li tiġi determinata l-informazzjoni li għandha tkun f'dawn id-dikjarazzjonijiet u li jiġu speċifikati d-dettalji tal-preżentazzjoni tagħha.
- (10) L-Artikoli 22(1) u 24(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdu għall-kompletar u l-komunikazzjoni elettroniċi tad-dikjarazzjonijiet ta' trażbord u tal-ħatt l-art b'mezzi elettroniċi. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-kompletar u l-komunikazzjoni elettroniċi ta' din id-dejta u li jiġi speċifikat il-format tagħha.
- (11) L-Artikoli 16(1) u 25(1) tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdu li kull Stat Membru għandu jwettaq monitoraġġ, fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjuni, tal-attivitàjiet ta' bastimenti tas-sajd li mhumix soġġetti għar-rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord u tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art. Bil-ħsieb li jkunu żgurati standards komuni ta' teħid ta' kampjuni bħal dawn, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljali fil-livell tal-Unjoni Ewropea.
- (12) L-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li għandhom jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa ta' korrezzjoni mill-Kummissjoni fil-każ li l-Kummissjoni tkun ipprojbiet is-sajd minħabba l-eżawriment allegat tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal Stat Membru jew għal grupp ta' Stati Membri, jew għall-Unjoni Ewropea meta jirriżulta li Stat Membru infatti ma jkunx uża l-opportunitajiet tas-sajd tiegħu. Huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli adegwati għar-riallokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd, li jqisu sitwazzjonijiet fejn il-qabdiet totali permessi (TA(C) għall-UE huma disponibbli jew le, jew fejn minħabba l-allokazzjoni annwali ta' opportunitajiet tas-sajd iċ-ċirkostanzi ma jippermettux din ir-riallokazzjoni.
- (13) L-Artikoli 39 sa 41 tar-Regolament ta' Kontroll jipprevedu regoli biex jiżguraw li l-qawwa tal-magna tal-bastimenti tas-sajd ma tinqabiżx. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli tekniċi taċ-ċertifikazzjonijiet u tal-verifiki rilevanti li għandhom isiru f'dan il-qasam.
- (14) L-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd rikreattiv isir b'mod kompatibbli mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għall-istokkijiet taħt pjan ta' rkupru, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta dwar il-qabdiet tas-sajd rikreattiv. Fejn dan is-sajd għandu impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi, jistgħu jiġu deċiżi miżuri speċifiċi ta' mmaniġġjar mill-Kunsill. Huwa xieraq li jiġu stipulati regoli dettalji għall-istabbiliment ta' pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni sabiex l-Istati Membri jitħallew iwettqu monitoraġġ tal-qabdiet ta' stokkijiet suġġetti għal pjanijiet ta' rkupru minn sajd rikreattiv prattikat mill-bastimenti tagħhom, filmijiet soġġetti għas-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom.
- (15) Sabiex jiġi stabbilit reġim ta' kontroll komprensiv il-katina sħiħa tal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq għandha tkun koperta minn dan ir-reġim. L-Artikolu 58 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi għal sistema ta' traċċabbiltà koerenti biex jiġi żgurat li l-lottijiet kollha tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu traċċabbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, mill-qbid jew mill-ħsad sal-istadju tal-bejgħ bl-imnut. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għal proċeduri ta' identifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (16) L-Artikolu 60 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li l-prodotti kollha tas-sajd għandhom jintiżnu fuq sistemi approvati mill-awtoritajiet kompetenti sakemm ma jkunux adottaw pjan għat-teħid ta' kampjuni approvat mill-Kummissjoni. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni fl-Istati Membri kollha għall-użin ta' prodotti tas-sajd friski u ffriżati, kif ukoll għall-użin ta' prodotti tas-sajd ittrażbordati, u għall-użin ta' prodotti tas-sajd wara li jiġu ttrasportati mill-post tal-ħatt l-art.
- (17) L-Artikolu 61 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi għall-possibbiltà li l-prodotti tas-sajd jintiżnu wara t-trasport bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jkun adotta pjan ta' kontroll jew, meta l-prodotti tas-sajd huma ttrasportati lejn Stat Membru ieħor, li l-Istati Membri kkonċernati jkunu adottaw programm ta' kontroll komuni li hu approvat mill-Kummissjoni u abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq ir-riskju adottata mill-Kummissjoni. Din il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju jeħtieġ li tiġi definita.
- (18) Is-sajd għall-aringi, il-kavalli u s-sawrell għandu xi elementi speċifiċi. Għal din ir-raġuni huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli speċjali dwar l-użin u elementi relatati biex jitqiesu dawn l-elementi speċifiċi.
- (19) L-Artikolu 64 tar-Regolament ta' Kontroll jipprevedi li għandhom jiġu adottati r-regoli dettalji dwar il-kontenut ta' noti tal-bejgħ. Huwa pertinenti li dawn ir-regoli jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- (20) L-Artikoli 71 u 72 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdu li l-Istati Membri għandhom iwettqu sorveljanza fl-ilmijiet tal-UE u jieħdu l-miżuri meħtieġa jekk xi ilmijiet ma jkunx jikkorrispondu mal-informazzjoni disponibbli għalihom. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar il-kontenut ta' rapport ta' sorveljanza, u l-mezz ta' komunikazzjoni tiegħu.

- (21) L-Artikolu 73 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi l-possibbiltà għall-Kunsill li jistabbilixxi skemi tal-osservatur ta' kontroll u jistabbilixxi, flinji ġenerali, il-profil u d-dmirijiet tal-osservaturi ta' kontroll abbord bastimenti tas-sajd. Għaldaqstant għandhom jiġu mfassla regoli dettaljati dwar it-tħaddim u d-dmirijiet tal-osservaturi ta' kontroll.
- (22) Skont il-Kapitolu I tat-Titolu VII tar-Regolament ta' Kontroll, għandhom jiġu stabbiliti regoli għat-tweqqif ta' spezzjonijiet sabiex jittejjeb approċċ standardizzat għall-attivitajiet ta' kontroll imwettqa mill-Istati Membri. Għandhom jiġu stabbiliti regoli għall-kondotta ta' uffiċjali inkarigati mill-ispezzjonijiet, u l-obbligi tal-Istati Membri dwar l-imġieba tal-uffiċjali tagħhom awtorizzati biex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet. Fl-istess ħin, għandhom jiġu kkjarifikati d-dmirijiet tal-operaturi matul l-ispezzjonijiet. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll prinċipji komuni għall-proċeduri tal-ispezzjoni fuq il-baħar, fil-port, matul it-trasport u fil-postijiet tas-suq, u dwar ir-rapporti tal-ispezzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom.
- (23) L-Artikolu 79 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi li l-ispetturi tal-Unjoni jistgħu jwettqu spezzjonijiet fl-ilmijiet tal-UE u fuq bastimenti tas-sajd tal-UE barra l-ilmijiet tal-UE. Huwa xieraq li jiġu mfassla regoli dwar il-ħatra tal-ispetturi tal-Unjoni, id-dmirijiet u l-obbligi tagħhom, kif ukoll it-tip ta' segwitu li għandu jingħata lir-rapport tagħhom.
- (24) L-Artikolu 92 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi għall-istabbiliment ta' sistema ta' punti għal ksur serju bl-iskop li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u kundizzjonijiet indaqs fl-ilmijiet kollha tal-UE. Biex dan jintlaħaq, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-livell tal-Unjoni Ewropea għall-applikazzjoni ta' din is-sistema ta' punti, inkluża lista ta' punti li għandhom jiġu attribwiti għal kull ksur serju.
- (25) Skont l-Artikoli 5(6) u 103 tar-Regolament ta' Kontroll, l-assistenza finanzjarja fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ⁽¹⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar ⁽²⁾ tiddependi fuq il-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tagħhom fl-oqsma tal-konservazzjoni u l-kontroll tas-sajd, bil-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tissospendi u tikkanċella din l-assistenza finanzjarja f'ċerti kundizzjonijiet. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri.
- (26) L-Artikolu 107 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdi għat-tnaqqis ta' kwoti mill-Kummissjoni f'każijiet ta' nuqqas mill-Istati Membri li jikkonformaw mar-regoli dwar stokkijiet soġġetti għal pjanijiet multiannwali li jwassal għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' dawn l-istokkijiet. Għandhom għaldaqstant jiġu mfassla regoli dwar sa fejn għandu jasal dan it-tnaqqis, filwaqt li
- titqies in-natura tan-nuqqas ta' konformità, l-impatt tiegħu, kif ukoll il-gravità tat-theddida għar-riżorsa.
- (27) Il-Kapitolu I tat-Titolu XII tar-Regolament ta' Kontroll jistabbilixxi regoli dwar it-trattament ta' dejta rreġistrata għall-fini ta' dak ir-Regolament, inkluż l-obbligu għall-Istati Membri li tiġi stabbilita bażi tad-dejta kompjuterizzata u sistema ta' validazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u l-iskambju ta' din id-dejta. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni li jistabbilixxu proċeduri għall-ipproċessar ta' din id-dejta u li jiġi żgurat aċċess għaliha mill-Kummissjoni filwaqt li jiġi speċifikati r-rekwiżiti għall-iskambju tad-dejta.
- (28) L-Artikolu 110 tar-Regolament ta' Kontroll jitratta l-aċċess remot tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha għal fajls kompjuterizzati li fihom dejta rreġistrata miċ-ċentri ta' monitaraġġ tas-sajd tal-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat dan l-aċċess huwa pertinenti li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu rispettati.
- (29) L-Artikoli 114 sa 116 tar-Regolament ta' Kontroll jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu websajts uffiċjali. Bl-iskop li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ugwali tagħhom fl-Istati Membri kollha huwa pertinenti li jiġu stabbiliti regoli fil-livell tal-UE dwar dawn il-websajts.
- (30) Skont l-Artikolu 117 tar-Regolament ta' Kontroll għandha tiġi stabbilita sistema ta' assistenza reċiproka biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Din il-kooperazzjoni amministrattiva hija essenzjali biex jiġi żgurat li jkunu stabbiliti kundizzjonijiet ugwali fl-UE u li attivitajiet illegali huma investigati tajjeb u sanzjonati. Għaldaqstant għandhom jiġu mfassla regoli għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni jew fuq talba jew spontanement, u għall-possibbiltà li Stat Membru ieħor ikun jista' jitleb miżuri ta' infurzar u notifika amministrattiva.
- (31) Il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-Istati Membri hija rregolata mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik data [id-dejta] ⁽³⁾. Il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-Kummissjoni hija rregolata mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data [dejta] ⁽⁴⁾, b'mod partikolari, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà fl-ipproċessar, it-trasferiment ta' dejta personali mis-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni, il-legalità tal-ipproċessar, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta għall-informazzjoni, l-aċċess għad-dejta personali tagħhom u r-rettifika ta' dik id-dejta.

⁽¹⁾ ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.⁽⁴⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(32) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tas-sistema tal-kontroll tas-sajd, ir-regoli dettaljati għandhom jiġu kkonċentriati f'Regolament uniku. Għalhekk, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni li ġejjin għandhom jitħassru:

- Ir-Regolament (KEE) Nru 2807/83 ⁽¹⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut tal-Istati Membri,
- Ir-Regolament (KEE) Nru 3561/85 ⁽²⁾ dwar tagħrif dwar spezzjonijiet ta' attivitajiet tas-sajd imwettqa minn awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll,
- Ir-Regolament (KEE) Nru 493/87 ⁽³⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġu rrimedjati xi ħsarat ikkawżati mit-twaqqif ta' ċertu sajd,
- Ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87 ⁽⁴⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-immarkar u dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd,
- Ir-Regolament (KEE) Nru 1382/87 ⁽⁵⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd,
- Ir-Regolament (KE) Nru 2943/95 ⁽⁶⁾ li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar permessi speċjali tas-sajd
- Ir-Regolament (KE) Nru 1449/98 ⁽⁷⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 fir-rigward tar-rapporti dwar il-ħidmiet,
- Ir-Regolament (KE) Nru 356/2005 ⁽⁸⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-immarkar u għall-identifikazzjoni ta' rkaptu tas-sajd passiv u tat-tkarkir bit-travu,
- Ir-Regolament (KE) Nru 2244/2003 ⁽⁹⁾ li jistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita,
- Ir-Regolament (KE) Nru 1281/2005 ⁽¹⁰⁾ dwar l-immaginar tal-liċenzji tas-sajd u l-informazzjoni minima fi hdnhom,
- Ir-Regolament (KE) Nru 1042/2006 ⁽¹¹⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 28 (3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd],

— Ir-Regolament (KE) Nru 1542/2007 ⁽¹²⁾ dwar il-proċeduri ta' ħatt l-art u użin ta' aringi, kavalli u sawrell,

— Ir-Regolament (KE) Nru 1077/2008 ⁽¹³⁾ li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1566/2007, u

— Ir-Regolament (KE) Nru 409/2009 ⁽¹⁴⁾ li jistabbilixxi l-fatturi ta' konverżjoni tal-Komunità u l-kodiċijiet ta' preżentazzjoni użati sabiex jikkonvertu l-piż tal-ħut ipproċessat f'piż tal-ħut ħaj, u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83.

(33) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Settur tas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT

TITOLU I

ID-DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

L-AMBITU

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit mir-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "*bastiment tas-sajd tal-UE*" tfisser bastiment tas-sajd kif definit fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ⁽¹⁵⁾;
- (2) "*ilmijiet tal-UE*" tfisser ilmijiet kif definiti fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
- (3) "*detentur ta' liċenzja tas-sajd*" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li nħarġitilha liċenzja tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Kontroll;

⁽¹⁾ ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 339, 18.12.1985, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 50, 19.2.1987, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 132, 21.5.1987, p. 11.

⁽⁶⁾ ĠU L 308, 21.12.1995, p. 15.

⁽⁷⁾ ĠU L 192, 08.7.1998, p. 4.

⁽⁸⁾ ĠU L 56, 02.3.2005, p. 8.

⁽⁹⁾ ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 203, 04.8.2005, p. 3.

⁽¹¹⁾ ĠU L 187, 08.7.2006, p. 14.

⁽¹²⁾ ĠU L 337, 21.12.2007, p. 56.

⁽¹³⁾ ĠU L 295, 04.11.2008, p. 3.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 123, 19.5.2009, p. 78.

⁽¹⁵⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

- (4) *“spetturi tal-Unjoni”* tfisser spetturi kif definiti fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament ta' Kontroll;
- (5) *“irkaptu biex jinġema' l-ħut”* tfisser kwalunkwe tagħmir li jżomm f'wiċċ l-ilma jew li jkun ankrat li jintuża biex jattira l-ħut.
- (6) *“rkaptu passiv”* tfisser kull irkaptu tas-sajd li l-operazzjoni tal-qbid tiegħu ma tehtiegħx moviment attiv tal-irkaptu, inklużi:
- (a) għeżula, xbieki tat-tħabbil, pariti, xbieki tal-qbid,
- (b) għeżula mitluqa u pariti mitluqa, li jistgħu jkunu mgħammra b'irkaptu ta' ankraġġ, rkaptu li jżomm f'wiċċ l-ilma u rkaptu tan-navigazzjoni,
- (c) konzijiet, lenez, pots u nases;
- (7) *“xibka tat-tkarkir bit-travu”* tfisser kwalunkwe xibka tat-tkarkir irmunkata li fiha l-fetħa tax-xibka tat-tkarkir tinżamm miftuħa permezz ta' travu jew ta' apparat simili, irrispettivament minn jekk ikollhiex sostenn jew le meta titkarkar f'qiegħ il-baħar;
- (8) *“sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti”* (VMS), kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Kontroll, tfisser sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti abbażi ta' satellita li ttiprovdi dejta lill-awtoritajiet tas-sajd f'intervalli regolari dwar il-lok, ir-rotta u l-veloċità tal-bastimenti;
- (9) *“apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita”*, kif imsemmi fl-Artikolu 4(12) tar-Regolament ta' Kontroll, tfisser apparat installat abbord bastiment tas-sajd li jikkomunika l-pożizzjoni u d-dejta relatata b'mod awtomatiku liċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd skont ir-rekwiżiti legali u li jippermetti t-traċċar u l-identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd f'kull ħin;
- (10) *“vjaġġ tas-sajd”* tfisser kull vjaġġ ta' bastiment tas-sajd li tulu jitwettqu attivitajiet tas-sajd li jibda fil-mument li fih il-bastiment tas-sajd jitlaq mill-port u jintemm mal-wasla fil-port;
- (11) *“operazzjoni tas-sajd”* tfisser l-attivitajiet kollha marbutin mat-tiftix għall-ħut, l-isparar, l-irmunkar u l-irfigħ tal-irkaptu attiv, it-tqegħid, it-tixrib, it-tneħħija jew it-tqegħid mill-ġdid ta' rkaptu passiv u t-tneħħija ta' kull qabda mill-irkaptu, mix-xbieki li jinżammu ġol-baħar u jkunu mqabbdin mal-bastiment biex il-ħut jinżamm ħaġ, jew minn ġo gaġġa tat-trasport għal ġo gaġġ tat-tismin u tat-tkabbir;
- (12) *“ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku”* tfisser ir-reġistrazzjoni b'mezzi kompjuterizzati ta' dettalji tal-operazzjoni tas-sajd mill-kaptan ta' bastiment tas-sajd mibgħuta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri;
- (13) *“preżentazzjoni tal-prodott”* tfisser deskrizzjoni tal-istat ipproċessat tal-prodott tas-sajd jew parti minnu skont il-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet fl-Anness I;
- (14) *“Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd”* tfisser l-aġenzija kif definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 ⁽¹⁾;
- (15) *“ilmiħ”* tfisser kwalunkwe osservazzjoni ta' bastiment tas-sajd minn kwalunkwe awtorità kompetenti ta' Stat Membru;
- (16) *“informazzjoni sensitiva mil-lat kummerċjali”* tfisser informazzjoni li r-rilaxx tagħha x'aktarx li jippreġudika l-interessi kummerċjali ta' operatur;
- (17) *“sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata”* tfisser sistema li hija kapaċi tivverifika li d-dejta kollha rreġistrata fil-bażijiet tad-dejta tal-Istati Membri hija eżatta, kompleta u ppreżentata sad-dati tal-għeluq;
- (18) *“servizz tal-web”* tfisser sistema ta' softwer iddiżinjata biex tkun ta' sostenn għall-interazzjoni interoperabbli ta' sistema m'oħra fuq netwerk.

TITOLU II

IL-KUNDIZZJONIJET ĠENERALI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-ILMIJET U R-RIŻORSI

KAPITOLU I

Il-liċenzji tas-sajd

Artikolu 3

Il-ħruġ u l-ġestjoni tal-liċenzji tas-sajd

1. Il-liċenzja tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Kontroll għandha tkun valida għal bastiment tas-sajd tal-UE wieħed biss.
2. Il-liċenzji tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Kontroll għandhom jinħarġu u jiġu mmaniġġjati u rtirati mill-Istati Membri għall-bastimenti tas-sajd tagħhom skont dan ir-Regolament.
3. Il-liċenzji tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Kontroll għandu jkun fihom tal-anqas l-informazzjoni mogħtija fl-Anness II.
4. Il-liċenzji tas-sajd li nħarġu skont ir-Regolament (KE) Nru 1281/2005 għandhom jiġu kkunsidrati bħala liċenzji tas-sajd li nħarġu skont dan ir-Regolament jekk ikun fihom l-informazzjoni minima meħtieġa mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

⁽¹⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1

5. Il-liċenzja tas-sajd għandha tkun valida biss jekk jibqgħu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tkun inħarġet.

6. Jekk liċenzja tas-sajd tkun ġiet temporanjament sospiża jew jekk tkun ġiet irtirata b'mod permanenti, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom jinfurmaw immedjatement lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd.

7. Fi kwalunkwe mument il-kapaċità totali li tikkorrispondi għal-liċenzji tas-sajd maħruġa minn Stat Membru, f'TG jew kW, ma għandhiex tkun ogħla mil-livelli massimi ta' kapaċità għal dak l-Istat Membru stabbiliti skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2003 ⁽¹⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 ⁽²⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2004 ⁽³⁾.

KAPITOLU II

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

Artikolu 4

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Kontroll għandha tkun valida għal bastiment tas-sajd tal-UE wieħed biss.

2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Kontroll għandu jkun fihom tal-anqas l-informazzjoni mogħtija fl-Anness III. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li l-informazzjoni li tinsab fl-awtorizzazzjoni tas-sajd tkun eżatta u konsistenti mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

3. Il-permessi speċjali tas-sajd li nħarġu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 ⁽⁴⁾ għandhom jiġu kkunsidrati bħala awtorizzazzjonijiet tas-sajd li nħarġu skont dan ir-Regolament jekk ikun fihom l-informazzjoni minima meħtieġa mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. L-istess dokument jista' jkun fih awtorizzazzjoni tas-sajd kif imsemmija fil-paragrafu 2 u liċenzja tas-sajd kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

5. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali, bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' inqas minn 10 metri li jistadu biss fl-ilmijiet territorjali tal-Istati Membri tal-bandiera tagħhom għandhom jiġu esklużi mill-obbligu li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd.

6. Il-paragrafu 2 u l-paragrafu 5 tal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw korrispondentement.

Artikolu 5

Il-lista tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali, meta l-websajts kif imsemmija fl-Artikolu 114 tar-Regolament ta' Kontroll isiru

⁽¹⁾ ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 102, 07.4.2004, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 365, 10.12.2004, p. 19.

⁽⁴⁾ ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.

operattivi u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-lista tal-bastimenti tas-sajd tagħhom li rċevew l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Kontroll fil-parti sigura tal-websajts uffiċjali tagħhom qabel ma dawn l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd isiru validi. Huma għandhom jaġġornaw il-lista tagħhom f'każ li jkun hemm kwalunkwe tibdil fiha qabel ma dan it-tibdil jidħol fis-seħħ.

2. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011, fuq talba, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni lista tal-bastimenti tas-sajd tagħhom li rċevew awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-2011. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil f'din il-lista qabel ma dan it-tibdil jidħol fis-seħħ.

KAPITOLU III

L-immarkar u l-identifikazzjoni ta' bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-irkaptu tagħhom

Taqsim 1

L-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd

Artikolu 6

L-immarkar ta' bastimenti tas-sajd

Bastiment tas-sajd tal-UE għandu jiġi mmarkat kif ġej:

- (a) l-ittra/i tal-port jew tad-distrett li fih il-bastiment tas-sajd tal-UE huwa rreġistrat u n-numru/i li taħtom huwa rreġistrat għandhom jinżebgħu jew jintwerew b'mod ċar fuq iż-żewġ naħat tal-pruwa, fl-ogħla punt kemm jista' jkun 'il fuq mill-ilma, sabiex ikunu jistgħu jidhru b'mod ċar mill-baħar u mill-ajru, b'kulur li jikkuntrasta mal-isfond li fuqu huma miżbugħa;
- (b) għall-bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' aktar minn 10 metri iżda inqas minn 17-il metru, l-għoli tal-ittri u tan-numri għandu jkun tal-anqas 25 ċentimetru bi h'xuna ta' mhux anqas minn 4 ċentimetru. Għall-bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' 17-il metru jew aktar, l-għoli tal-ittri u tan-numri għandu jkun tal-anqas 45 ċentimetru, bi h'xuna ta' mhux anqas minn 6 ċentimetru;
- (c) l-Istat Membru tal-bandiera jista' jkun jeħtieġ li l-kodiċi internazzjonali tar-radju (IRCS) jew l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterna jinżebgħu fin-naħa ta' fuq tal-post tat-tmunier, sabiex ikunu jidhru b'mod ċar mill-ajru, u f'kulur li jikkuntrasta mal-isfond li fuqu huma miżbugħa;
- (d) il-kuluri kontrastanti għandhom ikunu l-abjad u l-iswed;
- (e) l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni miżbugħa jew li jidhru fuq il-buq tal-bastiment tas-sajd tal-UE ma għandhomx ikunu jistgħu jitneħħew u ma għandhomx jitħassru, jinbidlu, ma jkunx jistgħu jinqraw, jitgħattew jew jinbhew.

Artikolu 7

Id-dokumenti miżmuma abbord bastiment tas-sajd tal-UE

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' 10 metri jew aktar għandu jżomm abbord il-bastiment dokumenti, maħruġa minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa rreġistrat il-bastiment, li juru tal-anqas l-elementi li ġejjin dwar il-bastiment:

- (a) l-isem, jekk jeżisti;
- (b) l-ittri tal-port jew tad-distrett li fih hu rreġistrat, u n-numru (numri) li taħthom hu rreġistrat;
- (c) il-kodiċi internazzjonali tar-radju, jekk jeżisti;
- (d) l-ismijiet u l-indirizzi tas-sid (sidien) u, meta applikabbli, ta' min qed jikri l-bastiment;
- (e) it-tul totali, il-qawwa tal-magna, it-tunnellaġġ gross u, għall-bastimenti tas-sajd tal-UE li dahl fuq fis-servizz mill-1 ta' Jannar 1987 'il quddiem, id-data tad-dħul fis-servizz.

2. Fuq bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' 17-il metru jew aktar li jkun fihom kmamar tal-ħut, il-kaptan għandu jżomm abbord disinji preċiżi bid-deskrizzjoni tal-kmamar tal-ħut tal-bastiment, inkluża l-indikazzjoni tal-punti ta' aċċess kollha u tal-kapaċità tal-ħżin tagħhom f'metri kubi.

3. Il-kaptan ta' bastiment tal-UE b'tankijiet imkessħin tal-ilma baħar għandu jżomm abbord dokument aġġornat li jindika l-kalibrar tat-tankijiet f'metri kubi f'intervalli ta' 10 ċentimetri.

4. Id-dokumenti msemija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu ċċertifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. Kwalunkwe modifika tal-karatteristiċi li jinsabu fid-dokumenti msemija fil-paragrafi 1 sa 3 għandha tiġi ċċertifikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

5. Id-dokumenti msemija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ppreżentati għall-finijiet ta' kontroll u spezzjoni fuq talba tal-uffiċjali.

Taqsima 2

L-immarkar u l-identifikazzjoni tal-irkaptu tas-sajd u tad-dgħajjes

Artikolu 8

L-immarkar tad-dgħajjes u tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut

Kull dgħajsa miżmuma abbord bastimenti tas-sajd tal-UE u kwalunkwe rkaptu biex jinġema' l-ħut għandhom jiġu mmarkati bl-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni tal-bastiment(i) tas-sajd tal-UE li jużahom/jużawhom.

Artikolu 9

Ir-regoli ġenerali għall-irkaptu passiv u għax-xbieki tat-tkarkir bit-travu

1. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 9 sa 12 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu fl-ilmijiet kollha tal-UE u d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 13 sa 17 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għas-sajd fl-ilmijiet tal-UE li jsir iktar minn 12-il mil nawiha 'l barra mill-kosta, mkejla mil-linji bażiċi tal-Istati Membri kostali.

2. Fl-ilmijiet tal-UE għandu jiġi pprojbit, hekk kif stipulat fil-paragrafu 1, li jitwettqu attivitajiet tas-sajd b'irkaptu passiv, b'bagi u bi xbieki tat-tkarkir bit-travu li ma jkunux immarkati u identifikabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10 sa 17 ta' dan ir-Regolament.

3. Fl-ilmijiet tal-UE għandu jiġi pprojbit, hekk kif stipulat fil-paragrafu 1, li jinġarru abbord:

- (a) travi ta' xibka tat-tkarkir bit-travu li ma jkunx fihom l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;
- (b) irkaptu passiv li mhuwiex ittikkettat skont l-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament;
- (c) bagi li mhuwiex immarkati skont l-Artikolu 13(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Ir-regoli għax-xbieki tat-tkarkir bit-travu

Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jiżgura li kull xibka tat-tkarkir bit-travu mmuntata u miżmuma abbord jew użata għas-sajd ikollha mmarkati b'mod ċar, fuq kull travu tax-xibka tat-tkarkir bit-travu mmuntata, l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni ta' dak il-bastiment tas-sajd.

Artikolu 11

Ir-regoli għall-irkaptu passiv

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jiżgura li kull irkaptu passiv miżmum abbord jew użat għas-sajd ikun immarkat b'mod ċar u identifikabbli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Kull irkaptu passiv użat għas-sajd għandu juri b'mod permanenti l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni mmarkati fuq il-buq tal-bastiment tas-sajd li jappartjeni għalih:

- (a) għax-xbieki, fuq tikketta mwaħħla mal-ewwel filliera minn fuq;
- (b) għal-lenez u l-konzijiet, fuq tikketta fil-punt ta' kuntatt mal-baga li magħha jintrabat il-bastiment tas-sajd;

- (c) għall-pots u n-nases, fuq tikketta mwaħħla mal-ħabel ta' taħt;
- (d) għall-irkaptu passiv li jestendi għal iżjed minn mil nawtiku wieħed, fuq tikketti mwaħħla skont il-punti (a), (b) u (c) f'intervalli regolari li ma jaqbżux il-mil nawtiku sabiex ebda parti mill-irkaptu passiv li jestendi għal iżjed minn mil nawtiku wieħed ma titħalla mhix immarkata.

Artikolu 12

Ir-regoli għat-tikketti

1. Kull tikketta għandha:
 - (a) tkun magħmula minn materjal li jdum għal tul ta' żmien;
 - (b) tkun imqabbdha tajjeb mal-irkaptu;
 - (c) tkun wiesgħa tal-anqas 65 millimetru;
 - (d) tkun twila tal-anqas 75 millimetru.
2. It-tikketta ma għandhiex tkun tista' titneħħa u ma għandhiex titħassar, tinbidel, ma tkunx tista' tinqara, titgħatta jew tinħeba.

Artikolu 13

Ir-regoli għall-bagi

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jiżgura li żewġ bagi li jimmarkaw it-truf u bagi ta' mmakar intermedjarji, armati skont l-Anness IV, jitwāhħlu ma' kull irkaptu passiv użat għas-sajd u jintużaw skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.
2. Kull бага li timmarka t-tarf u kull бага intermedjarja għandu jkollha fuqha l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni mmakati fuq il-buq tal-bastiment tas-sajd tal-UE li tappartjeni għalih u li jkun qiegħed daww il-bagi, kif ġej:
 - (a) l-ittri u n-numri għandhom jintwerew kemm jista' jkun 'il fuq mill-ilma sabiex ikunu jidhru b'mod ċar;
 - (b) b'kulur li jikkuntrasta mas-superfiċje li qed jintwerew fuqu.
3. L-ittri u n-numri li jidhru fuq il-baga ta' mmakar ma għandhomx jitħassru, jinbidlu jew jitħallew jiġu fi stat li ma jkunux jistgħu jinqraw.

Artikolu 14

Ir-regoli għall-habliet

1. Il-habliet li jorbtu l-bagi mal-irkaptu passiv għandhom ikunu ta' materjal sommerġibbli, jew għandhom jinżammu 'l isfel bil-piż.

2. Il-habliet li jorbtu l-bagi li jimmarkaw it-truf ma' kull irkaptu għandhom jitqabbdha mat-truf ta' dak l-irkaptu.

Artikolu 15

Ir-regoli għall-bagi li jimmarkaw it-truf

1. Il-bagi li jimmarkaw it-truf għandhom jitqiegħdu b'tali mod li kull tarf tal-irkaptu jiġi determinat fi kwalunkwe ħin.
2. L-arblu ta' kull бага li timmarka t-tarf għandu jkun tal-anqas metru (1) 'l fuq mill-livell tal-baħar meta jitkejjel min-naħa ta' fuq tal-baga sat-tarf il-baxx tal-bandiera li qiegħda l-aktar 'l isfel.
3. Bagi li jimmarkaw it-tarf għandhom ikunu kkuluriti, iżda ma jistgħux ikunu ħomor jew ħodor.
4. Kull бага li timmarka t-tarf għandha tinkludi:
 - (a) bandiera rettangolari waħda jew żewġ ibnadar rettangolari; fejn ikunu jenħtieġu żewġ ibnadar fuq l-istess бага, id-distanza bejniethom għandha tkun tal-anqas ta' 20 ċentimetru. Il-bnadar li jindikaw it-trufijiet tal-istess irkaptu għandhom ikunu tal-istess kulur u tal-istess daqs u ma jistgħux ikunu bojod;
 - (b) daww wieħed jew tnejn, li għandhom ikunu sofor u jteptpu darba kull ħames sekondi (F1 Y 5s), u li għandhom ikunu jidhru minn distanza minima ta' żewġ mili nawtiċi.
5. Kull бага li timmarka t-tarf tista' tinkudi sinjal fuq in-naħa ta' fuq tal-baga b'faxxa waħda jew tnejn li jixegħlu u li ma jistgħux ikunu ħomor jew ħodor u għandhom ikunu wesgħin tal-anqas 6 ċentimetri.

Artikolu 16

Ir-regoli għat-twāhħil ta' bagi li jimmarkaw it-truf

1. Il-bagi li jimmarkaw it-truf għandhom jitwāhħlu mal-irkaptu passiv kif ġej:
 - (a) il-baga fis-settur tal-Punent (jiġifieri nofs iċ-ċirku tal-kumpass min-Nofsinhar għall-Punent sa u li jinkludi t-Tramuntana(a) għandha tintrama b'żewġ ibnadar, żewġ faxex jixegħlu, żewġ idwal u tikketta skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament;
 - (b) il-baga fis-settur tal-Lvant (jiġifieri nofs iċ-ċirku tal-kumpass mit-Tramuntana għal-Lvant sa u li jinkludi n-Nofsinhar) għandha tintrama b'bandiera waħda u faxxa waħda bl-istrixxi li tixħet id-dawl, daww wieħed u tikketta skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.
2. It-tikketta għandu jkollha l-informazzjoni li tinsab fl-Artikolu 13(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Il-bagi ta' mmakar intermedjarji

1. Il-bagi ta' mmakar intermedjarji għandhom ikunu mwaħħlin mal-irkaptu passiv li jkun fih aktar minn ħames mili nawtiċi kif ġej:

- (a) il-bagi ta' mmakar intermedjarji għandhom jitqiegħdu f'distanzi ta' mhux aktar minn ħames mili nawtiċi minn xulxin, sabiex l-ebda parti mill-irkaptu li jkun fih ħames mili nawtiċi jew aktar ma titħalla mhix immarkata;
- (b) il-bagi ta' mmakar intermedjarji għandu jkollhom installat dawl wieħed li għandu jkun isfar u jkun iteptep darba kull ħames sekondi (F1 Y 5s), u li għandu jkun jidher minn distanza minima ta' żewġ mili nawtiċi. Għandu jkollhom l-istess karatteristiċi bħall-baga li timmarka t-tarf fis-settur tal-Lvant għajr għal-lewn tal-bandiera, li għandu jkun abjad.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fil-Baħar Baltiku l-bagi ta' mmakar intermedjarji għandhom ikunu mwaħħlin mal-irkaptu passiv li jkun fih aktar minn mil nawtiku wieħed. Il-bagi ta' mmakar intermedjarji għandhom jitqiegħdu f'distanzi ta' mhux iżjed minn mil nawtiku minn xulxin, sabiex ebda parti mill-irkaptu li jestendi mil nawtiku wieħed jew iżjed ma titħalla mhix immarkata.

Il-bagi ta' mmakar intermedjarji għandu jkollhom l-istess karatteristiċi bħall-baga li timmarka t-tarf fis-settur tal-Lvant hliex għal dan li ġej:

- (a) il-bnadar għandhom ikunu bojod;
- (b) kull ħames бага ta' mmakar intermedjarja għandu jkollha riflettur tar-radar li jagħmel eku li jwassal għal tal-anqas żewġ mili nawtiċi.

KAPITOLU IV

Is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

Artikolu 18

Ir-rekwiżit ta' apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita fuq il-bastimenti tas-sajd tal-UE

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(3) ta' dan ir-Regolament, bastiment tas-sajd tal-UE li huwa suġġett għall-VMS ma għandux jitħalla jħalli port mingħajr ma jkollu installat abbord apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita li jaħdem sewwa.

2. Meta bastiment tas-sajd tal-UE jkun fil-port l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita jista' jintefa:

- (a) jekk tkun ingħatat notifika minn qabel liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd (FM(C)) tal-Istat Membru tal-bandiera u lill-FMC tal-Istat Membru kostali; u
- (b) jekk ir-rapport ta' wara juri li l-bastiment tas-sajd tal-UE ma jkunx biddel il-pożizzjoni tiegħu meta mqabbel mar-rapport preċedenti.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jistgħu jippermettu li n-notifika minn qabel imsemmija fil-punt (a) tinbidel b'messaġġ awtomatiku tal-VMS jew b'allarm iġġenerat mis-sistema, li jindikaw li l-bastiment tas-sajd tal-UE qiegħed f'żona ġeografika predefinita ta' port.

3. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-UE użati biss għall-isfruttar tal-akkwakultura.

Artikolu 19

Il-karatteristiċi tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita

1. L-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord bastimenti tas-sajd tal-UE għandu jiżgura l-komunikazzjoni awtomatika lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera, f'intervalli regolari, ta' dejta marbuta:

- (a) mal-identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd,
- (b) mal-pożizzjoni ġeografika l-iżjed riċenti tal-bastiment tas-sajd, bi żball ta' pożizzjoni li għandu jkun ta' inqas minn 500 metru, b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %,
- (c) mad-data u l-ħin (espressi f'Ħin Universali Kkoordinat (UT(C))) tal-iffissar tal-pożizzjoni msemmija tal-bastiment tas-sajd, u
- (d) mal-veloċità u r-rotta tal-bastiment tas-sajd f'dak il-mument eżatt.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita jkun protett mid-dħul jew mill-ħruġ ta' pożizzjonijiet foloz u għandhom jiżguraw li l-pożizzjonijiet ma jistgħux jitranġaw manwalment.

Artikolu 20

Ir-responsabbiltajiet tal-kaptani dwar l-apparati ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita

1. Il-kaptani ta' bastiment tas-sajd tal-UE għandhom jiżguraw li l-apparati ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita jkunu jaħdmu sewwa l-ħin kollu u li tintbagħat id-dejta msemmija fl-Artikolu 19(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE għandu jiżgura, b'mod partikolari, li:

- (a) id-dejta ma tinbidel bl-ebda mod,
- (b) l-antenna jew l-antenni konnessi mal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita ma jiġu ostakolati, skonnessi jew ibblukkati bl-ebda mod,
- (c) il-provvista tal-enerġija tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita ma tiġi interrotta bl-ebda mod, u
- (d) l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita ma jitneħ-hiex mill-bastiment tas-sajd.

3. Għandu jiġi pprobit li l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita jiġi distrutt, issirlu ħsara, ma jitħalliex fi stat li jaħdem sewwa jew issirlu interferenza ta' xort'oħra sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera ma jkunux awtorizzaw it-tiswija jew is-sostituzzjoni tiegħu.

Artikolu 21

Il-miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri tal-bandiera

Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jiżgura l-monitoraġġ u l-kontroll kontinwi u sistematiċi tal-eżattezza tad-dejta msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, u għandu jaġixxi mill-ewwel kull meta d-dejta tinstab li ma tkunx eżatta jew kompluta.

Artikolu 22

Il-frekwenza tal-komunikazzjoni tad-dejta

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-FMC tiegħu jirċievi, tal-anqas darba kull sagħtejn, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament dwar il-bastimenti tas-sajd tiegħu permezz tal-VMS. L-FMC jista' jkun jeħtieġ l-informazzjoni f'intervalli iżjed qosra.

2. L-FMC għandu jkollu l-kapaċità li jsejwi l-pożizzjoni attwali ta' kull bastiment tas-sajd tiegħu.

Artikolu 23

Il-monitoraġġ tad-dħul f'żoni speċifiċi u tal-ħruġ minnhom

Kull Stat Membru għandu jiżgura li, permezz tad-dejta tal-VMS, l-FMC tiegħu jwettaq monitoraġġ, fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tiegħu, tad-data u l-ħin tad-dħul fi u l-ħruġ minn:

- (a) kwalunkwe żona marittima fejn japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi;
- (b) żoni ristretti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 50 tar-Regolament ta' Kontroll;
- (c) żoni regolatorji tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd li l-Unjoni Ewropea jew ċerti Stati Membri jiffurmaw parti minnhom;
- (d) ilmijiet taħt is-sovranià u l-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz.

Artikolu 24

Il-komunikazzjoni ta' dejta lill-Istat Membru kostali

1. Il-VMS stabbilita minn kull Stat Membru għandha tiżgura l-komunikazzjoni awtomatika lill-FMC ta' Stat Membru kostali, tad-dejta li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 19 ta' dan

ir-Regolament fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tiegħu fiż-żmien meta dawn ikunu qegħdin fl-ilmijiet tal-Istat Membru kostali. Dik il-komunikazzjoni tad-dejta għandha ssir fl-istess ħin li fih issir il-komunikazzjoni fl-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera u għandha tkun skont il-format mogħti fl-Anness V.

2. L-Istati Membri kostali li jimmonitarjaw żona b'mod konġunt jistgħu jispeċifikaw destinazzjoni komuni għall-komunikazzjoni tad-dejta li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn biha.

3. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, fejn hu possibbli f'format elettroniku li huwa kompatibbli mas-Sistema Ġeodetika Dinjija tal-1984 (WGS 84), lista komprensiva tal-koordinati tal-latitudni u tal-lonġitudni li jimmarkaw iż-żona ekonomika esklussiva jew iż-żona tas-sajd esklussiva tiegħu. Għandu jikkomunika wkoll kull tibdil f'dawn il-koordinati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istati Membri jistgħu minflok jippubblikaw din il-lista fil-websajt imsemmija fl-Artikolu 115 tar-Regolament ta' Kontroll.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward tal-komunikazzjoni tad-dejta tal-VMS skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' Kontroll, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' proċeduri ċari u dokumentati għal dan il-fini.

Artikolu 25

Il-ħsara teknika jew in-nuqqas ta' funzjonament tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita

1. Fil-każ ta' ħsara teknika jew tan-nuqqas ta' funzjonament tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord bastiment tas-sajd tal-UE, il-kaptan jew ir-rappreżentant tiegħu għandu, mill-ħin li fih ikun ġie osservat dan l-avveniment jew mill-ħin li fih ikun ġie infurmat b'dan skont il-paragrafu 4 jew l-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, jikkomunika, kull erba' sigħat, lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera l-koordinati ġeografiċi aġġornati tal-bastiment tas-sajd permezz ta' mezzi tat-telekomunikazzjoni xierqa. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-mezzi tat-telekomunikazzjoni li għandhom jintużaw u għandhom jindikawhom fuq il-websajt imsemmija fl-Artikolu 115 tar-Regolament ta' Kontroll.

2. L-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera għandu jdaħħal il-pożizzjonijiet ġeografiċi msemmija fil-paragrafu 1 fil-bażi tad-dejta tal-VMS mingħajr dewmien hekk kif jaslu. Id-dejta manwali tal-VMS għandha tkun distinta b'mod ċar f'bażi tad-dejta mill-messaġġi awtomatiċi. Fejn ikun xieraq, dik id-dejta manwali tal-VMS għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien lill-Istati Membri kostali.

3. Wara ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, bastiment tas-sajd tal-UE jista' jħalli l-port biss hekk kif l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord ikun qiegħed jaħdem b'mod sħiħ u li jissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti tal-istat tal-bandiera. B'deroga, l-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera jista' jawtorizza lill-bastimenti tas-sajd tiegħu sabiex iħallu l-port b'apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita li ma jkunx qed jaħdem sew biex dan jissewja jew jinbidel.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew, fejn ikun xieraq, tal-Istat Membru kostali għandhom ifittxu li jinfurmaw lill-kaptan jew lill-persuna responsabbli għall-bastiment jew lir-rappreżentant tagħhom meta l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord bastiment tas-sajd tal-UE jidher difettuż jew jidher li ma jkunx qiegħed jaħdem b'mod sħiħ.

5. It-tneħħija tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita biex jissewja jew jinbidel għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

Artikolu 26

Id-dejta mhix ikkomunikata

1. Meta l-FMC ta' Stat Membru tal-bandiera ma jkunx irċieva komunikazzjonijiet tad-dejta skont l-Artikolu 22 jew 25(1) ta' dan ir-Regolament għal tnax-il siegħa konsekuttivi, għandu javża lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew lir-rappreżentant(i) tagħhom b'dan malajr kemm jista' jkun. Jekk, fir-rigward ta' bastiment tas-sajd tal-UE partikolari, dik is-sitwazzjoni sseħħ iżjed minn tliet darbiet fi żmien sena kalendarja, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita tal-bastiment tas-sajd jiġi kkontrollat sew. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinvestiga l-kwistjoni sabiex jiġi stabbilit jekk l-apparat kienx imbagħbas. B'deroga mill-Artikolu 20(2)(d) ta' dan ir-Regolament, dik l-investigazzjoni tista' tfisser li l-apparat jitneħħa biex jiġi eżaminat.

2. Meta l-FMC ta' Stat Membru tal-bandiera ma jkunx irċieva komunikazzjonijiet tad-dejta għal tnax-il siegħa skont l-Artikolu 22 jew l-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament u l-aħħar pożizzjoni li tkun waslet tkun ġiet mill-ilmijiet ta' Stat Membru ieħor, dan għandu javża lill-FMC ta' dak l-Istat Membru kostali b'dan malajr kemm jista' jkun.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru kostali josservaw bastiment tas-sajd tal-UE fl-ilmijiet tagħhom u ma jkunux irċieva dejta skont l-Artikolu 24(1) jew 25(2) ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom javżaw lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera.

Artikolu 27

Il-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dejta li jirċievu skont l-Artikoli 22, 24(1) u 25 ta' dan ir-Regolament għall-monitoraġġ effettiv tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd.

2. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom:

- (a) jiżguraw li d-dejta li jirċievu skont dan il-Kapitolu tiġi rreġistrata f'għamla li tinqara mill-kompjuter u li din tinħażen b'mod sikur f'bażijiet tad-dejta kompjuterizzati għal tal-anqas tliet snin;
- (b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li din id-dejta tintuża biss għal finijiet uffiċjali; u
- (c) jieħdu l-miżuri tekniċi kollha meħtieġa biex jipproteġu din id-dejta minn xi distruzzjoni inċidentali jew illeċita, minn telf inċidentali, deterjorament, distribuzzjoni jew konsultazzjoni mhix awtorizzata.

Artikolu 28

L-aċċess għad-dejta mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 111(1)(a) tar-Regolament ta' Kontroll, biex jiżguraw il-komunikazzjoni awtomatika lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, tad-dejta li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament dwar grupp speċifiku ta' bastimenti tas-sajd u waqt ħin speċifiku. Dik il-komunikazzjoni tad-dejta għandha ssir fl-istess ħin li fiha issir il-komunikazzjoni fl-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera u għandha tkun skont il-format mogħti fl-Anness V.

TITOLU III

IL-KONTROLL TAS-SAJD

KAPITOLU I

Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni tat-trażbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art fuq il-karta

Taqsimat 1

Il-Kompletar u l-Preżentazzjoni Tal-Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd, id-Dikjarazzjoni tal-Ħatt l-Art u d-Dikjarazzjoni Tat-Trażbord Fuq il-Karta

Artikolu 29

Il-bastimenti tas-sajd tal-UE li huma suġġetti għall-kompletar u l-preżentazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art/tat-trażbord fuq il-karta

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi mogħtija fil-pjanijiet multiannwali, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE ta' tul totali ta' 10 metri jew aktar li mhuwiex suġġett għall-kompletar u l-komunikazzjoni, b'mod elettroniku, tad-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, għandu jimla u jippreżenta d-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art imsemmija fl-Artikoli 14, 21 u 23 tar-Regolament ta' Kontroll, fuq il-karta. Dawn id-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art jistgħu jintlew u jiġu ppreżentati wkoll mir-rappreżentant tal-kaptan f'ismu.

2. Ir-rekwiżiti li jmtlew u jiġu ppreżentati d-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art fuq il-karta għandhom japplikaw ukoll għall-bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' inqas minn 10 metri meta dawn ikunu meħtieġa mill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom li jżommu ġurnal ta' abbord tas-sajd u li jippreżentaw dikjarazzjonijiet tat-trażbord u/jew tal-ħatt l-art skont l-Artikoli 16(3) u 25(3) tar-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 30

Il-mudelli għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd, għad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u għad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art fuq il-karta

1. Għaż-żoni kollha tas-sajd, ħlief għas-subżona 1 tan-NAFO u għad-diviżjonijiet tal-ICES numri V(a) u XIV, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni tat-trażbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art fuq il-karta għandhom jmtlew u jiġu ppreżentati mill-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-UE skont il-mudell muri fl-Anness VI. Madankollu, l-mudell muri fl-Anness VII jista' jintuża għall-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa biss fil-Mediterran mill-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-UE li mhumiex suġġetti għall-obbligu li jikkomunikaw ġurnal ta' abbord tas-sajd, dikjarazzjoni tat-trażbord u dikjarazzjoni tal-ħatt l-art b'mod elettroniku, u li jagħmlu vjaġġi tas-sajd kuljum f'żona tas-sajd waħda.

2. Għas-subżona 1 tan-NAFO u għad-diviżjonijiet tal-ICES V(a) u XIV, il-format mogħti fl-Anness VIII għandu jintuża għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta u l-format mogħti fl-Anness IX għandu jintuża għad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u għad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art fuq il-karta.

3. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni tat-trażbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art fuq il-karta fil-format mogħti fl-Annessi VI u VII għandhom jinżammu wkoll skont il-paragrafi 1 u l-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament meta bastimenti tas-sajd tal-UE bħal dawn ikunu qegħdin iwettqu attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiż terz, filmijiet regolati minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd jew filmijiet barra l-ilmijiet tal-UE li mhumiex regolati minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, sakemm il-pajjiż terz jew ir-regoli tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd ikkonċernata ma jkunux jeħtieġu, b'mod speċifiku, li jmtlew u jiġu ppreżentati ġurnal ta' abbord tas-sajd, dikjarazzjoni tat-trażbord jew dikjarazzjoni tal-ħatt l-art ta' tip differenti. Jekk il-pajjiż terz ma jispeċifikax ġurnal ta' abbord tas-sajd partikolari, iżda jkun jeħtieġ elementi tad-dejta differenti minn dawk meħtieġa mill-Unjoni Ewropea, dawn l-elementi tad-dejta għandhom jiġu reġistrati.

4. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw ġurnali ta' abbord tas-sajd f'format ta' fuq il-karta f'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 2807/83 għal bastimenti tas-sajd tal-UE li mhumiex suġġetti għall-kompletar u l-komunikazzjoni, b'mod elettroniku, tad-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd skont l-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Kontroll, sakemm jintużaw l-istokkijiet tal-ġurnali ta' abbord tas-sajd f'format ta' fuq il-karta kollha.

Artikolu 31

L-istruzzjonijiet għall-kompletar u l-preżentazzjoni tal-ġurnali ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art fuq il-karta

1. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni tat-trażbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art fuq il-karta għandhom jmtlew u jiġu ppreżentati skont l-istruzzjonijiet mogħtija fl-Anness X.

2. Fejn l-istruzzjonijiet mogħtija fl-Anness X jiddikjaraw li l-applikazzjoni ta' regola hija fakultattiva, l-Istat Membru tal-bandiera jista' jagħmilha obbligatorja.

3. L-annotazzjonijiet kollha fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, fid-dikjarazzjoni tat-trażbord jew fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandhom ikunu jistgħu jinqraw u ma jkunux jistgħu jitħassru. Ebda annotazzjoni ma għandha titħassar jew tinbidel. Jekk isir żball l-annotazzjoni ħażina għandha tinqata' b'linja waħda u l-annotazzjoni t-tajba għandha tinkiteb bl-inizjali tal-kaptan ħdejha. Kull linja għandu jkollha l-inizjali tal-kaptan.

4. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew, għad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, ir-rappreżentant tiegħu għandu jiċċertifika bl-inizjali jew bil-firma tiegħu li l-annotazzjonijiet fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, fid-dikjarazzjoni tat-trażbord u fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art huma korretti.

Artikolu 32

Id-dati ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tat-trażbord u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art fuq il-karta

1. Meta bastiment tas-sajd tal-UE jkun wettaq ħatt l-art f'port jew trażbord f'port jew f'port qrib ix-xatt tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, il-kaptan tiegħu għandu jippreżenta l-ġurnal oriġinali ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni oriġinali tat-trażbord u d-dikjarazzjoni oriġinali tal-ħatt l-art kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jsir it-trażbord jew il-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Dikjarazzjoni oriġinali tat-trażbord u dikjarazzjoni oriġinali tal-ħatt l-art bħal dawn jistgħu jiġu ppreżentati wkoll mir-rappreżentant tal-kaptan f'ismu.

2. Meta ma jinħattu l-art ebda qabdiet wara vjaġġ tas-sajd, il-kaptan għandu jippreżenta l-ġurnal oriġinali ta' abbord tas-sajd u d-dikjarazzjoni oriġinali tat-trażbord malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara l-wasla fil-port. Dikjarazzjoni oriġinali tat-trażbord bħal din tista' tiġi ppreżentata wkoll mir-rappreżentant tal-kaptan f'ismu.

3. Meta bastiment tas-sajd tal-UE jkun wettaq trażbord f'port jew f'port qrib ix-xatt jew meta jkun ħatt l-art f'port ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, għandu jippreżenta l-ewwel kopja (kopji) tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tat-trażbord u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara t-trażbord jew il-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun seħħ it-trażbord jew il-ħatt l-art. Il-ġurnal oriġinali ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni oriġinali tat-trażbord u d-dikjarazzjoni oriġinali tal-ħatt l-art għandhom jinbawgħu malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara t-trażbord jew il-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

4. Meta bastiment tas-sajd tal-UE ikun wettaq trażbord f'port jew fl-ilmijiet ta' pajjiż terz jew fl-ibħra miftuħa jew ikun ħatt l-art f'port ta' pajjiż terz, għandu jibgħat il-ġurnal ta' abbord oriġinali tas-sajd, id-dikjarazzjoni oriġinali tat-trażbord u d-dikjarazzjoni oriġinali tal-ħatt l-art malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara t-trażbord jew il-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

5. Meta pajjiż terz jew ir-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd ikunu jeħtieġu tip ta' ġurnal ta' abbord tas-sajd, ta' dikjarazzjoni tat-trażbord jew ta' dikjarazzjoni tal-ħatt l-art differenti minn daww mogħtija fl-Anness VI, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-UE għandu jippreżenta kopja ta' dak id-dokument lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara t-trażbord jew il-ħatt l-art.

Taqsim 2

Ir-regoli speċifiċi għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta

Artikolu 33

Il-kompletar ta' ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta

1. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta għandu jimtela bl-informazzjoni obbligatorja kollha anke meta ma jkunx hemm qabdiet:

- (a) kuljum sa mhux aktar tard minn nofsillejl (24:00) u qabel ma jidħol fil-port;
- (b) kull meta ssir spezzjoni fuq il-baħar;
- (c) meta jseħħu l-avvenimenti ddefiniti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja jew mill-Istat Membru tal-bandiera.

2. Għandha timtela linja ġdida fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta:

- (a) għal kull jum fuq il-baħar;
- (b) meta jsir sajd f'Diviżjoni ġdida tal-ICES jew f'żona tas-sajd oħra fl-istess jum;
- (c) meta tiddaħħal dejta dwar l-isforz tas-sajd.

3. Għandha timtela paġna ġdida fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta:

- (a) meta jintuża rkaptu differenti, jew xibka b'firxa ta' daqs tal-malji differenti minn dik tal-irkaptu preċedenti;
- (b) għal kwalunkwe sajd li jsir wara trażbord jew ħatt l-art intermedju;
- (c) jekk l-għadd ta' kolonni mhuwiex suffiċjenti;
- (d) mat-tluq minn port fejn ma jkun seħħ ebda ħatt l-art.

4. Mat-tluq minn port, jew wara li titlesta operazzjoni tat-trażbord, u meta jibgħu abbord xi qabdiet, il-kwantitajiet ta'

kull speċi għandhom jiġu indikati fuq paġna ġdida tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

5. Il-kodiċijiet mogħtija fl-Anness XI għandhom japplikaw biex jiġi indikat, taħt l-intestatura x-xierqa tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta, l-irkaptu tas-sajd użat.

Taqsim 3

Ir-regoli speċifiċi għad-dikjarazzjoni tat-trażbord u għad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art fuq il-karta

Artikolu 34

Il-konsenja tad-dikjarazzjoni tat-trażbord fuq il-karta

1. Fil-każ ta' operazzjoni ta' trażbord bejn żewġ bastimenti tas-sajd tal-UE, meta titlesta l-operazzjoni tat-trażbord il-kaptan tal-bastiment tas-sajd li jkun qiegħed iwettaq it-trażbord jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jagħti kopja tad-dikjarazzjoni tat-trażbord fuq il-karta tal-bastiment tiegħu lill-kaptan tal-bastiment li qed jirċievi l-ħut jew lir-rappreżentant tiegħu. Il-kaptan tal-bastiment li qed jirċievi l-ħut jew ir-rappreżentant tiegħu, meta l-operazzjoni tat-trażbord tkun lesta wkoll għandu jagħti kopja tad-dikjarazzjoni tat-trażbord fuq il-karta tal-bastiment tiegħu lill-kaptan tal-bastiment li jkun qiegħed iwettaq it-trażbord jew lir-rappreżentant tiegħu.

2. Il-kopji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppreżentati, għall-finijiet ta' kontroll u spezzjoni, fuq talba ta' uffiċjal.

Artikolu 35

L-iffirmar tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art

Kull paġna tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandha tiġi ffirmata qabel il-preżentazzjoni mill-kaptan jew mir-rappreżentant tiegħu.

KAPITOLU II

Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u d-dikjarazzjoni tat-trażbord f'format elettroniku

Taqsim 1

Il-kompletar u l-komunikazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u tad-dikjarazzjoni tat-trażbord f'format elettroniku

Artikolu 36

Ir-rekwiżit tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar fuq bastimenti tas-sajd tal-UE

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 39(4) ta' dan ir-Regolament, bastiment tas-sajd tal-UE li huwa suġġett għall-kompletar u l-komunikazzjoni, b'mod elettroniku, ta' ġurnal ta' abbord tas-sajd, ta' dikjarazzjoni tat-trażbord u ta' dikjarazzjoni tal-ħatt l-art skont l-Artikoli 15, 21 u 24 tar-Regolament ta' Kontroll ma għandux jitħalla jħalli port mingħajr ma jkollu sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar installata abbord li taħdem b'mod sħiħ.

2. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-UE użati biss għall-isfruttar tal-akkwakultura.

Artikolu 37

Il-format għall-komunikazzjoni tad-dejta minn bastiment tas-sajd tal-UE lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera tiegħu

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-format li għandu jintuża bejn il-bastimenti tas-sajd tal-UE li jtajru l-bandiera tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-kompletar u l-komunikazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tat-trażbord u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art kif imsemmi fl-Artikoli 15, 21 u 24 tar-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 38

Il-messaġġi ta' konferma

1. Għandhom jinħarġu messaġġi ta' konferma lill-bastimenti tas-sajd tal-UE għal kull komunikazzjoni ta' dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tat-trażbord, ta' notifika minn qabel u tal-ħatt l-art. Il-messaġġ ta' konferma għandu jiġbor fih rikonoxximent tal-irċevuta.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE għandu jżomm il-messaġġ ta' konferma sa tmiem il-vjaġġ tas-sajd.

Artikolu 39

Id-dispożizzjonijiet fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u rappurtar

1. Fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar installata abbord bastiment tas-sajd tal-UE, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom, minn x'ħin ikun ġie osservat l-avveniment jew minn x'ħin ikun ġew infurmati skont l-Artikolu 40(1) ta' dan ir-Regolament, jikkomunikaw id-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tat-trażbord u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera permezz ta' mezzi tat-telekomunikazzjoni xierqa kuljum u sa mhux aktar tard minn nofsillejl (24:00), anke meta ma jkunx hemm qabdiet. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-mezzi tat-telekomunikazzjoni li għandhom jintużaw u għandhom jindikawhom fuq il-websajt imsemmija fl-Artikolu 115 tar-Regolament ta' Kontroll.

2. Fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar, id-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tat-trażbord għandha tintbagħat ukoll:

- (a) meta din tintalab mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera;
- (b) minnufih wara li tintemm l-aħħar sajda jew wara li jitlestha t-trażbord;
- (c) qabel id-dħul fil-port;
- (d) kull meta ssir spezzjoni fuq il-baħar;

(e) meta jseħħu l-avvenimenti ddefiniti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja jew mill-Istat tal-bandiera.

Id-dejta tan-notifika minn qabel u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandha tintbagħat ukoll fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (e).

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom idaħħlu d-dejta msemmija fil-paragrafu 1 fil-bażi tad-dejta elettroniku mingħajr dewmien hekk kif jirċevuha.

4. Wara li jkollu ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar tiegħu, bastiment tas-sajd tal-UE jista' jitlaq minn port biss hekk kif is-sistema ta' reġistrazzjoni u rappurtar installata abbord tkun qed taħdem sewwa b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew biss jekk ikun awtorizzat jitlaq b'mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika immedjatament lill-Istat Membru kostali meta jkun awtorizza lil wieħed mill-bastimenti tas-sajd tiegħu biex jitlaq minn port tal-Istat Membru kostali b'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar li ma tkunx qed taħdem.

5. It-tneħħija tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar biex tisewwa jew tinbidel għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

Artikolu 40

Id-dejta mhix ikkomunikata

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-bandiera ma jkunux irċevew komunikazzjonijiet tad-dejta skont l-Artikoli 15, 22 u 24 tar-Regolament ta' Kontroll, dawn għandhom jinnotifikaw lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew lir-rappreżentant(i) tagħhom b'dan malajr kemm jista' jkun. Jekk, fir-rigward ta' bastiment tas-sajd tal-UE partikolari, dik is-sitwazzjoni sseħħ iżjed minn tliet darbiet fi żmien sena kalendarja, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li s-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar tal-bastiment tas-sajd tiġi kkontrollata sew. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinvestiga l-kwistjoni sabiex jistabilixxi għalfejn ma waslet l-ebda dejta u għandu jieħdu l-miżuri meħtieġa.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-bandiera ma jkunux irċevew komunikazzjonijiet tad-dejta skont l-Artikoli 15, 22 u 24 tar-Regolament ta' Kontroll u l-aħħar pozzizzjoni li tkun waslet permezz tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti tkun mill-ilmijiet ta' Stat Membru kostali dawn għandhom javżaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru kostali b'dan malajr kemm jista' jkun.

3. Il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew ir-rappreżentant tagħhom għandu jibgħat id-dejta kollha li tkun għadha ma ġietx ikkomunikata u li dwarha tkun waslet notifika skont il-paragrafu 1 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera immedjatament hekk kif tasal in-notifika.

Artikolu 41

In-nuqqas ta' aċċess għad-dejta

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru kostali josservaw bastiment tas-sajd tal-UE ta' Stat Membru ieħor fl-ilmijiet tagħhom u ma jkollhomx aċċess għad-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd jew għad-dejta tat-trażbord skont l-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera biex jiżguraw l-aċċess għal dik id-dejta.

2. Jekk l-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1 ma jiġix żgurat fi żmien erba' sigħat minn x'ħin jintalab, l-Istat Membru kostali għandu javża lill-Istat Membru tal-bandiera. Malli jirċievi n-notifika, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat id-dejta immedjament lill-Istat Membru kostali bi kwalunkwe mezz elettroniku disponibbli.

3. Jekk l-Istat Membru kostali ma jirċevix id-dejta msemmija fil-paragrafu 2, il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew ir-rappreżentant tagħhom għandu jibgħat id-dejta u kopja tal-messaġġ ta' konferma msemmi fl-Artikolu 38 ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali fuq talba u bi kwalunkwe mezz disponibbli, u jekk possibbli għandu jagħmel dan b'mod elettroniku. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-mezzi li għandhom jintużaw u għandhom jindikawhom fuq il-websajt imsemmija fl-Artikolu 115 tar-Regolament ta' Kontroll.

4. Jekk il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew ir-rappreżentant tagħhom ma jkunx jista' jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali b'kopja tal-messaġġ ta' konferma msemmi fl-Artikolu 38 ta' dan ir-Regolament, l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Istat Membru kostali mill-bastiment tas-sajd ikkonċernat għandhom ikunu pprojbti sa ma l-kaptan, l-operatur tal-bastiment tas-sajd jew ir-rappreżentant tiegħu jkun jista' jipprovdi kopja tal-messaġġ ta' konferma jew tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Kontroll lill-awtoritajiet imsemmija.

Artikolu 42

Id-dejta dwar il-funzjonament tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom iżommu bażijiet tad-dejta dwar il-funzjonament tas-sistema elektronika ta' reġistrazzjoni u rappurtar tagħhom. Dawk il-bażijiet tad-dejta għandu jkun fihom tal-anqas l-informazzjoni li ġejja u għandhom ikunu kapaċi jiġġenerawha b'mod awtomatiku:

- (a) il-lista tal-bastimenti tas-sajd tagħhom li s-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u rappurtar tagħhom kellhom ħsara teknika jew ma ħadmux;
- (b) l-għadd ta' bastimenti li ma wettqux komunikazzjonijiet elettroniċi tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd ta' kuljum u l-medja tal-għadd ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd li waslu għal kull bastiment tas-sajd, imqassmin skont l-Istat Membru tal-bandiera;
- (c) l-għadd ta' komunikazzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet tat-trażbord, ta' dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, ta' dikjarazzjonijiet

tal-akkwist tal-kontroll u ta' noti tal-bejgħ riċevuti, imqassmin skont l-Istat Membru tal-bandiera.

2. Għandhom jintbagħtu sommarji tal-informazzjoni ġġenerata skont il-paragrafu 1 lill-Kummissjoni fuq talba tagħha. B'mod alternattiv, din l-informazzjoni tista' titqiegħed ukoll fuq il-websajt sigura f'format u f'intervalli tal-ħin li għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

Artikolu 43

Il-format għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri

1. Għandu jitwettaq skambju tal-informazzjoni msemmija f'din it-Taqsima bejn l-Istati Membri bl-użu tal-format definit fl-Anness XII illi minnu għandha tiġi dderivata l-*"extensible mark-up language"* (XML). L-istandard tal-XML li għandu jintuża għall-iskambji elettroniċi kollha tad-dejta bejn l-Istati Membri u għall-iskambji kollha bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korp maħtur minnha għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

2. L-emendi għall-format imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu identifikati u mmarkati b'mod ċar bid-data meta l-format ġie aġġornat. Emendi bħal dawn ma għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel ma jgħaddu sitt xhur minn meta jkun għew deċiżi.

3. Meta Stat Membru jirċievi informazzjoni elektronika mingħand Stat Membru ieħor, għandu jiżgura li joħroġ messaġġ ta' konferma lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Il-messaġġ ta' konferma għandu jiġbor fih rikonoxximent tal-irċevuta.

4. L-elementi tad-dejta mogħtija fl-Anness XII li l-kaptani għandhom jirreġistraw b'mod obbligatorju fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd tagħhom skont ir-regoli tal-UE għandhom ikunu obbligatorji wkoll fl-iskambji bejn l-Istati Membri.

Artikolu 44

L-aċċess għad-dejta

1. Stat Membru tal-bandiera għandu jiżgura l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 111(1) tar-Regolament ta' Kontroll f'ħin immedjat lil Stat Membru kostali dwar id-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tat-trażbord, tan-notifiki minn qabel u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art tal-bastimenti tas-sajd tiegħu meta dawn ikunu qed iwettqu operazzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat Membru jew meta jidħlu f'port tiegħu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, Stat Membru tal-bandiera jista', fuq talba, jiżgura l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 111(1) tar-Regolament ta' Kontroll f'ħin immedjat dwar id-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-bastimenti tas-sajd tiegħu lil Stat Membru li jkun qed iwettaq spezzjonijiet, skont l-Artikolu 80 tar-Regolament ta' Kontroll, fuq bastimenti tas-sajd ta' Stat Membru ieħor fl-ilmijiet tal-UE barra l-ilmijiet tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba, fl-ilmijiet internazzjonali u fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi.

3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jagħmel disponibbli, fuq talba, id-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għat-tnaħ-il xahar ta' qabel.

4. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha tal-anqas id-dejta mill-aħħar tluq mill-port sal-ħin meta jitlestha l-ħatt l-art. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun fiha tal-anqas id-dejta mill-aħħar tluq mill-port sal-ħin tat-talba. Id-dejta kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 minn vjaġġi tas-sajd għat-12-il xahar preċedenti għandha tkun disponibbli fuq talba.

5. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE għandu jkollu aċċess sigur għall-informazzjoni elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, għad-dejta tad-dikjarazzjoni tat-trażbord u għad-dejta tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art tiegħu stess maħżuna fil-bażi tad-dejta tal-Istat Membru tal-bandiera fi kwalunkwe ħin.

6. Stat Membru kostali għandu jagħti aċċess onlajn għall-bażi tad-dejta tiegħu tad-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dejta tad-dikjarazzjoni tat-trażbord, tad-dejta tan-notifika minn qabel u tad-dejta tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lil bastiment tas-sorveljanza tas-sajd ta' Stat Membru ieħor permezz tal-FMC ta' dak l-Istat Membru fil-kuntest ta' pjan ta' mobilizzazzjoni konġunta jew ta' attivitajiet ta' spezzjoni konġunti oħrajn miftehma.

Artikolu 45

L-iskambju tad-dejta bejn l-Istati Membri

1. L-aċċess għad-dejta msemmija fl-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament għandu jkun permezz ta' konnessjoni tal-Internet sigura fuq bażi permanenti.

2. L-Istati Membri għandhom iwettqu skambju tal-informazzjoni teknika rilevanti sabiex jiżguraw aċċess reċiproku għad-dejta elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tad-dikjarazzjoni tat-trażbord u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u l-iskambju ta' din id-dejta.

3. L-Istati Membri għandhom:

- (a) jiżguraw li d-dejta li jirċievu skont dan il-Kapitolu tiġi rreġistrata f'għamla li tinqara mill-kompjuter u li din tinħażen b'mod sikur f'bażijiet tad-dejta kompjuterizzati għal tal-anqas tliet snin;
- (b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li din id-dejta tintuża biss għal finijiet uffiċjali; u
- (c) jieħdu l-miżuri tekniċi kollha meħtieġa biex jipproteġu din id-dejta minn xi distruzzjoni inċidentali jew illeċita, minn telf inċidentali, deterjorament, distribuzzjoni jew konsultazzjoni mhix awtorizzata.

Artikolu 46

L-awtorità unika

1. F'kull Stat Membru, l-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament ta' Kontroll għandha tkun respon-

sabbli biex tibgħat, tirċievi, timmaniġġja u tipproċessa d-dejta kollha koperta minn dan il-Kapitolu.

2. L-Istati Membri għandhom iwettqu skambju tad-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-korp maħtur minnha b'dan fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Kull bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, lill-korp maħtur minnha u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma din tidħol fis-seħħ.

Taqsim 2

Ir-regoli speċifiċi għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd f'format elettroniku

Artikolu 47

Il-frekwenza tal-komunikazzjoni

1. Waqt li jkun fuq il-baħar, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE għandu jikkomunika l-informazzjoni elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għall-inqas darba kuljum u sa mhux aktar tard minn nofsillejl (24:00), anke meta ma jsiru ebda qabdiet. Għandha tintbagħat din id-dejta wkoll:

- (a) meta tintalab mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera;
- (b) minnufih wara li tintemm l-aħħar sajd;
- (c) qabel id-dħul fil-port;
- (d) kull meta ssir spezzjoni fuq il-baħar;
- (e) meta jseħħu l-avvenimenti ddefiniti fil-leġislazzjoni tal-UE jew mill-Istat tal-bandiera.

Meta l-aħħar sajd tkun seħħet mhux iktar minn siegħa qabel id-dħul fil-port, il-komunikazzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) jistgħu jintbagħtu f'messaġġ wieħed.

2. Il-kaptan jista' jikkomunika korrezzjonijiet tad-dejta elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tat-trażbord sal-aħħar komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(c). Il-korrezzjonijiet għandhom ikunu faċilment identifikabbli. Id-dejta elettronika oriġinali kollha tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u l-korrezzjonijiet ta' dik id-dejta għandhom jinħażnu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

3. Il-kaptan għandu jżomm kopja tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 abbord il-bastiment tas-sajd għat-tul ta' żmien ta' kull assenza mill-port u sakemm tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art.

4. Meta bastiment tas-sajd tal-UE jkun fil-port, ma jkunx qiegħed iġorr prodotti tas-sajd abbord u l-kaptan ikun ippreżenta d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għall-operazzjonijiet tas-sajd kollha li twettqu matul l-aħħar vjaġġ tas-sajd, il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi sospiża, suġġetta għal notifika minn qabel lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera. Il-komunikazzjoni għandha terġa' tibda meta l-bastiment tas-sajd tal-UE jħalli l-port. Mhix meħtieġa notifika minn qabel għall-bastimenti tas-sajd tal-UE mgħammra b'VMS u li jikkomunikaw id-dejta permezz ta' din is-sistema.

KAPITOLU III

Ir-regoli komuni għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjonijiet tat-trażbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art fuq il-karta jew f'format elettroniku

Taqsim 1

Ir-regoli komuni biex jiġi determinat il-piż ħaj

Artikolu 48

Id-definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "preżentazzjoni" tfisser l-għamla li l-ħut huwa pproċessat fiha waqt li jkun abbord il-bastiment tas-sajd u qabel il-ħatt l-art, kif deskritt fl-Anness I;
- (2) "preżentazzjoni kollettiva" tfisser preżentazzjoni li tikkon-sisti f'żewġ partijiet jew iżjed estratti mill-istess ħuta.

Artikolu 49

Il-fatturi ta' konverżjoni

1. Għall-kompletar u l-preżentazzjoni tal-ġurnali ta' abbord tas-sajd kif imsemmi fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament ta' Kontroll, għandhom japplikaw il-fatturi ta' konverżjoni mogħtija fl-Annessi XIII, XIV u XV biex il-piż tal-ħut maħżun jew tal-ħut ipproċessat jinbidel f'piż ta' ħut ħaj. Għandhom japplikaw għall-prodotti tas-sajd abbord jew ittrażbordati jew li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd tal-UE.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd li tagħhom l-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti jew parti ta' kooperazzjoni mhix kontraenti jkunu stabbilixxew fatturi ta' konverżjoni għaż-żona regolatorja tagħhom jew meta pajjiż terz li miegħu l-Unjoni Ewropea għandha ftehim għas-sajd ikun stabbilixxa fatturi ta' konverżjoni għall-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, għandhom japplikaw dawk il-fatturi.

3. Meta ma jeżistu ebda fatturi ta' konverżjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għal speċi u preżentazzjoni partikolari, għandu japplika l-fattur ta' konverżjoni adottat mill-Istat Membru tal-bandiera.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jużaw il-fatturi ta'

konverżjoni tal-UE msemija fil-paragrafu 1 meta jikkalkulaw il-piż ħaj tat-trażbordi u tal-ħatt l-art sabiex jimmonitorjaw l-użu tal-kwota.

Artikolu 50

Il-metodu tal-kalkolu

1. Il-piż tal-ħut ħaj għandu jinkiseb billi l-piż tal-ħut ipproċessat jiġi mmultiplikat bil-fatturi ta' konverżjoni msemija fl-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament għal kull speċi u preżentazzjoni.

2. Fil-każ ta' preżentazzjonijiet kollettivi, għandu jintuża fattur ta' konverżjoni wieħed biss li jikkorrispondi għal waħda mill-partijiet tal-preżentazzjoni kollettiva ta' ħuta.

Taqsim 2

Ir-regoli komuni għall-kompletar u l-preżentazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-Sajd

Artikolu 51

Ir-regoli ġenerali għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd

1. Il-marġni ta' tolleranza msemmi fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament ta' Kontroll sabiex jiġu stmati l-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' piż ħaj ta' kull speċi miżmuma abbord għandu jiġi espress bħala persentaġġ taċ-ċifri mogħtija fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

2. Għall-qabdiet li għandhom jinħattu l-art mingħajr ma jkunu ntgħażlu qabel, il-marġni ta' tolleranza jista' jiġi kkalkulat abbażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar għall-kwantitajiet totali miżmuma abbord.

3. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Kontroll, l-ispeċi maqbuda bħala lixa għandha tiġi kkunsidrata bħala speċi maqbuda u miżmuma abbord.

4. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE li jkun qiegħed jaqşam żona ta' sforz fejn huwa awtorizzat jistad għandu jirreġistra u jirrapporta l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament ta' Kontroll kif applikabbli anke jekk ma jwettaq ebda attività tas-sajd f'dik iż-żona.

Taqsim 3

Ir-regoli komuni għall-kompletar u l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord/tal-ħatt l-art

Artikolu 52

Il-marġni ta' tolleranza fid-dikjarazzjoni tat-trażbord

Il-marġni ta' tolleranza msemmi fl-Artikolu 21(3) tar-Regolament ta' Kontroll biex jiġu stmati l-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' piż ħaj ta' kull speċi li ġiet ittrażbordata mill-bastiment jew għal fuqu għandu jiġi espress bħala persentaġġ taċ-ċifri mogħtija fid-dikjarazzjoni tat-trażbord.

Artikolu 53

Id-differenza fil-qabdiet ittrażbordati

Meta tkun teżisti differenza bejn il-kwantitajiet ta' qabdiet ittrażbordati mill-bastiment ta' trażbord u l-kwantitajiet meħuda abbord mill-bastiment li jkun qiegħed jirċievi l-ħut, l-ogħla kwantità għandha tiġi kkunsidrata bħala li ġiet ittrażbordata. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm azzjoni ta' segwitu sabiex jiġi determinat il-piż attwali ta' prodotti tas-sajd ittrażbordati bejn il-bastiment ta' trażbord u l-bastiment li jkun qiegħed jirċievi l-ħut.

Artikolu 54

Il-kompletar tal-operazzjoni tal-ħatt l-art

Meta, skont l-Artikolu 61 tar-Regolament ta' Kontroll, il-prodotti tas-sajd ikunu ttrasportati mill-post tal-ħatt l-art qabel ma jintiżnu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 23(3) u 24(1) tar-Regolament ta' Kontroll, l-operazzjoni tal-ħatt l-art titqies li tkun tlestiet meta jintiżnu l-prodotti tas-sajd.

Artikolu 55

L-operazzjonijiet tas-sajd li jinvolvu żewġ bastimenti tas-sajd tal-UE jew aktar

Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali, fil-każ ta' operazzjonijiet tas-sajd li jinvolvu żewġ bastimenti tas-sajd tal-UE jew aktar

— minn Stati Membri differenti jew

— mill-istess Stat Membru imma li matulhom il-qabdiet jinħattu l-art fi Stati Membri li l-bastimenti ma jtajrux il-bandiera tagħhom,

il-qabda li tinħatt l-art għandha tiġi attribwita lill-bastiment tas-sajd tal-UE li jkun qed iħott l-art il-prodotti tas-sajd.

KAPITOLU IV

Il-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni u l-ġbir ta' dejta dwar il-bastimenti tas-sajd tal-UE li mhumiex suġġetti għar-reqwiżiti tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art

Artikolu 56

L-istabbiliment ta' pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni

Il-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni msemija fl-Artikoli 16(2) u 25(2) tar-Regolament ta' Kontroll għall-monitoraġġ ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li mhumiex suġġetti għar-reqwiżiti tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri skont dan il-Kapitolu biex ikun determinat il-ħatt l-art ta' stokk jew ta' grupp ta' stokkijiet minn bastimenti tas-sajd bħal dawn u, fejn ikun xieraq, l-isforz tas-sajd tagħhom. Din id-dejta għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u, fejn ikun xieraq, tal-isforz tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 57

Il-metodoloġija għat-teħid tal-kampjuni

1. Il-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni msemija fl-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament għandhom jifasslu skont l-Anness XVI.

2. Id-daqs tal-kampjun li għandu jiġi spezzjonat għandu jkun determinat abbażi tar-riskju, hekk kif ġej:

(a) riskju "baxx ħafna": 3 % tal-kampjun;

(b) riskju "baxx": 5 % tal-kampjun;

(c) riskju "medju": 10 % tal-kampjun;

(d) riskju "għoli": 15 % tal-kampjun;

(e) riskju "għoli ħafna": 20 % tal-kampjun.

3. Il-qabdiet ta' kuljum ta' stokk partikolari minn settur tal-flotta għandhom jiġu smati billi l-għadd totali ta' bastimenti tas-sajd tal-UE attivi tas-settur tal-flotta kkonċernat jiġi mmultiplikat bil-qabda medja ta' kuljum ta' kull stokk partikolari għal kull bastiment tas-sajd tal-UE abbażi tal-qabdiet tal-kampjun ta' bastimenti tas-sajd tal-UE spezzjonati.

4. L-Istati Membri li, b'mod sistematiku, jiġbru tal-anqas kull xahar għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd tagħhom li mhumiex suġġetti għar-reqwiżiti tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tal-ħatt l-art:

(a) dejta dwar il-ħatt l-art kollu tal-qabdiet tal-ispeċijiet kollha f'kilogrammi, inkluż meta ma jinħatt l-art ebda ħut;

(b) dejta dwar ir-rettangoli statistiċi fejn inqabdu dawn il-qabdiet; għandhom jitqiesu li ssodisfaw ir-reqwiżit tal-pjan għat-teħid tal-kampjuni kif imsemmi fl-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

Il-kontroll tal-isforz tas-sajd

Artikolu 58

Ir-rapport tal-isforz tas-sajd

1. Ir-rapport tal-isforz tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Kontroll għandu jintbagħat skont l-Anness XVII.

2. Meta l-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE jikkomunika messaġġ lill-awtoritajiet kompetenti permezz tar-radju skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-istazzjonijiet tar-radju li għandhom jintużaw u għandhom jindikawhom fuq il-websajt imsemmija fl-Artikolu 115 tar-Regolament ta' Kontroll.

KAPITOLU VI

Il-miżuri ta' korrezzjoni

Artikolu 59

Il-prinċipji ġenerali

Sabiex jibbenefikaw mill-miżuri ta' korrezzjoni msemija fl-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u f'kull każ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali dwar l-għeluq tas-sajd skont l-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Kontroll bil-grad ta' ħsara li sofrew.

Artikolu 60

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli

1. Meta l-preġudizzju ma jkunx tneħħa kompletament jew parzjalment b'azzjoni skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-Kummissjoni għandha, malajr kemm jista' jkun wara li tirċievi l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament, tiegħu l-miżuri meħtieġa bl-iskop li tirrimedja l-preġudizzju kkawżat.

2. Il-miżura msemija fil-paragrafu 1 għandha tiddikjara:

- (a) liema Stati Membri sofrew il-preġudizzju ('l-Istati Membri ppreġudikati') u l-ammont tal-preġudizzju (kif imnaqqas bi kwalunkwe skambju tal-kwoti);
- (b) fejn hu applikabbli, liema Stati Membri qabżu l-limitu tal-opportunitajiet tas-sajd tagħhom ('l-Istati Membri li qabżu l-limitu') u l-ammont li bih inqabeż il-limitu tal-opportunitajiet tas-sajd (kif imnaqqas bi kwalunkwe skambju skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002);
- (c) fejn hu applikabbli, it-tnaqqis li għandu jsir mill-opportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri li qabżu l-limitu fi proporzjon mal-limiti tal-opportunitajiet tas-sajd li nqabżu;
- (d) fejn hu applikabbli, iż-żidiet li għandhom isiru mal-opportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri ppreġudikati fi proporzjon mal-ħsara li sofrew;
- (e) fejn hu applikabbli, id-data jew id-dati li fihom jidħlu fis-seħħ iż-żidiet u t-tnaqqis;
- (f) fejn hu xieraq, kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex tiġi rrimedjata l-ħsara li sofrew.

KAPITOLU VII

Il-qawwa tal-magna

Artikolu 61

Iċ-ċertifikazzjoni tal-qawwa ta' propulsjoni tal-magna

1. Iċ-ċertifikazzjoni tal-qawwa kontinwa massima tal-magna ta' magna ġdida ta' propulsjoni, ta' magna ta' propulsjoni ta' sostituzzjoni u ta' magna ta' propulsjoni li għet teknikament

modifikata, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1) u (2) tar-Regolament ta' Kontroll, għandha tiġi pprovduta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 ⁽¹⁾.

2. Il-magna ta' propulsjoni għandha titqies li għet teknika-ment modifikata kif imsemmi fil-paragrafu 1 meta xi komponenti (partijiet) primarji tagħha, li jinkludu t-tagħmir ta' injezzjoni, il-valvijiet, it-turbokompressur, il-pistuni, il-"liners" taċ-ċilindru, il-bsaten ta' konnessjoni u l-irjus taċ-ċilindri, iżda mhux limitati għalihom, ikunu ġew modifikati jew sostitwiti b'partijiet ġodda bi speċifikazzjonijiet tekniċi differenti li jirriżultaw fi gradazzjoni modifikata tal-qawwa jew meta l-aġġustamenti tal-magna, bħas-"settings" tal-injezzjoni, il-konfigurazzjoni tat-turbokompressur jew il-ħinijiet tal-valvijiet ikunu ġew immodifikati. In-natura tal-modifikazzjoni teknika għandha tkun spjegata b'mod ċar fiċ-ċertifikazzjoni msemija fil-paragrafu 1.

3. Id-detentur ta' liċenzja tas-sajd għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti qabel ma tiġi nstallata magna ta' propulsjoni ġdida jew qabel ma magna ta' propulsjoni eżistenti tiġi sostitwita jew teknikament modifikata.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd li huma suġġetti għal reġim tal-isforz tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2012. Għall-bastimenti tas-sajd l-oħrajn japplika mill-1 ta' Jannar 2013. Għandu japplika biss għall-bastimenti tas-sajd li fihom ġew installati magni ta' propulsjoni ġodda, jew li l-magni ta' propulsjoni eżistenti tagħhom ġew sostitwiti jew teknikament modifikati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 62

Il-verifika u l-pjan għat-teħid tal-kampjuni

1. Għall-fini tal-verifika tal-qawwa tal-magna skont l-Artikolu 41 tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan għat-teħid tal-kampjuni għall-identifikazzjoni ta' dawg il-bastimenti tas-sajd jew il-gruppi ta' bastimenti tas-sajd fil-flotta tagħhom bir-riskju ta' dikjarazzjoni iżjed baxxa tal-qawwa tal-magna ta' propulsjoni. Il-pjan għat-teħid ta' kampjuni għandu tal-anqas ikun ibbażat fuq il-kriterji li ġejjin ta' riskju għoli:

- (a) bastimenti tas-sajd li joperaw f'sajd li hu suġġett għal reġimi tal-isforz tas-sajd, b'mod partikolari dawg il-bastimenti tas-sajd li saritilhom allokazzjoni ta' sforz individwali f'kW_{jum};
- (b) bastimenti tas-sajd suġġetti għal limitazzjonijiet tal-qawwa tal-bastiment li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea;
- (c) bastimenti tas-sajd li għalihom il-proporzjon tal-qawwa tal-bastiment (f'kW) mat-tunnellaġġ tal-bastiment (f'TG) huwa 50 % inqas mill-proporzjon medju għall-istess tip ta' bastiment tas-sajd, tip ta' rkaptu u speċi fil-mira. Għall-finijiet ta' dik l-analiżi, l-Istati Membri jistgħu jaqsmu l-flotta skont wieħed mill-kriterji li ġejjin jew aktar:

(i) it-tqassim tal-flotta jew tal-unitajiet ta' ġestjoni definiti fil-liġi nazzjonali

(ii) il-kategoriji tat-tul

⁽¹⁾ ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.

(iii) il-kategoriji tat-tunnellaġġ

(iv) l-irkaptu użat

(v) l-ispeċi fil-mira.

2. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw kriterji tar-riskju addizzjonali wara l-istima tar-riskju tagħhom stess.

3. L-Istati Membri għandhom ifasslu lista tal-bastimenti tas-sajd tagħhom li jissodisfaw kriterji wieħed jew iżjed mill-kriterji tar-riskju msemija fil-paragrafu 1 u, fejn ikun xieraq, il-kriterji tar-riskju msemija fil-paragrafu 2.

4. Minn kull grupp ta' bastimenti tas-sajd li jikkorrispondu għal wieħed mill-kriterji tar-riskju msemija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu kampjun aleatorju ta' bastimenti tas-sajd. Id-daqs tal-kampjun għandu jkun daqs l-għerq kwadrat tal-bastimenti tas-sajd fil-grupp ikkonċernat, magħdud bħala l-eqreb numru sħiħ.

5. Għal kull bastiment tas-sajd inkluż fil-kampjun aleatorju, l-Istati Membri għandhom jiverifikaw id-dokumenti tekniċi kollha fil-pussess tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 41(1) tar-Regolament ta' Kontroll. Fost id-dokumenti l-oħrajn, kif imsemmi fl-ittra g) tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-ispeċifikazzjonijiet tal-katalogu tal-produttur tal-inġenju, meta dawn ikunu disponibbli.

6. Dan l-Artikolu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012. Il-verifiki fiżiċi kif imsemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament ta' Kontroll għandhom jagħtu prijorità lill-bastimenti tat-tkarkir li joperaw f'sajd li huwa suġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd.

Artikolu 63

Il-verifika fiżika

1. Meta l-qisien tal-qawwa ta' propulsjoni jittieħdu abbord bastiment tas-sajd fil-qafas ta' verifika fiżika tal-qawwa tal-magna ta' propulsjoni kif imsemmi fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament ta' Kontroll, il-qawwa tal-magna ta' propulsjoni tista' titkejjel fl-iżjed punt aċċessibbli ta' bejn l-iskrun u l-magna.

2. Jekk il-qawwa tal-magna ta' propulsjoni titkejjel wara l-irkaptu ta' tnaqqis, għandha tiġi applikata l-korrezzjoni meħtieġa lill-kejl sabiex tiġi kkalkulata l-qawwa tal-magna ta' propulsjoni mal-flanġ estern tal-magna skont id-definizzjoni fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86. Dik il-korrezzjoni għandha tqis it-telfiet fil-qawwa li jirriżultaw mill-kaxxa tal-gerijiet fuq il-bażi tad-dejta teknika uffiċjali pprovduta mill-manifattur tal-kaxxa tal-gerijiet.

KAPITOLU VIII

Il-kontroll tas-sajd rikreattiv

Artikolu 64

L-istabbiliment ta' pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni

1. Mingħajr preġudizzju għall-użu tad-dejta kif imsemmi fil-paragrafu 5, il-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 55(3) tar-Regolament ta' Kontroll għall-fini tal-monitoraġġ tal-qabdiet ta' stokkijiet li huma suġġetti għal pjanijiet ta' rkupru pprattikati minn bastimenti li jwettqu sajd rikreattiv għandhom jipprovdu għall-ġbir ta' dejta darbtejn fis-sena.

2. Il-metodi użati fil-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u għandhom ikunu, sa fejn possibbli:

(a) stabbli matul iż-żmien;

(b) standardizzati fi ħdan ir-reġjuni;

(c) skont l-istandards ta' kwalità stabbiliti minn korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti, u meta xieraq, mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd rilevanti li l-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti tagħhom jew osservatur fihom.

3. Il-pjan għat-teħid tal-kampjuni għandu jinkludi disinn għat-teħid tal-kampjuni għall-istima tal-qabdiet ta' stokkijiet li huma suġġetti għall-pjanijiet ta' rkupru, l-irkaptu użat u ż-żona ġeografika rilevanti tal-pjan ta' rkupru kkonċernat minn fejn inqabdu dawn il-qabdiet.

4. L-Istati Membri għandhom iwettqu stima b'mod sistematiku tal-eżattezza u l-preċiżjoni tad-dejta miġbura.

5. Għall-fini tal-pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni msemija fil-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dejta miġbura skont il-programm Komunitarju multiannwali kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008⁽¹⁾ sa fejn din id-dejta hija disponibbli.

6. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika f'każ li Stat Membru jkun ipprojbixxa s-sajd rikreattiv għall-istokkijiet li huma suġġetti għal pjan ta' rkupru.

Artikolu 65

In-notifika u l-valutazzjoni tal-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni tagħhom lill-Kummissjoni tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' pjan ta' rkupru. Għall-pjanijiet ta' rkupru li jkunu diġà fis-seħħ meta jidhul fis-seħħ dan ir-Regolament, il-pjan għat-teħid tal-kampjuni għandu jiġi nnotifikat fi żmien tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-emendi tal-pjan għat-teħid tal-kampjuni għandhom jiġu nnotifikati qabel ma jidħlu fis-seħħ.

⁽¹⁾ ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

2. Minbarra l-valutazzjoni mitluba fl-Artikolu 55(4) tar-Regolament ta' Kontroll, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jivvaluta wkoll:

- (a) wara n-notifika msemija fil-paragrafu 1 u kull ħames snin wara, il-konformità tal-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni nnotifikati mal-kriterji u mar-rekwiżiti msemija fl-Artikolu 64(2) u (3) ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-konformità ta' kwalunkwe emenda għall-pjan għat-teħid tal-kampjuni msemmi fil-paragrafu 1 mal-kriterji u mar-rekwiżiti msemija fl-Artikolu 64(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet, fejn ikun xieraq, biex jittejjeb il-pjan għat-teħid tal-kampjuni.

TITOLU IV

IL-KONTROLL TAT-TQEGĦID FIS-SUQ

KAPITOLU I

It-traċċabbiltà

Artikolu 66

Id-definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja:

"Prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura" tfisser kull prodott li jaqa' fi ħdan il-Kapitolu 3 u l-intestaturi tat-Tariffi bin-numri 1604 u 1605 tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾.

Artikolu 67

L-informazzjoni dwar il-lottijiet

1. L-operaturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura msemija fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll fil-mument meta l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jitpoġġew flottijiet u sa mhux aktar tard mill-ewwel bejgħ.

2. Minbarra l-paragrafu 1, l-operaturi għandhom jaġġornaw l-informazzjoni rilevanti msemija fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll li tirriżulta mill-amalgamazzjoni jew mill-qsim tal-lottijiet tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura wara l-ewwel bejgħ, hekk kif din l-informazzjoni tkun disponibbli.

3. Fil-każ li, minħabba l-amalgamazzjoni jew il-qsim tal-lottijiet wara l-ewwel bejgħ, il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura minn diversi bastimenti tas-sajd jew minn diversi unitajiet ta' produzzjoni tal-akkwakultura jitħalltu, l-operaturi għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw kull lott ta' oriġini tal-anqas permezz tan-numru ta' identifikazzjoni tagħhom imsemmi fl-

Artikolu 58(5)(a) tar-Regolament ta' Kontroll u għandhom jaraw li dawn ikunu jistgħu jiġu ttraċċati lura sal-istadju tal-qbid jew tal-ħsad, skont l-Artikolu 58(3) tar-Regolament ta' Kontroll.

4. Is-sistemi u l-proċeduri msemija fl-Artikolu 58(4) tar-Regolament ta' Kontroll għandhom jippermettu lill-operaturi jidentifikaw il-fornitur(i) immedjat(i) u, ħlief għal meta dawn ikunu l-konsumaturi finali, ix-xerrej(j)a immedjat(i) tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

5. L-informazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura msemija fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll għandha tingħata fuq it-tikketa jew fuq il-pakkett tal-lott, jew permezz ta' dokument kummerċjali li jakkumpanja l-lott b'mod fiżiku. Tista' titwagħhal mal-lott permezz ta' għodda ta' identifikazzjoni bħal kodiċi, "barcode", ċippa elettronika jew apparat simili jew permezz ta' sistema ta' mmarrar. L-informazzjoni dwar il-lott għandha tibqa' disponibbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni, b'tali mod li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkollhom aċċess għaliha fi kwalunkwe ħin.

6. L-operaturi għandhom iwagħħlu l-informazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura msemija fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll permezz ta' għodda ta' identifikazzjoni bħal kodiċi, "barcode", ċippa elettronika jew apparat simili jew permezz ta' sistema ta' mmarrar:

(a) mill-1 ta' Jannar 2013 għas-sajd li huwa suġġett għal pian multiannwali,

(b) mill-1 ta' Jannar 2015 għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura l-oħrajn.

7. Meta l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll tingħata permezz ta' dokument kummerċjali li jakkumpanja l-lott b'mod fiżiku, tal-anqas in-numru ta' identifikazzjoni għandu jitwagħhal mal-lott korrispondenti.

8. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jiżguraw li l-informazzjoni mwagħħla mal-lott u/jew li tkun qed takkumpanja l-lott b'mod fiżiku tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor minbarra dak fejn il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu tqiegħdu fil-lott, b'mod partikolari meta l-informazzjoni tkun imwagħħla mal-lott permezz ta' għodda ta' identifikazzjoni bħal kodiċi, "barcode", ċippa elettronika jew apparat simili. L-operaturi li jużaw għodod bħal dawn għandhom jiżguraw li dawn ikunu żviluppati abbażi ta' standards u speċifikazzjonijiet li huma riko-noxxuti internazzjonalment.

9. L-informazzjoni dwar id-data tal-qabdiet imsemija fil-punt (d) tal-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll tista' tinkludi diversi jiem kalendarji jew perjodu wieħed taż-żmien li jikkorrispondi ma' diversi dati ta' qabdiet.

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1

10. L-informazzjoni dwar il-fornituri msemija fil-punt (f) tal-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll għandha turi l-fornitur(i) immedjat(i) tal-operatur imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni tista' tingħata, fejn ikun applikabbli, permezz tal-marka ta' identifikazzjoni msemija fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽¹⁾.

11. L-informazzjoni mniżżla fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll ma għandhiex tapplika:

(a) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati li huma esklużi mill-ambitu tal-implimentazzjoni ta' ċertifikat tal-qbid skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ⁽²⁾,

(b) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li nqabdu jew li tkabbru fl-ilma ħelu, u

(c) għall-ħut ornamental, għall-krustaċji u għall-molluski.

12. L-informazzjoni mniżżla fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll ma għandhiex tapplika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jaqgħu taħt l-intestatur tat-Tariffi tan-Nomenklatura Magħquda bin-numri 1604 u 1605.

13. Għall-finijiet tal-Artikolu 58 tar-Regolament ta' Kontroll, l-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika rilevanti għandha tkun:

(a) iż-żona ġeografika rilevanti, kif definita fl-Artikolu 4(30) tar-Regolament ta' Kontroll, għall-qabdi ta' stokkijiet u ta' gruppi ta' stokkijiet li huma suġġetti għal kwota u/jew għal daqs minimu fil-leġislazzjoni tal-UE, jew

(b) iż-żona tal-qbid skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2065/2001 ⁽³⁾, għall-istokkijiet jew il-gruppi ta' stokkijiet l-oħra.

14. Il-valur tal-kwantitajiet żgħar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura msemija fl-Artikolu 58(8) tar-Regolament ta' Kontroll għandu jkun applikabbli għall-bejgħ dirett minn bastiment tas-sajd għal kull jum kalendarju u għal kull konsumatur finali.

Artikolu 68

L-informazzjoni lill-konsumatur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 58(6) tar-Regolament ta' Kontroll dwar id-deżinjazzjoni kummerċjali, l-isem xjentifiku tal-ispeċi, iż-żona tal-qbid imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2001 u l-metodu ta' produzzjoni tkun indikata fuq

it-tikketta jew fuq il-marka x-xierqa tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura offruti għall-bejgħ bl-imnut, inklużi l-prodotti importati.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-isem xjentifiku tal-ispeċi jista' jingħata lill-konsumatur fil-livell tal-bejgħ bl-imnut permezz ta' informazzjoni kummerċjali bħal "bill boards" jew powsters.

3. Meta prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura jkun ġie ffriżat qabel, għandha tingħata l-kelma "iddifrostjat" fuq it-tikketta jew fuq il-marka x-xierqa msemija fil-paragrafu 1. In-nuqqas ta' din il-kelma fil-livell tal-bejgħ bl-imnut għandu jiqies li jfisser li l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ma kinux iffriżati qabel u wara ġew iddifrostjati.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, il-kelma "iddifrostjat" ma għandhiex ikollha tidher fuq:

(a) prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li kienu ffriżati qabel għal raġunijiet ta' saħħa, skont it-Taqsima VIII tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u

(b) prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li ġew iddifrostjati qabel il-proċess tal-affumikazzjoni, tat-tmelli, tat-tisjir, tal-preparazzjoni fil-hall jew fis-salmura, tat-tnixxif jew qabel taħlita ta' dawk il-proċessi.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jaqgħu taħt l-intestatur tat-Tariffi tan-Nomenklatura Magħquda bin-numri 1604 sa 1605.

6. Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-pakketti ttikkettati jew immarkati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu li ma jikkonformawx mal-punt (g) dwar l-isem xjentifiku u mal-punt (h) tal-Artikolu 58(5) tar-Regolament ta' Kontroll u mal-paragrafi (1), (2) u (3) ta' dan l-Artikolu jistgħu jitqegħdu fis-suq sakemm jintużaw it-tali stokkijiet kollha.

KAPITOLU II

L-użin tal-prodotti tas-sajd

Taqsima 1

Ir-regoli ġenerali dwar l-użin

Artikolu 69

L-ambitu

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 78 sa 89 ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet miġbura f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-ħatt l-art minn bastimenti tas-sajd tal-UE li jitwettaq fi Stat Membru u għal trażbordi li jinvolvu bastimenti tas-sajd tal-UE li jitwettqu f'portijiet jew f'postijiet qrib il-kosta ta' Stat Membru, kif ukoll għall-użin ta' prodotti tas-sajd abbord bastimenti tas-sajd tal-UE filmijiet tal-UE.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

⁽²⁾ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 278, 23.10.2001, p. 6.

Artikolu 70

Ir-reġistri tal-użin

1. Ix-xerrejja rreġistrati, l-irkanti rreġistrati jew il-korpi jew il-persuni l-oħrajn li huma responsabbli għall-ewwel tqegħid fis-suq jew għall-ħżin qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd jew, fejn ikun xieraq, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-UE, għandhom jirreġistraw l-użin skont l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament ta' Kontroll billi jindikaw l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-kodiċi alfa-3 tal-FAO ta' kull speċi li tintiżen;
- (b) ir-riżultat tal-użin għal kull kwantità ta' kull speċi f'kilogrammi ta' piż tal-prodott;
- (c) in-numru ta' identifikazzjoni estern u isem il-bastiment tas-sajd li minnu toriġina l-kwantità li ntiżnet;
- (d) il-preżentazzjoni tal-prodotti tas-sajd li ntiżnu;
- (e) id-data tal-użin (SSSS-XX-JJ).

2. Ix-xerrejja rreġistrati, l-irkanti rreġistrati jew il-korpi jew il-persuni l-oħrajn li huma responsabbli għall-ewwel tqegħid fis-suq jew għall-ħżin qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd jew, fejn ikun xieraq, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE, għandhom iżommu r-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 għal perjodu ta' tliet snin.

Artikolu 71

Iż-żmien tal-użin

1. Meta l-prodotti tas-sajd jiġu ttrażbordati bejn bastimenti tas-sajd tal-UE u l-ewwel ħatt l-art tal-prodotti tas-sajd ittrażbordati jkun se jsir f'port barra l-Unjoni Ewropea, il-prodotti tas-sajd għandhom jintiżnu qabel ma jiġu ttrasportati lil hinn mill-port jew mill-post tat-trażbord.

2. Meta l-prodotti tas-sajd jintiżnu abbord bastiment tas-sajd tal-UE skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament ta' Kontroll u jerġgħu jintiżnu fuq l-art wara li jinħattu, iċ-ċifra li tirriżulta mill-użin wara l-ħatt l-art għandha tintuża għall-finijiet tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament ta' Kontroll.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali għall-bastimenti tas-sajd tal-UE li mhumix suġġetti għall-kompletar u l-komunikazzjoni, b'mod elettroniku, tad-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istat Membru jista' jitlob lill-kaptan jagħti kopja tal-folja mill-ġurnal ta' abbord lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ħatt l-art qabel l-użin.

Artikolu 72

Is-sistemi tal-użin

1. Is-sistemi kollha tal-użin għandhom jiġu kkalibrati u ssigilati skont is-sistemi nazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru.

2. Il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mis-sistema tal-użin għandha żżomm regjistru ta' kalibrar.

3. Meta l-użin isir fuq sistema ta' trasport permezz ta' ċinga għandu jiġi armat kalkulator viżibbli li jirreġistra t-total kumulattiv tal-piż. Għandhom jiġu rreġistrati kemm il-qari tal-kalkulator fil-bidu tal-operazzjoni tal-użin kif ukoll it-total kumulattiv. L-użu kollu tas-sistema għandu jiġi rreġistrat fil-ġurnal tal-użin mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-użin.

Artikolu 73

L-użin ta' prodotti tas-sajd iffriżati

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali u, b'mod partikolari, għall-Artikoli 70 u 74 ta' dan ir-Regolament, meta jintiżnu kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd iffriżati li jinħattu l-art, il-piż tal-prodotti tas-sajd iffriżati li jinħattu l-art f'kaxex jew fi blokk għandu jiġi ddeterminat skont l-ispeċi u, fejn huwa xieraq, skont il-preżentazzjoni tiegħu billi l-għadd totali ta' kaxex jew blokk jiġi mmultiplikat bil-piż medju nett għal kull kaxxa jew blokk, kkalkulat skont il-metodu stabbilit fl-Anness XVIII.

2. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jiżnu l-prodotti tas-sajd għandhom iżommu regjistru għal kull ħatt l-art, li jkun jindika:

- (a) l-isem u l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni tal-bastiment li minnu nħattu l-art il-prodotti tas-sajd;
- (b) l-ispeċi u, fejn hu xieraq, il-preżentazzjoni tal-ħut li nħatt l-art;
- (c) id-daqs tal-lott u l-kampjun ta' pallets għal kull speċi u, fejn hu xieraq, il-preżentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 1 tal-Anness XVIII;
- (d) il-piż ta' kull pallet fil-kampjun u l-piż medju tal-pallets;
- (e) l-għadd ta' kaxex jew blokk fuq kull pallett fil-kampjun;
- (f) il-piż tal-kaxxa vojta (it-tar(a) għal kull kaxxa, jekk ikun differenti mill-piż tal-kaxxa vojta speċifikat fil-punt 4 tal-Anness XVIII;
- (g) il-piż medju ta' pallet vojta skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 3(b) tal-Anness XVIII;
- (h) il-piż medju għal kull kaxxa jew blokk tas-sajd skont l-ispeċi u, fejn hu xieraq, skont il-preżentazzjoni.

Artikolu 74**Is-silġ u l-ilma**

1. Qabel ma jiżnu l-prodotti, ix-xerrej irreġistrat, l-irkant irreġistrat jew il-korpi jew il-persuni l-oħrajn responsabbli għall-ewwel tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-prodotti tas-sajd jtnaddfu mis-silġ kif inhu raġonevoli mingħajr ma ssirillhom ħsara jew mingħajr ma titnaqqsilhom il-kwalità.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali għall-ispeċijiet pelaġiċi msemmi fl-Artikoli 78 sa 89 ta' dan ir-Regolament li jinħattu l-art bl-ingrossa għat-trasferiment lejn il-punt tal-ewwel tqegħid fis-suq, tal-ħżin jew tal-ipproċessar, it-tnaqqis tal-ilma u tas-silġ mill-piż totali ma għandux jaqbeż it-2 %. Fil-każijiet kollha, il-persentaġġ għat-tnaqqis tal-ilma u tas-silġ għandu jiġi rreġistrat fuq il-folja tal-użin bl-annotazzjoni tal-piż. Għall-ispeċijiet mhux pelaġiċi ma għandu jkun hemm ebda tnaqqis ta' ilma jew ta' silġ.

Artikolu 75**L-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti**

L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess komplet fil-ħinijiet kollha għas-sistemi tal-użin, għar-reġistri tal-użin, għad-dikjarazzjonijiet bil-miktub u għall-postijiet kollha fejn il-prodotti tas-sajd huma maħżuna jew ipproċessati.

Artikolu 76**Il-pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni**

1. Il-pjan għat-teħid tal-kampjuni msemmi fl-Artikolu 60(1) tar-Regolament ta' Kontroll u kull modifika sostanzjali tiegħu għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri skont il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju deskritta fl-Anness XIX.

2. Il-pjan għat-teħid tal-kampjuni msemmi fl-Artikolu 60(3) tar-Regolament ta' Kontroll u kull modifika sostanzjali tiegħu għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri skont il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju deskritta fl-Anness XX. Jekk il-qabdiet jintiżnu abbord, il-marġni ta' tolleranza kif imsemmi fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 21(3) tar-Regolament ta' Kontroll ma għandux japplika meta ċ-ċifra li tirriżulta mill-użin wara l-ħatt l-art tkun akbar miċ-ċifra korrispondenti li tirriżulta mill-użin abbord.

3. Meta l-Istati Membri jkun beħsiebhom jadottaw pjanijiet għat-teħid tal-kampjuni kif imsemmi fl-Artikolu 60(1) u (3) tar-Regolament ta' Kontroll, għandhom preferibbilment jippreżentaw pjan għat-teħid tal-kampjuni uniku li jkopri l-proċeduri kollha tal-użin ikkonċernati għal perġodu ta' tliet snin fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Dan il-pjan għat-teħid tal-kampjuni jista' jkun jikkonsisti f'partijiet differenti għal sajd differenti.

4. Kwalunkwe pjan għdid għat-teħid tal-kampjuni li għandu jiġi adottat wara d-data msemmi fil-paragrafu 3 jew

kwalunkwe modifika għat-tali pjanijiet għandu/għandha jiġi/tiġi ppreżentat(a) għall-approvazzjoni tliet xhur qabel tmiem is-sena kkonċernata.

Artikolu 77**Il-pjanijiet u l-programmi ta' kontroll għall-użin tal-prodotti tas-sajd wara t-trasport mill-post tal-ħatt l-art**

1. Il-pjan ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 61(1) tar-Regolament ta' Kontroll u kull modifika sostanzjali tiegħu għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri skont il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju deskritta fl-Anness XXI.

2. Meta l-Istati Membri jkun beħsiebhom jadottaw il-pjanijiet ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 61(1) tar-Regolament ta' Kontroll, huma għandhom jippreżentaw pjan ta' kontroll uniku għal kull Stat Membru li jkopri t-trasporti kollha tal-prodotti tas-sajd li għandhom jintiżnu wara t-trasport. Dan il-pjan ta' kontroll għandu jiġi ppreżentat fi żmien sitt xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament. Dan il-pjan ta' kontroll uniku jista' jkun jikkonsisti f'partijiet differenti għal sajd differenti.

3. Il-programm ta' kontroll komuni msemmi fl-Artikolu 61(2) tar-Regolament ta' Kontroll u kull modifika sostanzjali tiegħu għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri skont il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju deskritta fl-Anness XXII.

4. Meta l-Istati Membri jkun beħsiebhom jadottaw il-programmi ta' kontroll komuni msemmi fl-Artikolu 61(2) tar-Regolament ta' Kontroll, dawn għandhom jippreżentawhom fi żmien sitt xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

5. Kwalunkwe pjan ta' kontroll għdid kif imsemmi fil-paragrafu 2 jew programm ta' kontroll komuni kif imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jiġi adottat wara d-data msemmi fil-paragrafi 2 u 4 jew kwalunkwe modifika għal dawn il-pjanijiet jew programmi għandha tiġi ppreżentata tliet xhur qabel tmiem is-sena ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-pjan jew programm.

Taqsim 2**Ir-regoli speċjali għall-użin ta' ċerti speċijiet pelaġiċi****Artikolu 78****L-ambitu tal-proċeduri tal-użin għall-qabdiet tal-aringi, l-kavalli u s-sawrell**

Ir-regoli mogħtija f'din it-Taqsim għandhom japplikaw għall-użin ta' qabdiet li jinħattu l-art fl-Unjoni Ewropea jew minn bastimenti tas-sajd tal-UE f'pajjiżi terzi, ta' aringi (*Clupea harengus*), kavalli (*Scomber scombrus*) u sawrell (*Trachurus spp.*) jew ta' taħlita tagħhom, meħuda:

(a) għall-aringi fiż-żoni tal-ICES: I, II, IIIa, IV, Vb, VI u VII;

(b) għall-kavalli fiż-żoni tal-ICES: IIa, IIIa, IV, Vb, VI, VII, VIII, IX, XII, XIV u l-ilmijiet tal-UE tal-CECAF;

(c) għas-sawrell fiż-żoni tal-ICES IIa, IV, Vb, VI, VII, VIII, IX, X, XII, XIV u fl-ilmijiet tal-UE tas-CECAF,

meta l-kwantitajiet għal kull ħatt l-art jaqbu l-10 tunnellati.

Artikolu 79

Il-portijiet tal-użin ta' qabdiet ta' aringi, kavalli u sawrell

1. Il-qabdiet tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament għandhom jintiżnu immedjatament hekk kif jinħattu l-art. Madankollu, il-qabdiet ta' dawn l-ispeċijiet jistgħu jintiżnu wara t-trasport f'każijiet fejn:

— għal destinazzjoni ġewwa Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta pjan ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 61(1) tar-Regolament ta' Kontroll skont il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju deskritta fl-Anness XXI;

— għal destinazzjoni ġewwa Stat Membru ieħor, l-Istati Membri kkonċernati jkunu adottaw programm ta' kontroll komuni kif imsemmi fl-Artikolu 61(2) tar-Regolament ta' Kontroll skont il-metodoloġija bbażata fuq ir-riskju deskritta fl-Anness XXII,

u fejn dan il-pjan ta' kontroll jew dan il-programm ta' kontroll komuni jkun ġie approvat mill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jstabbilixxi f'liema portijiet minn tiegħu għandu jitwettaq l-użin tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament u għandu jiżgura li l-ħatt l-art kollu ta' dawn l-ispeċijiet isir f'dawk il-portijiet. Dawn il-portijiet għandu jkollhom:

(a) ħinijiet stabbiliti tal-ħatt l-art u tat-trażbord;

(b) postijiet stabbiliti tal-ħatt l-art u tat-trażbord;

(c) proċeduri stabbiliti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista ta' dawn il-portijiet u l-proċeduri ta' spezzjoni u ta' sorveljanza applikabbli f'dawk il-portijiet, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-komunikazzjoni tal-kwantitajiet ta' kwalunkwe speċi bħal din f'kull ħatt l-art.

4. Kwalunkwe bidla fil-listi tal-portijiet u fil-proċeduri ta' spezzjoni u ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, tal-anqas 15-il jum qabel ma tidħol fis-seħħ.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħatt l-art kollu tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament mill-bastimenti tagħhom barra l-Unjoni Ewropea isir f'portijiet magħżula espliċitament għall-fini tal-użin minn pajjiżi terzi li kkonkludew ftehimiet mal-Unjoni Ewropea dwar dawn l-ispeċijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 kif ukoll il-lista tal-portijiet magħżula minn pajjiżi terzi lill-Istati Membri kollha kkonċernati.

7. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippubblikaw il-lista tal-portijiet u l-bidliet fiha fil-websajts uffiċjali tagħhom.

Artikolu 80

Id-dħul f'port ta' Stat Membru

1. Għall-fini tal-użin, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih għandu jsir il-ħatt l-art, tal-anqas erba' sigħat qabel id-dħul fil-port tal-ħatt l-art ikkonċernat, b'dan li ġej:

(a) il-port li għandu l-intenzjoni jidħol fih, l-isem tal-bastiment u l-ittri u n-numri ta' reġistrazzjoni esterna tiegħu;

(b) il-ħin stmat tal-wasla f'dak il-port;

(c) il-kwantitajiet f'kilogrammi ta' piż ħaj ta' aringi, kavalli u sawrell miżmuma abbord;

(d) iż-żona (żoni) ġeografika (ġeografiċi) rilevanti fejn inqabdu l-qabdiet; iż-żona għandha tirreferi għas-subżona u għad-diviżjoni jew għas-subdiviżjoni li fiha japplikaw il-limiti tal-qabdiet skont il-liġi Komunitarja.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE li għandu l-obbligu jirrapporta d-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd b'mod elettroniku għandu jibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod elettroniku lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-Istat Membru fejn se jsir il-ħatt l-art. Id-dejta elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Kontroll u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jintbagħtu f'komunikazzjoni elettronika waħda.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal perjodu ta' notifika iqsar minn dak stabbilit fil-paragrafu 1. F'dan il-każ l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni 15-il jum qabel id-dħul fis-seħħ tal-perjodu ta' notifika iqsar. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom iqiegħdu din l-informazzjoni fil-websajts tagħhom.

Artikolu 81**Ir-rilaxx**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jeħtieġu li r-rilaxx ta' kwalunkwe qabda msemija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament ma jibdiex qabel ma dan jiġi awtorizzat b'mod espliċitu. Jekk ir-rilaxx jiġi interrott, għandu jkun meħtieġ permess qabel ma r-rilaxx ikun jista' jerġa' jibda.

Artikolu 82**Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd**

1. Immedjatament mal-wasla fil-port u qabel ma jibda r-rilaxx, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li ma jkollux l-obbligu jirreġistra d-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd b'mod elettroniku għandu jippreżenta l-paġna jew il-paġni rilevanti kkompletati tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għal spezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fil-port tal-ħatt l-art.

2. Il-kwantitajiet ta' aringi, kavalli u sawrell miżmuma abbord u nnotifikati qabel il-ħatt l-art kif imsemmi fl-Artikolu 80(1)(c) ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu daqs il-kwantitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd wara li jiġi kkompletat.

Artikolu 83**Il-faċilitajiet tal-użin ta' aringi, kavalli u sawrell friski operati pubblikament**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 72 ta' dan ir-Regolament, f'każijiet fejn jintużaw faċilitajiet tal-użin operati pubblikament, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu qegħdin jiżnu l-qabdiet imsemija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament għandhom joħorġu folja tal-użin lix-xerrej li tkun tindika d-data u l-ħin tal-użin u n-numru tal-identità tat-tanker. Kopja tal-folja tal-użin għandha titwaħħal man-nota tal-bejgħ jew mad-dikjarazzjoni tal-akkwist.

Artikolu 84**Il-faċilitajiet tal-użin tal-ħut frisk operati privatament**

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 72 ta' dan ir-Regolament, l-użu ta' faċilitajiet tal-użin operati privatament għandu jkun ukoll suġġett għar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

2. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu qegħdin jiżnu xi qabdiet imsemija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament għandhom, għal kull sistema tal-użin, iżommu reġistru illegat u mpaġnat. Dan għandu jimtela immedjatament wara li jitlestha l-użin tal-ħatt l-art individwali, u sa mhux iżjed tard minn 23:59 ħin lokali tal-jum li fih jiġi kkompletat l-użin. Dan ir-reġistru għandu jindika:

(a) l-isem u l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterni tal-bastiment li minnu nħattet l-art kwalunkwe qabda msemija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament;

(b) in-numru tal-identità uniku tat-tankers u tat-tagħbija tagħhom f'każijiet fejn kwalunkwe qabda msemija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament tkun ġiet ittrasportata mill-port tal-ħatt l-art qabel l-użin skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament. Kull tagħbija tat-tanker għandha tintiżen u tiġi rreġistrata b'mod separat. Madankollu l-piż totali tat-tagħbijiet kollha tat-tanker mill-istess bastiment jista' jiġi rreġistrat bħala ammont totali wieħed f'każ li dawn it-tagħbijiet tat-tanker jintiżnu b'mod konsekuttiv u mingħajr interruzzjoni;

(c) l-ispeċijiet tal-ħut;

(d) il-piż ta' kull ħatt l-art;

(e) id-data u l-ħin fil-bidu u fl-aħħar tal-użin.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 72(3) ta' dan ir-Regolament, meta l-użin isir fuq sistema ta' trasport permezz ta' ċinga, l-użu kollu tas-sistema għandu jiġi rreġistrat f'reġistru tal-użin illegat u mpaġnat.

Artikolu 85**L-użin ta' ħut iffriżat**

Meta jintiżnu kwantitajiet ta' aringi, kavalli u sawrell iffriżati li nħattu l-art, il-piż tal-ħut iffriżat li nħatt l-art f'kaxex għandu jiġi ddeterminat għal kull speċi skont l-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 86**Iż-żamma tar-reġistri tal-użin**

Ir-reġistri tal-użin kollha previsti fl-Artikolu 84(3) u 85 ta' dan ir-Regolament u l-kopji ta' kwalunkwe dokument tat-trasport bħala parti minn pjan ta' kontroll jew minn programm ta' kontroll komuni msemmi fl-Artikolu 79(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jinżammu għal sitt snin.

Artikolu 87**In-nota tal-bejgħ u d-dikjarazzjoni tal-akkwist**

Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-preżentazzjoni tan-nota tal-bejgħ u tad-dikjarazzjonijiet tal-akkwist għandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet bħal dawn għall-ispeċijiet imsemija fl-Artikolu 78 ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat fuq talba.

Artikolu 88**Il-kontroverifiki**

Sakemm tkun stabbilita bażi tad-dejta kkompjuterizzata skont l-Artikolu 109 tar-Regolament ta' Kontroll, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontroverifiki amministrattivi dwar il-ħatt l-art kollu fuq dawn li ġejjin:

(a) il-kwantitajiet, skont l-ispeċi, ta' aringi, kavalli u sawrell indikati fin-notifika minn qabel tal-ħatt l-art, kif imsemmi fl-Artikolu 80(1)(c) ta' dan ir-Regolament, u l-kwantitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd;

- (b) il-kwantitajiet, skont l-ispeċi, ta' aringi, kavalli u sawrell irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd u l-kwantitajiet irreġistrati fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art;
- (c) il-kwantitajiet, skont l-ispeċi, ta' aringi, kavalli u sawrell irreġistrati fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u l-kwantitajiet irreġistrati fid-dikjarazzjoni tal-akkwist jew fl-avviż tal-bejgħ;
- (d) iż-żona tal-qbid irreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd tal-bastiment u d-dejta tal-VMS għall-bastiment ikkonċernat.

Artikolu 89

Il-monitoraġġ tal-użin

1. L-użin tal-qabdiet ta' aringi, kavalli u sawrell mill-bastiment għandu jsirli monitoraġġ skont l-ispeċi. Fil-każ ta' bastimenti li jiskarikaw il-qabda fuq l-art għandu jsirli monitoraġġ tal-użin tar-rilaxx sħiħ. Fil-każ tal-ħatt l-art ta' aringi, kavalli u sawrell iffriżati, għandhom jingħaddu l-kaxx kollha u għandu jsirli monitoraġġ tal-metodoloġija, prevista fl-Anness XVIII, għall-kalkolu tal-piż nett medju tal-kaxx.
2. Id-dejta li ġejja għandha ssirilha kontroverifika minbarra l-kontroverifiki msemmija fl-Artikolu 88 ta' dan ir-Regolament:
 - (a) il-kwantitajiet, skont l-ispeċi, ta' aringi, kavalli u sawrell irreġistrati fir-reġistri tal-użin ffaċilitajiet pubbliċi jew privati u l-kwantitajiet, skont l-ispeċi, irreġistrati fid-dikjarazzjoni tal-akkwist jew fin-nota tal-bejgħ;
 - (b) il-kwantitajiet, skont l-ispeċi, ta' aringi, kavalli u sawrell irreġistrati fi kwalunkwe dokument tat-trasport bħala parti minn pjan ta' kontroll jew minn programm ta' kontroll komuni msemmi fl-Artikolu 79(1) ta' dan ir-Regolament;
 - (c) in-numri tal-identità uniċi tat-tankers imdaħħlin fir-reġistru skont l-Artikolu 84(2)(b) ta' dan ir-Regolament.
3. Għandu jiġi vverifikat li l-bastiment ma jkunx fih ħut, hekk kif jitlesta r-rilaxx.
4. L-attivitajiet ta' monitoraġġ kollha koperti minn dan l-Artikolu u mill-Artikolu 107 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ddokumentati. Din id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal sitt snin.

KAPITOLU III

In-noti tal-bejgħ

Artikolu 90

Ir-regoli ġenerali

1. Fin-nota tal-bejgħ l-għadd ta' individwi, kif imsemmi fl-Artikolu 64(1)(f) tar-Regolament ta' Kontroll, għandu jiġi indikat jekk il-kwota rilevanti tkun immaniġġjata fuq il-bażi tal-individwi.

2. It-tip ta' preżentazzjoni msemmija fl-Artikolu 64(1)(g) tar-Regolament ta' Kontroll għandha tinkludi l-istat ta' preżentazzjoni kif mogħti fl-Anness I.

3. Il-prezz imsemmi fl-Artikolu 64(1)(l) tar-Regolament ta' Kontroll għandu jiġi indikat fil-valuta applikabbli fl-Istat Membru fejn isir il-bejgħ.

Artikolu 91

Il-formati tan-noti tal-bejgħ

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-format li għandu jintuża għall-kompletar u l-komunikazzjoni, b'mod elettroniku, tan-noti tal-bejgħ kif imsemmi fl-Artikolu 63 tar-Regolament ta' Kontroll.
2. Għandu jitwettaq skambju tal-informazzjoni msemmija f'dan il-Kapitolu bejn l-Istati Membri bl-użu tal-format definit fl-Anness XII illi minnu għandha tiġi dderivata l-*"extensible mark-up language"* (XML). L-istandard tal-XML li għandu jintuża għall-iskambji elettroniċi kollha tad-dejta bejn l-Istati Membri u għall-iskambji kollha bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korp maħtur minnha għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.
3. L-emendi għall-format imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu identifikati u mmarkati b'mod ċar bid-data meta l-format ġie aġġornat. Emendi bħal dawn ma għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel ma jgħaddu sitt xhur minn meta jkun ġew deċiżi.
4. Meta Stat Membru jirċievi informazzjoni elettronika mingħand Stat Membru ieħor, għandu jiżgura li joħroġ messaġġ ta' konferma lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Il-messaġġ ta' konferma għandu jiġbor fih rikonoxximent tal-irċevuta.
5. L-elementi tad-dejta mogħtija fl-Anness XII li x-xerrejja rreġistrati, l-irkanti rreġistrati jew il-korpi jew il-persuni l-oħra awtorizzati mill-Istati Membri għandhom jirreġistraw b'mod obbligatorju fin-noti tal-bejgħ tagħhom skont ir-regoli tal-UE għandhom ikunu obbligatori wkoll fl-iskambji bejn l-Istati Membri.
6. L-Istati Membri għandhom:
 - (a) jiżguraw li d-dejta li jirċievu skont dan il-Kapitolu tiġi rreġistrata f'għamla li tinqara mill-kompjuter u li din tinħażen b'mod sikur f'bażijiet tad-dejta kompjuterizzati għal tal-anqas tliet snin;
 - (b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li din id-dejta tintuża biss għal finijiet uffiċjali; u
 - (c) jieħdu l-miżuri tekniċi kollha meħtieġa biex jipproteġu din id-dejta minn xi distruzzjoni inċidentali jew illeċita, minn telf inċidentali, deterjorament, distribuzzjoni jew konsultazzjoni mhix awtorizzata.

7. F'kull Stat Membru, l-awtorità unika msemija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament ta' Kontroll għandha tkun responsabbli biex tibgħat, tirċievi, timmaniġġja u tipproċessa d-dejta kollha koperta minn dan il-Kapitolu.

8. L-Istati Membri għandhom iwettqu skambju tad-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 7 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-korp maħtur minnha b'dan fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

9. Kull bidla fl-informazzjoni msemija fil-paragrafi 7 u 8 għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, lill-korp maħtur minnha u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma din tidħol fis-seħħ.

10. Il-format ta' noti tal-bejgħ li mhumie x suġġetti għall-kompletar u l-komunikazzjoni b'mod elettroniku għandu jiġi deċiż mill-Istati Membri. Dawk in-noti tal-bejgħ għandhom jiġbru fihom mill-inqas l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament ta' Kontroll.

TITOLU V

IS-SORVELJANZA

KAPITOLU I

Ir-rapporti ta' sorveljanza

Artikolu 92

L-informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata fir-rapport ta' sorveljanza

1. Ir-rapporti ta' sorveljanza msemija fl-Artikolu 71(3) u (4) tar-Regolament ta' Kontroll għandhom jiġu stabbiliti skont l-Anness XXIII għal dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom itellgħu d-dejta tar-rapporti ta' sorveljanza tagħhom fil-bażi tad-dejta elettronika msemija fl-Artikolu 78 tar-Regolament ta' Kontroll u għandhom jipprovdu għall-funzjonalitajiet imsemmija fil-punt numru 2 tal-Anness XXIV għal dan ir-Regolament. L-informazzjoni minima rreġistrata f'din il-bażi tad-dejta għandha tkun dik indikata fl-Anness XXIII. B'mod addizzjonali, ir-rapporti ta' sorveljanza fuq il-karta jista' wkoll isir ilhom skan u jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta b'dan il-mod.

3. Id-dejta mir-rapporti għandha tinżamm disponibbli fil-bażi tad-dejta għal tal-anqas tliet snin.

4. Hekk kif jasal rapport ta' sorveljanza kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru tal-bandiera għandu, malajr kemm jista' jkun, jagħti bidu għal investigazzjoni dwar l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tiegħu li għalihom ikun qed jirreferi r-rapport ta' sorveljanza.

5. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd li l-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti tagħhom.

KAPITOLU II

L-osservaturi ta' kontroll

Artikolu 93

Ir-regoli ġenerali dwar l-osservaturi ta' kontroll

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali stabbiliti minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd jew miftehma ma' pajjiż terz, il-bastimenti tas-sajd tal-UE identifikati għall-applikazzjoni ta' skema tal-osservaturi ta' kontroll għandu jkollhom tal-anqas osservatur ta' kontroll wieħed abbord matul iż-żmien iffissat mill-iskema.

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru osservaturi ta' kontroll u jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, iċ-ċaqliq tal-osservaturi ta' kontroll lejn u mill-bastiment tas-sajd tal-UE kkonċernat.

3. L-osservaturi ta' kontroll ma għandhomx iwettqu dmirijiet oħrajn għajr dawk stabbiliti fl-Artikolu 73 tar-Regolament ta' Kontroll u fl-Artikolu 95 ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkollhomx jitwettqu dmirijiet oħrajn skont l-iskema tal-osservaturi ta' kontroll tal-UE jew bħala parti minn programm tal-osservaturi fl-ambitu ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd jew stabbilit fil-qafas ta' ftehim bilaterali ma' pajjiż terz.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, għall-fini jiet tal-missjoni tagħhom, l-osservaturi ta' kontroll ikollhom mezzi ta' komunikazzjoni indipendenti mis-sistema ta' komunikazzjoni tal-bastiment tas-sajd.

5. Dawn ir-regoli ma jaffettwawx il-poteri tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd bħala l-uniku inkarigat mill-operazzjonijiet tal-bastiment.

Artikolu 94

L-indipendenza tal-osservaturi ta' kontroll

Sabiex ikunu indipendenti mis-sid, mill-operatur, mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ, kif preskritt mill-Artikolu 73(2) tar-Regolament ta' Kontroll, l-osservaturi ta' kontroll ma għandhomx ikunu:

— qrafa jew impjegati tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-UE jew ta' kwalunkwe membru ieħor tal-ekwipaġġ, tar-rappreżentant tal-kaptan jew tas-sid jew tal-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE li jkunu attribwiti għalih;

— impjegati ta' kumpanija kkontrollata mill-kaptan, minn membru tal-ekwipaġġ, mir-rappreżentant tal-kaptan jew mis-sid jew mill-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-UE li jkunu attribwiti għalih.

Artikolu 95

Id-dmirjiet tal-osservaturi ta' kontroll

1. L-osservaturi ta' kontroll għandhom jivverifikaw id-dokumenti rilevanti u jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment tas-sajd tal-UE li jkunu imbarkaw, kif inhuma elenkati fl-Anness XXV.

2. L-osservaturi ta' kontroll abbord bastiment tas-sajd tal-UE għandhom, fejn ikun xieraq, jinfurmaw fil-qosor lill-uffiċjali li jkunu sejrjn jibdew spezzjoni ta' dak il-bastiment tas-sajd mal-wasla abbord. Jekk il-faċilitajiet abbord il-bastiment tas-sajd tal-UE jippermettu dan u fejn ikun xieraq, din l-informazzjoni għandha tingħata f'laqgħa fil-magħluq.

3. L-osservaturi ta' kontroll għandhom ifasslu r-rapport imsemmi fl-Artikolu 73(5) tar-Regolament ta' Kontroll billi jużaw il-format stabbilit fl-Anness XXVI. Għandhom jgħaddu dak ir-rapport mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien 30 jum wara l-kompletar tal-kompitu lill-awtoritajiet tagħhom u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. L-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jagħmlu r-rapport disponibbli, fuq talba, għall-Istat Membru kostali, għall-Kummissjoni jew għall-korp maħtur minnha. Kopji ta' rapporti magħmula disponibbli għal Stati Membri oħrajn ma jistgħux jinkludu l-postijiet fejn saru l-qabdiet fir-rigward tal-pożizzjonijiet tal-bidu u tat-tmiem ta' kull operazzjoni tas-sajd, iżda jistgħu jinkludu l-ammonti totali tal-qabdiet ta' kuljum f'kilogrammi ekwivalenti għall-piż ħaj skont l-ispeċi u d-diviżjoni tal-ICES jew żona oħra kif xieraq.

Artikolu 96

Il-proġetti pilota

L-Unjoni tista' tipprovdi assistenza finanzjarja għat-tweġġ ta' proġetti pilota li jinvolvu t-tħaddim ta' osservaturi ta' kontroll skont l-Artikolu 8(a)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

TITOLU VI

L-ISPEZZJONI

KAPITOLU I

It-tweġġ tal-ispezzjonijiet

Taqsima 1

Id-dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 97

L-uffiċjali awtorizzati jwettqu spezzjonijiet fuq il-baħar jew fuq l-art

1. L-uffiċjali responsabbli biex iwettqu spezzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 74 tar-Regolament ta' Kontroll, għandhom ikunu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-uffiċjali tagħhom b'karta tas-servizz li turi l-identità tagħhom u l-kapaċità li joperaw taħtha. Kull uffiċjal li jkun qiegħed xogħol għandu jgħorr dik il-karta tas-servizz u jippreżentaha mill-aktar fis possibbli waqt spezzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu setgħat adegwati lill-uffiċjali tagħhom kif meħtieġ biex iwettqu l-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar skont dan ir-Regolament, u biex jiżguraw konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Artikolu 98

Il-prinċipji ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet misjuba fil-pjanijiet multiannwali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex jagħżlu miri għall-ispezzjoni, bl-użu tal-informazzjoni kollha disponibbli. Skont dan l-approċċ, l-uffiċjali għandhom iwettqu spezzjonijiet skont ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-pjanijiet multiannwali, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tagħhom. Għal dan l-iskop, dawn għandhom jadottaw u jeżegwixxu programmi ta' azzjoni ta' kontroll nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 46 tar-Regolament ta' Kontroll u programmi ta' kontroll komuni kif imsemmi fl-Artikolu 94 tar-Regolament ta' Kontroll li jkopru kemm attivitajiet fuq il-baħar kif ukoll fuq l-art, kif meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

3. Suġġett għal strateġija ta' kontroll u ta' nfurzar ibbażata fuq ir-riskju, kull Stat Membru għandu jwettaq l-attivitajiet ta' spezzjoni meħtieġa b'mod oġġettiv sabiex jevita ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, it-trasferiment f'gaġeġ u rziezet tal-ħut, l-ipproċessar, it-trasport, il-ħżin, it-tqegħid fis-suq u l-ħażna fi stokkijiet ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw minn attivitajiet li mhumiex f'konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

4. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu b'tali mod li jiġi evitat, safejn huwa possibbli, kwalunkwe impatt negattiv fuq l-igijene u l-kwalità tal-prodotti tas-sajd spezzjonati.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali relatati mas-sajd jippermettu l-iskambju elettroniku dirett ta' informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet tal-istat tal-portijiet bejniethom, ma' Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni u mal-korp maħtur minnha kif inhu xieraq, skont l-Artikolu 111 tar-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 99

Id-dmirijiet tal-uffiċjali matul il-fażi ta' qabel l-ispezzjoni

Matul il-fażi ta' qabel l-ispezzjoni, l-uffiċjali għandhom, fejn hu possibbli, jiġbru l-informazzjoni xierqa kollha, inklużi:

- il-liċenzji tas-sajd u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd;
- l-informazzjoni tal-VMS li tikkorrispondi għall-vjaġġ tas-sajd preżenti;
- is-sorveljanza mill-ajru u l-ilmiħ l-ieħor;
- ir-rekords tal-ispezzjonijiet preċedenti u l-informazzjoni disponibbli fil-parti sigura tal-websajt tal-Istat Membru tal-bandiera dwar il-bastiment tas-sajd tal-UE kkonċernat.

Artikolu 100

Id-dmirijiet tal-uffiċjali awtorizzati biex iwettqu l-ispezzjonijiet

1. L-uffiċjali li huma awtorizzati jwettqu l-ispezzjonijiet għandhom jivverifikaw u jieħdu nota tal-oġġetti rilevanti ddefiniti fil-modulu x-xieraq tar-rapport tal-ispezzjoni mogħti fl-Anness XXVII. Għal dan il-għan, huma jistgħu jieħdu ritratti, vidjows u reġistrazzjonijiet tal-awdjo skont il-liġi nazzjonali, u, fejn hu xieraq, jistgħu jieħdu wkoll kampjuni.
2. L-uffiċjali ma għandhomx jinterferixxu mad-dritt ta' kwalunkwe operatur li jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera matul l-operazzjonijiet ta' spezzjoni.
3. L-uffiċjali għandhom iqisu kwalunkwe informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 95(2) ta' dan ir-Regolament minn osservatur ta' kontroll abbord il-bastiment tas-sajd li għandu jiġi spezzjonat.
4. Malli titlesta spezzjoni, l-uffiċjali għandhom jinfurmaw fil-qosor lill-operaturi, kif xieraq, dwar ir-regolamenti tas-sajd rilevanti għaċ-ċirkostanzi prevalenti.
5. L-uffiċjali għandhom iħallu l-bastiment tas-sajd jew il-post spezzjonat mill-aktar fis possibbli hekk kif titlesta l-ispezzjoni jekk ma tiġi nnutata ebda evidenza ta' ksur evidenti.

Artikolu 101

L-obbligi tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u, fejn hu xieraq, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, għandhom jiżguraw li l-uffiċjali tagħhom, filwaqt li jkunu edukati u sensittivi, iwettqu l-ispezzjonijiet b'mod professjonali u bi standard għoli.
2. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw li kull ilment li jsir mill-operaturi dwar it-tweġiq tal-ispezzjonijiet imwettqa mill-uffiċjali tagħhom jiġi investigat b'mod ġust u ddetalljat skont il-liġi nazzjonali.
3. L-Istati Membri kostali jistgħu, suġġetti għal arranġamenti xierqa mal-Istat Membru tal-bandiera ta' bastiment tas-sajd, jistiednu lill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd ta' dak l-Istat Membru, waqt li daww il-bastimenti jkunu qegħdin joperaw fl-ilmijiet tal-Istat Membru kostali jew waqt li jkunu qegħdin iħottu l-art fil-portijiet tiegħu.

Taqsima 2

L-ispezzjonijiet fuq il-baħar

Artikolu 102

Id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-ispezzjonijiet fuq il-baħar

1. Kwalunkwe bastiment użat għall-finijiet ta' kontroll, inkluż għas-sorveljanza, għandu juri, b'mod ċar, fjamma jew simbolu kif jidher fl-Anness XXVIII.

2. Id-dgħajsa tal-imbark użata biex tiffaċilita t-trasferiment ta' uffiċjali li jkunu qegħdin iwettqu l-ispezzjonijiet għandha ttajjar bandiera jew fjamma simili li tkun ta' daqs li jixraq għad-daqs tad-dgħajsa tal-imbark, biex tindika li hija qed twettaq dmirijiet ta' spezzjoni tas-sajd.

3. Il-persuni inkarigati mill-bastimenti ta' spezzjoni għandhom iqisu tajjeb ir-regoli tat-tbajhir u għandhom jimmanuvraw f'distanza sigura mill-bastiment tas-sajd skont ir-regoli internazzjonali għall-prevenzjoni tal-kolliżjonijiet fuq il-baħar.

Artikolu 103

L-imbarkar fuq bastimenti tas-sajd fuq il-baħar

1. L-uffiċjali responsabbli għat-tweġiq tal-ispezzjoni għandhom jiżguraw li ma tittieħed ebda azzjoni li tista' tikkomprometti s-sigurtà tal-bastiment tas-sajd u tal-ekwipaġġ tiegħu.
2. L-uffiċjali ma għandhomx jeħtieġu lill-kaptan ta' bastiment tas-sajd li jkun qiegħed jiġi imbarkat jew żbarkat iwaqqaf jew jimmanuvra waqt is-sajd jew iwaqqaf il-kalar u l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd. Madankollu, l-uffiċjali jistgħu jeħtieġu l-interruzzjoni jew il-posponiment tal-kalar tal-irkaptu sakemm ikunu mbarkaw jew żbarkaw minn fuq il-bastiment tas-sajd sabiex l-imbarkar jew l-iżbarkar ikun sikur. Fil-każ tal-imbarkar, dan il-posponiment ma għandux jaqbeż it-30 minuta wara li l-uffiċjali jkunu telgħu abbord il-bastiment tas-sajd, sakemm ma jkunx osservat xi ksur. Din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-possibbiltà li l-uffiċjali jeħtieġu li l-irkaptu jintrefa' għall-ispezzjoni.

Artikolu 104

L-attivitajiet abbord

1. Meta jkunu qegħdin iwettqu l-ispezzjoni tagħhom, l-uffiċjali għandhom jivverifikaw u jieħdu nota tal-oġġetti xierqa kollha previsti fil-modulu x-xieraq tar-rapport tal-ispezzjoni mogħti fl-Anness XXVII għal dan ir-Regolament.
2. L-uffiċjali jistgħu jeħtieġu lill-kaptan jerfa' l-irkaptu tas-sajd biex dan jiġi spezzjonat.
3. It-timijiet tal-ispezzjoni normalment għandhom jinkludu żewġ uffiċjali. Uffiċjali addizzjonali jistgħu jissupplimentaw it-timijiet tal-ispezzjonijiet meta dan ikun meħtieġ.

4. Spezzjoni ma għandhiex iddum aktar minn erba' sigħat, jew sakemm ix-xibka tintrefa' u x-xibka u l-qabdiet jiġu spezzjonati, skont liema minnhom ikun l-itwal. Dan ma għandux japplika fil-każ li jiġi osservat ksur evidenti jew f'każ li l-uffiċjali jkunu jeħtieġu aktar informazzjoni.

5. F'każ li jiġi osservat ksur evidenti, il-marki u s-siġilli ta' identifikazzjoni jistgħu jitwāhħlu b'mod sigur ma' kwalunkwe parti mill-irkaptu tas-sajd jew mill-bastiment tas-sajd, inklużi ma' kontenituri tal-prodotti tas-sajd u mal-kompartiment(i) li fih(om) qed jinħażnu, u l-uffiċjal(i) jista' jibqa' abbord għaż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-miżuri x-xierqa biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-kontinwità tal-evidenza kollha tal-ksur evidenti.

Taqsim 3

L-ispezzjonijiet fil-port

Artikolu 105

Il-preparazzjoni ta' spezzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-punti ta' riferiment definiti fi programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni u fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, spezzjoni ta' bastiment tas-sajd għandha sseħħ fil-port jew mal-ħatt l-art, fl-okkażjonijiet li ġejjin:

(a) bħala rutina, suġġett għal metodoloġija tat-teħid tal-kam-pjuni bbażata fuq il-ġestjoni abbażi tar-riskju; jew

(b) fejn ikun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (b) u mingħajr preġudizzju għall-aħħar sentenza tal-Artikolu 106(2) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastiment tas-sajd li se jiġi spezzjonat fil-port jintlaqa' mill-uffiċjali tagħhom mal-wasla tiegħu fil-port.

3. Il-paragrafu 1 ma jeskludix il-possibbiltà li l-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet aleatorji.

Artikolu 106

L-ispezzjonijiet fil-port

1. Meta jkun qegħdin iwettqu l-ispezzjonijiet, l-uffiċjali għandhom jivverifikaw u jieħdu nota tal-oġġetti xierqa kollha elenkati fil-modulu korrispondenti tar-rapport tal-ispezzjoni mogħti fl-Anness XXVII għal dan ir-Regolament. L-uffiċjali għandhom iqisu tajjeb kwalunkwe rekwiżit speċifiku li japplika għall-bastiment tas-sajd spezzjonat, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet rilevanti mogħtija fil-pjanijiet multiannwali.

2. Meta jwettqu spezzjoni ta' ħatt l-art, l-uffiċjali għandhom iwettqu monitoraġġ tal-proċess sħiħ tal-ħatt l-art mill-bidu sa tmiem l-operazzjoni rispettiva. Għandha ssir kontroverifika tal-kwantitajiet skont l-ispeċijiet irreġistrati fin-notifika minn qabel tal-wasla għall-ħatt l-art ta' prodotti tas-sajd, il-kwantitajiet skont l-ispeċijiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd u l-kwantitajiet skont l-ispeċi li jinħattu l-art jew li jkun ġew ittrażbordati, jkun liema jkun applikabbli. Din id-dispożizzjoni ma teskludix il-possibbiltà li spezzjoni titwettaq wara li jkun beda l-ħatt l-art.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-ispezzjoni u l-kontroll effettivi tal-postijiet użati b'raba mal-attivitàjiet tas-sajd u mal-ipproċessar sussegwenti tal-prodotti tas-sajd.

Artikolu 107

L-ispezzjoni ta' ċerti attivitàjiet ta' ħatt l-art ta' speċijiet pelaġiċi

Għall-ħatt l-art ta' aringi, kavalli u sawrell kif imsemmi fit-Taqsim 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jiżguraw li tal-anqas 15 % mill-kwantità ta' dan il-ħut li jinħatt l-art u tal-anqas 10 % mill-attivitàjiet tal-ħatt l-art ta' dan il-ħut jiġu spezzjonati.

Taqsim 4

L-ispezzjonijiet tat-trasport

Artikolu 108

Il-prinċipji ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jnsabu fil-pjanijiet multiannwali, l-ispezzjonijiet tat-trasport jistgħu jseħħu fi kwalunkwe post u fi kwalunkwe ħin mill-punt tal-ħatt l-art sal-wasla tal-prodotti tas-sajd fil-post tal-bejgħ jew tal-ipproċessar. Matul it-tewtiq tal-ispezzjonijiet, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata ż-żamma tal-katina tal-kesħa tal-prodotti tas-sajd spezzjonati.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jnsabu fil-pjanijiet multiannwali u fil-programmi ta' kontroll nazzjonali jew fil-programmi speċifiċi ta' kontroll u spezzjoni, l-ispezzjonijiet tat-trasport għandhom jinkludu, kull fejn hu possibbli, eżami fiżiku tal-prodotti ttrasportati.

3. L-eżami fiżiku tal-prodotti tas-sajd ittrasportati għandu jnvolvi t-teħid ta' kampjun rappreżentattiv tat-taqsimiet differenti tal-lott jew tal-lottijiet ittrasportati.

4. Meta titwettaq spezzjoni tat-trasport, l-uffiċjali għandhom jivverifikaw u jieħdu nota tal-oġġetti kollha msemmija fl-Artikolu 68(5) tar-Regolament ta' Kontroll u tal-oġġetti xierqa kollha mogħtija fil-modulu tar-rapport mogħti fl-Anness XXVII għal dan ir-Regolament. Dan għandu jinkludi verifika li l-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd ittrasportati jikkorrispondu mad-dettalji mdaħħlin fid-dokument tat-trasport.

Artikolu 109

Il-vetturi tat-trasport issiġillati

1. Meta vettura jew kontejner ikunu ġew issiġillati biex jevitaw il-manipulazzjoni tal-merkanzija, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-numri tas-serje tas-siġilli huma mniżżla fuq id-dokument tat-trasport. L-uffiċjali għandhom jispezzjonaw li s-siġilli huma intatti u li n-numri tas-serje jikkorrispondu għad-dettalji fuq id-dokument tat-trasport.

2. Meta s-siġilli jitneħħew biex jiffaċilitaw l-ispezzjoni tal-merkanzija qabel ma l-merkanzija tasal fid-destinazzjoni finali, l-uffiċjali għandhom jissostitwixxu s-siġill oriġinali b'siġill frisk, u jirreġistraw id-dettalji tas-siġill fid-dokument tat-trasport u r-raġunijiet għat-tneħħija tas-siġill oriġinali.

Taqsimha 5

L-ispezzjonijiet tas-suq

Artikolu 110

Il-prinċipji ġenerali

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw u jieħdu nota tal-oġġetti xierqa kollha elenkati fil-modulu korrispondenti tal-ispezzjoni mogħti fl-Anness XXVII għal dan ir-Regolament meta jżuru mħażen tal-friża, swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, ristoranti jew kwalunkwe post ieħor fejn jinħażen u/jew jinbiegħ il-ħut wara li jkun twettaq il-ħatt l-art.

Artikolu 111

Il-metodoloġiji u t-teknoloġiji addizzjonali

Minbarra l-oġġetti elenkati fl-Anness XXVII, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-metodoloġiji u mit-teknoloġiji disponibbli għall-identifikazzjoni u l-validazzjoni tal-prodotti tas-sajd, tas-sors jew l-orijini tagħhom u tal-fornituri u l-bastimenti tal-qabdiet jew tal-unitajiet ta' produzzjoni.

Artikolu 112

Il-kontroll ta' prodotti tas-sajd irtirati mis-suq

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw li l-prodotti tas-sajd irtirati mill-bejgħ skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ⁽¹⁾ jintremew skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2493/2001 ⁽²⁾.

KAPITOLU II

Id-dmirijiet tal-operaturi

Artikolu 113

L-obbligi ġenerali tal-operaturi

1. L-operaturi kollha li jaġixxu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jistgħu jkun soġġetti għal spezzjoni dwar l-obbligi tagħhom taħt ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. L-operaturi kollha suġġetti għal spezzjoni għandhom:

(a) jiffaċilitaw u jipprovdu lill-uffiċjali, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa, inklużi, fejn hu possibbli, kopji tagħhom, jew aċċess għall-bażijiet tad-dejta rilevanti, dwar l-attivitajiet tas-sajd, kif meħtieġ, li għandhom jimtlew u jinżammu f'format elettroniku jew fuq il-karta skont ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;

(b) jiffaċilitaw l-aċċess għall-partijiet kollha tal-bastimenti, tal-postijiet u ta' kwalunkwe mezz tat-trasport, inklużi tal-

inġenji tal-ajru u l-"hovercraft" użati b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd u tal-ipproċessar jew assoċjati magħhom;

(c) jiżguraw, f'kull ħin, is-sikurezza tal-uffiċjali u jassistu u jikkooperaw b'mod attiv mal-uffiċjali fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet ta' spezzjoni tagħhom;

(d) ma jostakolawx lill-uffiċjali li jkunu qegħdin iwettqu l-ispezzjoni, ma jintimidawhomx jew jinterferixxu magħhom, ma jikkawżawx lil xi persuna oħra tostakola lil dawn l-uffiċjali, tintimidahom jew tinterferixxu magħhom, u jimpe-dixxu lil kull persuna oħra milli tostakolahom, tintimidahom jew tinterferixxu magħhom;

(e) fejn hu possibbli, jipprovdu faċilità għal-laqgħat fiżolament biex l-osservatur ta' kontroll ikun jista' jagħti sommarju fil-qosor lill-uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 95(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 114

L-obbligi tal-kaptan matul l-ispezzjonijiet

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li jkun qiegħed jiġi spezzjonat jew ir-rappreżentant tiegħu għandu:

(a) jiffaċilita l-imbark sigur u effettiv tal-uffiċjali skont ir-regoli tat-tbajh tajej meta jingħata s-sinjal xieraq tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali jew meta l-intenzjoni tal-imbark tiġi stabbilita permezz ta' komunikazzjoni bir-radju minn bastiment jew elikopter li jkun qiegħed jittrasporta uffiċjal;

(b) jipprovdi sellum tal-imbark li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness XXIX biex jiġi ffaċilitat l-aċċess sigur u konvenjenti għal kwalunkwe bastiment li jkun qiegħed f'għoli ta' 1.5 metri jew iżjed;

(c) jiffaċilita l-ħidma tal-uffiċjali li jkunu qegħdin iwettqu d-dmirijiet ta' spezzjoni tagħhom billi jipprovdi dik l-assistenza li tkun mitluba u li tkun raġonevoli;

(d) jippermetti lill-uffiċjal(i) jikkomunika mal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera, tal-Istat kostali u tal-Istat tal-ispezzjoni;

(e) jiġbed l-attenzjoni tal-uffiċjali għal perikoli tas-sikurezza partikolari abbord il-bastimenti tas-sajd;

(f) jipprovdi aċċess lill-uffiċjali għaż-żoni kollha tal-bastiment, għall-qabdiet kollha pproċessati jew mhux ipproċessati, għall-irkapti tas-sajd kollha u għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha rilevanti;

(g) jiffaċilita l-iżbark sikur tal-uffiċjali meta titlesta l-ispezzjoni.

2. Il-kaptani ma għandhomx ikunu meħtieġa jiżvelaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva tul frekwenzi tar-radju miftuħin.

⁽¹⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22

⁽²⁾ ĠU L 337, 20.12.2001, p. 20

KAPITOLU III

Ir-rapport tal-ispezzjoni

Artikolu 115

Ir-regoli komuni dwar ir-rapporti tal-ispezzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali fil-qafas tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, ir-rapporti tal-ispezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament ta' Kontroll għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti li tinsab fil-modulu x-xieraq stabbilit fl-Anness XXVII. Ir-rapporti għandhom jiġu kkompletati mill-uffiċjali matul l-ispezzjoni jew mill-aktar fis possibbli wara li titlesta l-ispezzjoni.

2. Meta jiġi osservat ksur fid-deher tul spezzjoni, l-elementi legali u materjali flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-ksur għandhom jiġu nklużi fir-rapport tal-ispezzjoni. Meta jiġu osservati diversi ksur matul spezzjoni, għandha tittieħed nota tal-elementi rilevanti ta' kull ksur fir-rapport tal-ispezzjoni.

3. L-uffiċjali għandhom jikkomunikaw is-sejbiet tagħhom lill-persuna fiżika inkarigata mill-bastiment tas-sajd, mill-vettura, mill-inġenju tal-ajru, mill-"hovercraft" jew mill-post li jkun qiegħed jiġi spezzjonat (l-operatur) fi tmien l-ispezzjoni. L-operatur għandu jkollu l-possibbiltà li jikkummenta dwar l-ispezzjoni u s-sejbiet tagħha. Il-kummenti tal-operatur għandhom jitniżżlu fir-rapport tal-ispezzjoni. F'każ li l-uffiċjali ma jkunux jikkellmu l-lingwa tal-operatur spezzjonat, dawn għandhom jieħdu l-miżuri x-xierqa biex is-sejbiet tagħhom ikunu jinftehm.

4. Jekk meħtieġ, l-operatur għandu jkollu d-dritt li jikkuntattja lir-rappreżentant tiegħu jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tiegħu, jekk jirriżultaw diffikultajiet serji dwar il-komprensjoni tas-sejbiet tal-ispezzjoni u tar-rapport li jirriżulta.

5. Il-format tal-komunikazzjoni elettronika msemija fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament ta' Kontroll għandu jiġi deċiż wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Artikolu 116

Il-kompletar tar-rapporti tal-ispezzjoni

1. Meta r-rapport ta' spezzjoni jiġi stabbilit manwalment f'format fuq il-karta, għandu jkun jinqara, ma jistax jitħassar u jkun irreġistrat b'mod ċar. L-ebda annotazzjoni fir-rapport ma għandha titħassar jew titbiddel. Jekk isir żball frapport stabbilit manwalment, l-annotazzjoni inkorretta għandha tinqata' b'mod pulit u għandhom jitniżżlu l-inizjali tal-uffiċjal ikkonċernat.

2. L-uffiċjal responsabbli għall-ispezzjoni għandu jiffirma r-rapport. L-operatur għandu jiġi mistieden jiffirma r-rapport. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali, il-firma tiegħu għandha tikkostitwixxi rikonoxximent tar-rapport u ma għandhiex titqies bħala aċċettazzjoni tal-kontenut tiegħu.

3. L-uffiċjali jistgħu jistabbilixxu r-rapporti ta' spezzjoni msemija fl-Artikolu 115 ta' dan ir-Regolament permezz ta' mezzi elettroniċi.

Artikolu 117

Il-kopja tar-rapport ta' spezzjoni

Għandha tintbagħat kopja tar-rapport ta' spezzjoni msemija fl-Artikolu 116 ta' dan ir-Regolament lill-operatur sa mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol minn meta titlesta l-ispezzjoni u skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jkollu s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fil-post fejn tkun twettqet l-ispezzjoni. Jekk jiġi osservat ksur, l-iżvelar tar-rapport għandu jkun suġġett għall-lijiet dwar l-iżvelar tal-informazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

KAPITOLU IV

Il-bażi tad-dejta elettronika

Artikolu 118

Il-bażi tad-dejta elettronika

1. L-Istati Membri għandhom jinkludu, fil-programmi ta' kontroll nazzjonali tagħhom, proċeduri dwar ir-reġistrazzjoni mill-uffiċjali tagħhom tar-rapporti tal-ispezzjoni fuq il-karta jew f'format elettroniku. Dawn ir-rapporti għandhom jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta elettronika msemija fl-Artikolu 78 tar-Regolament ta' Kontroll u għandhom jipprovdu għall-funzjonalitajiet imsemmija fil-punt numru 2 tal-Anness XXIV għal dan ir-Regolament. L-informazzjoni minima miġbura fil-bażi tad-dejta elettronika għandha tkun dawk l-oġġetti nnutati skont l-Artikolu 115(1) ta' dan ir-Regolament u dawk indikati bħala obbligatorji fl-Anness XXVII. Ir-rapporti tal-ispezzjoni fuq il-karta għandu wkoll isir ilhom skan u jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta b'dan il-mod.

2. Il-bażi tad-dejta għandha tkun aċċessibbli għall-Kummissjoni u għall-korp maħtur minnha skont il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 114, 115 u 116 tar-Regolament ta' Kontroll. Id-dejta rilevanti fil-bażi tad-dejta għandha tkun aċċessibbli wkoll għal Stati Membri oħra fil-kuntest ta' pjan ta' użu konġunt.

3. Id-dejta mir-rapporti tal-ispezzjoni għandha tinżamm disponibbli fil-bażi tad-dejta għal tal-anqas tliet snin.

KAPITOLU V

L-ispetturi tal-unjoni

Artikolu 119

In-notifika tal-ispetturi tal-Unjoni

1. L-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, bl-ismijiet tal-uffiċjali tagħhom li għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-ispetturi tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 79 tar-Regolament ta' Kontroll.

2. L-uffiċjali li għandhom jiġu inklużi fil-lista:
 - (a) għandu jkollhom esperjenza tajba fil-qasam tal-kontroll u l-ispezzjoni tas-sajd;
 - (b) għandhom ikunu jafu sewwa l-leġislazzjoni tas-sajd tal-Unjoni Ewropea;
 - (c) għandhom ikunu jafu sewwa waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jkunu jafu, b'mod sodisfaċenti, lingwa oħra;
 - (d) għandhom ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom;
 - (e) għandhom ikunu rċevew, fejn ikun xieraq, it-taħriġ meħtieġ dwar is-sikurezza fuq il-baħar.

Artikolu 120

Il-lista tal-ispetturi tal-Unjoni

1. Abbażi tan-notifiki tal-Istati Membri u tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, il-Kummissjoni għandha tadotta lista tal-ispetturi tal-Unjoni sitt xhur wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.
2. Wara li tkun ġiet stabbilita l-lista inizjali, l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jinnotifikaw kull sena lill-Kummissjoni, sa Ottubru, b'kull emenda għal-lista li jixtiequ jintroduċu għas-sena kalendarja ta' wara. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista kif meħtieġ sal-31 ta' Diċembru kull sena.
3. Il-lista u l-emendi tagħha għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd.

Artikolu 121

Il-komunikazzjoni tal-ispetturi tal-Unjoni lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd

Il-korp maħtur mill-Kummissjoni għandu jikkomunika lis-segretarjat ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd il-lista tal-ispetturi tal-Unjoni li se jwettqu spezzjonijiet fil-qafas ta' dik l-Organizzazzjoni.

Artikolu 122

Is-setgħat u d-dmirijiet tal-ispetturi tal-Unjoni

1. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom l-ispetturi tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u, sa fejn applikabbli, il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn isseħħ l-ispezzjoni jew, meta l-ispezzjoni ssir barra l-ilmijiet tal-UE, tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat u r-regoli internazzjonali rilevanti.

2. L-ispetturi tal-Unjoni għandhom jippreżentaw karta tas-servizz li turi l-identità tagħhom u l-kapaċità li joperaw taħtha. Għal dan il-għan għandhom jingħataw dokument ta' identifikazzjoni maħruġ mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd li juri l-identità u l-kapaċità tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-twettiq tad-dmirijiet mill-ispetturi tal-Unjoni u għandhom jagħtuhom dik l-assistenza li jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-ispetturi tal-Unjoni jassistu lill-ispetturi nazzjonali fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

5. L-Artikoli 113 u 114 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw b'mod korrispondenti.

Artikolu 123

Ir-rapporti

1. L-ispetturi tal-Unjoni għandhom jippreżentaw sommarju ta' kuljum dwar l-attivitajiet ta' spezzjoni tagħhom, inklużi l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull bastiment tas-sajd jew dgħajsa spezzjonata u t-tip ta' spezzjoni mwettqa, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fl-ilmijiet tiegħu twettqet l-ispezzjoni jew, meta l-ispezzjoni tkun twettqet barra l-ilmijiet tal-UE, lill-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-UE spezzjonat u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd.

2. Jekk l-ispetturi tal-Unjoni josservaw ksur matul spezzjoni, għandhom, mingħajr dewmien, jippreżentaw sommarju tar-rapport tal-ispezzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali jew, meta l-ispezzjoni tkun twettqet barra l-ilmijiet tal-UE, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd. Dan is-sommarju tar-rapport tal-ispezzjoni għandu jispeċifika tal-anqas id-data u l-post tal-ispezzjoni, l-identifikazzjoni tal-pjattaforma ta' spezzjoni, l-identifikazzjoni tal-mira spezzjonata u t-tip ta' ksur osservat.

3. L-ispetturi tal-Unjoni għandhom jippreżentaw ir-rapport sħiħ tal-ispezzjoni b'nota tal-oġġetti rilevanti fil-modulu x-xieraq tar-rapport tal-ispezzjoni mogħti fl-Anness XXVII lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd jew tad-dgħajsa spezzjonata u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fl-ilmijiet tiegħu twettqet l-ispezzjoni, fi żmien sebat ijiem mid-data tal-ispezzjoni. Jekk l-ispetturi tal-Unjoni josservaw ksur, għandha tintbagħat ukoll kopja tar-rapport sħiħ tal-ispezzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd.

4. Ir-rapporti ta' kuljum u r-rapporti tal-ispezzjoni msemmiya f'dan l-Artikolu għandhom jiġu kkomunikati, fuq talba, lill-Kummissjoni.

Artikolu 124

Is-segwitu tar-rapporti

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni dwar ir-rapporti ppreżentati mill-ispetturi tal-Unjoni skont l-Artikolu 123 ta' dan ir-Regolament bl-istess mod li bih jieħdu azzjoni dwar ir-rapporti ppreżentati mill-uffiċjali tagħhom stess.

2. L-Istat Membru li jaħtar l-ispettur tal-Unjoni jew, fejn hu xieraq, il-Kummissjoni jew l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, għandu jikkoopera mal-Istat Membru li jkun qiegħed jieħdu azzjoni dwar rapport ippreżentat mill-ispettur tal-Unjoni sabiex ikunu ffaċilitati l-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi.

3. Fuq talba, spettur tal-Unjoni għandu jassisti u jagħti evidenza fi proċeduri ta' ksur li jinbdew minn kwalunkwe Stat Membru.

TITOLU VII

L-INFURZAR**IS-SISTEMA TA' PUNTI GĦAL KSUR SERJU**

Artikolu 125

L-istabbiliment u l-operazzjoni ta' sistema ta' punti għal ksur serju

Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom ikunu responsabbli:

- (a) għall-istabbiliment tas-sistema għall-attribuzzjoni tal-punti għal ksur serju, kif imsemmi fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament ta' Kontroll,
- (b) għall-attribuzzjoni tal-għadd xieraq ta' punti lid-detentur ta' liċenzja tas-sajd,
- (c) għat-trasferiment tal-punti attribwiti lil kull detentur ta' liċenzja tas-sajd għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat fil-ġejjieni f'każ li dan il-bastiment tas-sajd jinbiegħ, jiġi ttrasferit jew b'xi mod ieħor jinbidel sidu, u
- (d) għaż-żamma tar-reġistri rilevanti tal-punti attribwiti jew ittrasferiti lid-detentur, għal kull liċenzja tas-sajd.

Artikolu 126

L-attribuzzjoni tal-punti

1. L-għadd ta' punti għal ksur serju għandu jiġi attribwit skont l-Anness XXX lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

2. Meta jiġu osservati żewġ elementi ta' ksur serju jew aktar mill-istess persuna fiżika jew ġuridika li hija d-detentur tal-liċenzja tul spezzjoni waħda, il-punti fir-rigward ta' kull ksur serju kkonċernat għandhom jiġu attribwiti lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 sa massimu ta' 12-il punt.

3. Id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jiġi nfurmat li ngħatawlu l-punti.

4. Il-punti jiġu attribwiti lid-detentur tal-liċenzja fid-data stipulata fid-deċiżjoni tal-attribuzzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali dwar l-effetti ta' sospensjoni tal-proċeduri ta' revizzjoni ma jirriżultawx fin-nuqqas ta' effikaċja tas-sistema tal-punti.

5. Meta l-ksur serju jiġi osservat fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-bandiera, il-punti għandhom jiġu attribwiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 125 ta' dan ir-Regolament fuq notifika skont l-Artikolu 89(4) tar-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 127

In-notifika tad-deċiżjonijiet

Jekk l-awtorità maħtura skont l-Artikolu 125 ta' dan ir-Regolament ma tkunx l-istess bħall-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament ta' Kontroll, din tal-aħħar għandha tiġi nfurmata b'kull deċiżjoni meħuda skont dan it-Titolu.

Artikolu 128

It-trasferiment tas-sjieda

Meta bastiment tas-sajd jitpoġġa għall-bejgħ jew għal kull tip ta' trasferiment ieħor tas-sjieda, id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jinforma lil kwalunkwe detentur futur potenzjali tal-liċenzja bl-għadd ta' punti li għadhom attribwiti lilu permezz ta' kopja ċċertifikata miġbura mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 129

Is-sospensjoni u l-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd

1. L-akkumulazzjoni ta' 18, 36, 54 u 72 punt minn detentur ta' liċenzja tas-sajd għandha timplika b'mod awtomatiku l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' sospensjoni tal-liċenzja tas-sajd rispettivament, għall-perjodi rilevanti msemmija fl-Artikolu 92(3) tar-Regolament ta' Kontroll.

2. L-akkumulazzjoni ta' 90 punt mid-detentur ta' liċenzja tas-sajd għandha timplika b'mod awtomatiku l-irtirar permanenti tal-liċenzja tas-sajd.

Artikolu 130

Is-segwitu tas-sospensjoni u tal-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd

1. Jekk liċenzja tas-sajd tkun ġiet sospiża jew irtirata b'mod permanenti skont l-Artikolu 129 ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandha tinforma lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd immedjatament dwar din is-sospensjoni jew dan l-irtirar permanenti.

2. Malli jirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jiżgura li l-attività tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat tiegħu b'mod immedjat. Għandu jiżgura li l-bastiment jipproċedi immedjatament lejn il-port tiegħu jew lejn port indikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. Matul il-vjaġġ l-irkaptu tas-sajd għandu jintrabat u jiġi stivat skont l-Artikolu 47 tar-Regolament ta' Kontroll. Id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jiżgura li kwalunkwe qabda abboord il-bastiment tas-sajd tiġi ttrattata skont l-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

Artikolu 131

It-tħassir tal-liċenzji tas-sajd mil-listi rilevanti

1. Jekk il-liċenzja tas-sajd tkun ġiet sospiża jew irtirata b'mod permanenti skont l-Artikolu 129(1) jew (2) ta' dan ir-Regolament, il-bastiment tas-sajd li miegħu hija marbuta l-liċenzja tas-sajd sospiża jew irtirata b'mod permanenti għandu jiġi identifikat bħala bastiment mingħajr liċenzja tas-sajd fir-reġistru nazzjonali msemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Dan il-bastiment tas-sajd għandu jkun identifikat ukoll b'dan il-mod fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-UE msemmi fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. L-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd skont l-Artikolu 129(2) ta' dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-livelli ta' referenza tal-Istat Membru li jkun qed joħroġ il-liċenzja kif imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jaġġornaw immedjatament il-lista msemmija fl-Artikolu 116(1)(d) tar-Regolament ta' Kontroll u jagħtu indikazzjoni tal-punti kollha attribwiti u tas-sospensjonijiet u l-irtirar permanenti tal-liċenzji tas-sajd li jirriżultaw minnhom, inkluża d-data li fiha jkun bdew japplikaw u t-tul ta' żmien tagħhom.

Artikolu 132

Is-sajd illegali matul il-perjodu ta' sospensjoni jew wara l-irtirar permanenti ta' liċenzja tas-sajd

1. Jekk bastiment tas-sajd li l-liċenzja tas-sajd tiegħu tkun ġiet sospiża jew irtirata b'mod permanenti skont l-Artikolu 129 ta'

dan ir-Regolament, iwettaq attivitajiet tas-sajd matul il-perjodu ta' sospensjoni jew wara l-irtirar permanenti tal-liċenzja tas-sajd, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu miżuri ta' nfurzar immedjati skont l-Artikolu 91 tar-Regolament ta' Kontroll.

2. Il-bastiment tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 jista', fejn ikun xieraq, jiġi inkluż fil-lista tal-bastimenti IUU (illegali, mhux rapportati u mhux regolati) tal-UE skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

Artikolu 133

It-tħassir tal-punti

1. Jekk liċenzja tas-sajd tkun ġiet sospiża skont l-Artikolu 129 ta' dan ir-Regolament, il-punti kollha li fuq il-bażi tagħhom tkun ġiet sospiża l-liċenzja tas-sajd ma għandhomx jitħassru. Kull punt għid attribwit lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jingħadd mal-punti eżistenti għall-fini tal-Artikolu 129 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3) tar-Regolament ta' Kontroll, jekk il-punti jkun tħassru skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament ta' Kontroll, id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jitqies daqslikieku l-liċenzja tas-sajd tiegħu ma kinetx ġiet sospiża skont l-Artikolu 129 ta' dan ir-Regolament.

3. Għandhom jitħassru żewġ punti, dejjem jekk l-ammont totali tal-punti attribwiti lid-detentur tal-liċenzja tas-sajd għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat ikun ta' aktar minn tnejn, jekk:

(a) il-bastiment tas-sajd li ntuża biex jitwettaq il-ksur li għalih ġew attribwiti l-punti minn hemm 'il quddiem jibda juża l-VMS jew jibda jirreġistra u jikkomunika d-dejta tal-ġurnal ta' abboord tas-sajd, tat-trażbord u tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art b'mod elettroniku mingħajr ma jkun legalment suġġett għal dawn it-teknoloġiji; jew

(b) id-detentur tal-liċenzja tas-sajd, wara l-attribuzzjoni tal-punti, joffri li jieħu sehem f'kampanja xjentifika għat-titjib tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd; jew

(c) id-detentur tal-liċenzja tas-sajd ikun membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi u huwa jaċċetta pjan tas-sajd adottat mill-organizzazzjoni tal-produtturi fis-sena ta' wara l-attribuzzjoni tal-punti li jinvolvi tnaqqis ta' 10 % tal-opportunitajiet tas-sajd għad-detentur tal-liċenzja tas-sajd; jew

(d) id-detentur tal-liċenzja tas-sajd jingħaqad f'sajd kopert minn skema ta' ekotikkettar li hija maħsuba biex tiċċertifika u tippromwovi tikketti għal prodotti li ġejjin mis-sajd għal qabdiel ta' speċijiet tal-baħar immaniġġjati tajjeb u li tiffoka fuq kwistjonijiet marbutin mal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

Għal kull perjodu ta' tliet snin mid-data tal-aħħar ksur serju, id-detentur ta' liċenzja tas-sajd jista' jgawdi darba biss minn waħda mill-għażliet mogħtija fil-punti (a), (b), (c) jew (d) biex inaqqas l-ammont ta' punti attribwiti, u jista' jagħmel dan dejjem jekk dan it-tnaqqis ma jwassalx għat-tħassir tal-punti kollha fuq il-liċenzja tas-sajd.

4. Jekk il-punti jkunu tħassru skont il-paragrafu 3, id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jiġi nfurmat b'dak it-tħassir. Id-detentur tal-liċenzja tas-sajd għandu jiġi nfurmat ukoll bl-għadd ta' punti li jkun għad fadallu.

Artikolu 134

Is-sistema ta' punti għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan it-Titolu, dwar is-sistemi nazzjonali tal-punti tagħhom għall-kaptani kif imsemmi fl-Artikolu 92(6) tar-Regolament ta' Kontroll.

TITOLU VIII

IL-MIŻURI BIEX TIĠI ŻGURATA L-KONFORMITÀ MILL-ISTATI MEMBRI MAL-GĦANIJET TAL-POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD

KAPITOLU I

Is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-unjoni

Artikolu 135

Id-definizzjoni

Għall-fini ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "pagament" tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mill-Kummissjoni wara talba għall-pagament ippreżentata minn Stat Membru matul jew fi tmiem l-implimentazzjoni ta' programm operazzjonali taħt ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 jew ta' proġett kopert mill-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006;
- (2) "interruzzjoni" tfisser tfixkil fl-eżekuzzjoni tad-data tal-iskadenza għall-pagament;
- (3) "sospensjoni" tfisser sospensjoni tal-pagamenti skont talbiet speċifiċi għall-pagament kif imsemmi fl-Artikolu 103(1) tar-Regolament ta' Kontroll;
- (4) "kanċellazzjoni" tfisser l-annullament tal-kontribuzzjoni sospiża tal-Unjoni kollha jew ta' parti minnha għal programm operazzjonali taħt ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 jew għal proġett speċifiku kopert mill-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

Artikolu 136

L-interruzzjoni tad-data tal-iskadenza għall-pagament

1. Id-data tal-iskadenza għall-pagament tista' tiġi interrotta mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega, kif iddefinit fir-Regola-

ment tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽¹⁾ għal perjodu massimu ta' sitt xhur:

- (a) jekk ikun hemm sejbiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (il-PKS); jew
- (b) jekk l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega jkollu jwettaq verifiki addizzjonali wara sejbiet li jindikaw li hemm nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru u/jew li hemm nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS dwar is-sajd u l-attivitajiet marbutin miegħu.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiġi infurmat bil-miktub, kif imsemmi fl-Artikolu 103(3) tar-Regolament ta' Kontroll, bir-raġunijiet għall-interruzzjoni tad-data tal-iskadenza għall-pagament. Għandu jiġi mitlub jikkomunika lill-Kummissjoni, fi żmien xahar minn meta tasal dik l-ittra, l-azzjonijiet ta' rimedju meħuda u/jew l-informazzjoni dwar l-assistenza finanzjarja mogħtija lill-attivitajiet marbutin mas-sajd fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità, kif stipulat fl-Anness XXXI għal dan ir-Regolament.

3. Meta l-Istat Membru kkonċernat ma jwiegħbix għat-talba tal-Kummissjoni fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, jew meta jipprovi twegħiba li ma tkunx sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tibgħat tfakkira li tippermetti perjodu addizzjonali ta' mhux iżjed minn 15-il jum.

4. L-interruzzjoni għandha tintemm hekk kif l-Istat Membru juri, fit-twegħiba tiegħu, li ħa azzjonijiet ta' rimedju biex jiżgura l-konformità mar-regoli tal-PKS jew li s-sejbiet li kienu qed jindikaw li kien hemm nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tiegħu u/jew nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS dwar is-sajd u l-attivitajiet marbutin miegħu ma kellhom ebda bażi.

Artikolu 137

Is-sospensjoni tal-pagamenti

1. Meta l-Istat Membru kkonċernat ma jwiegħbix għat-talba tal-Kummissjoni fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 136 ta' dan ir-Regolament, jew meta jipprovi twegħiba li ma tkunx sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak il-ħin, deċiżjoni biex tissospendi l-pagamenti kollha tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lil dak l-Istat Membru jew parti minnhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-deċiżjoni ta' sospensjoni"), kif imsemmi fl-Artikolu 103(1) tar-Regolament ta' Kontroll.

2. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni għandha tiġbor fiha, fil-qosor, il-kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u ta' liġi, għandha tinkludi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 103(1) u (6) tar-Regolament ta' Kontroll u għandha tistipula l-parti tal-pagament li hija sospiża. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni għandha titlob lill-Istat Membru kkonċernat jieħu azzjonijiet ta' rimedju fi żmien preskritti li ma għandux jaqbeż is-sitt xhur.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

3. L-ammont ta' pagamenti li għandhom jiġu sospiżi għandu jiġi deċiż billi tiġi applikata rata li għandha tiġi determinata billi jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 103(5) tar-Regolament ta' Kontroll.

Artikolu 138

Il-kanċellazzjoni tal-assistenza finanzjarja

1. Meta, matul il-perjodu ta' sospensjoni, l-Istat Membru xorta waħda jonqos milli juri li kkoreġa s-sitwazzjoni li wasslet għad-deċiżjoni ta' sospensjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 103(2) tar-Regolament ta' Kontroll, il-Kummissjoni tista' tinfurmah bl-intenzjoni tagħha li tadotta deċiżjoni ta' kanċellazzjoni. L-Artikoli 136(2) u (3) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw b'mod korrispondenti.

2. Meta l-Istat Membru kkonċernat ma jwegħibx għat-talba tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew meta jipprovi twegħiba li ma tkunx sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak il-ħin, deċiżjoni biex tikkancelła l-pagamenti sospiżi kollha lil dak l-Istat Membru jew parti minnhom.

3. Id-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tista' tinkludi l-irkupru ta' parti mill-pagament bil-quddiem jew tal-pagament bil-quddiem kollu, jekk dan ikun ingħata għall-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa diġà għall-proġetti koperti mill-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 li għalihom kienu sospiżi l-pagamenti.

4. L-ammont tal-pagamenti sospiżi li għandu jiġi kkanċellat għandu jiġi deċiż billi tiġi applikata rata li għandha tiġi determinata billi jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 103(5) tar-Regolament ta' Kontroll.

5. L-ammont tal-pagament bil-quddiem għall-kontribuzzjoni finanzjarja li għandu jiġi rkuprat għal proġetti li għalihom kienu sospiżi l-pagamenti għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni permezz ta' proċedura ta' rkupru kif stipulat fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u fl-Artikolu 72 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

KAPITOLU II

It-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd

Artikolu 139

Ir-regoli ġenerali għat-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd minħabba utilizzazzjoni żejda

1. Id-daqs tal-utilizzazzjoni żejda tal-opportunitajiet tas-sajd fir-rigward tal-kwoti disponibbli u tal-isforz tas-sajd stabbiliti

għal perjodu partikolari, kif imsemmi fl-Artikoli 105(1) u 106(1) tar-Regolament ta' Kontroll, għandu jiġi determinat abbażi taċ-ċifri disponibbli fil-ħmistax-il jum tat-tieni xahar wara li jiskadi l-perjodu regolat.

2. Id-daqs tal-utilizzazzjoni żejda tal-opportunitajiet tas-sajd għandu jiġi determinat fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fi tmiem kull perjodu partikolari għall-Istat Membru kkonċernat billi jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, it-trasferimenti tal-kwoti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁽¹⁾, l-allokazzjoni mill-ġdid tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli skont l-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Kontroll u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament ta' Kontroll.

3. L-iskambju tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għal perjodu partikolari ma għandux ikun permess wara l-aħħar jum tal-ewwel xahar wara li jiskadi dak il-perjodu.

Artikolu 140

Il-konsultazzjoni dwar it-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd

Għat-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 105(4) u (5) u 106(3) tar-Regolament ta' Kontroll, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-miżuri ssuġġeriti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jwieġeb fi żmien għaxart ijiem (10) tax-xogħol għal din il-konsultazzjoni minnaħa tal-Kummissjoni.

KAPITOLU III

It-tnaqqis tal-kwoti minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd

Artikolu 141

Ir-regoli għat-tnaqqis tal-kwoti minħabba nuqqas ta' konformità mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd

1. Id-data ta' skadenza għall-Istat Membru biex juri li l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jitwettqu b'mod sikur, imsemmija fl-Artikolu 107(2) tar-Regolament ta' Kontroll, għandha tapplika mid-data tal-ittra tal-Kummissjoni lill-Istat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jinkludu, fit-twegħiba tagħhom taħt l-Artikolu 107(2) tar-Regolament ta' Kontroll, evidenza materjali li turi lill-Kummissjoni li l-attività tas-sajd tista' titwettaq b'mod sikur.

⁽¹⁾ ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

Artikolu 142

Id-determinazzjoni tal-kwantitajiet li għandhom jitnaqqsu

1. Kwalunkwe tnaqqis ta' kwoti skont l-Artikolu 107 tar-Regolament ta' Kontroll għandu jkun proporzjonali għall-grad u n-natura tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-istokkijiet li huma suġġetti għal pjanijiet multiannwali u għall-gravità tat-theddida għall-konservazzjoni ta' dawn l-istokkijiet. Għandu jitqies id-dannu kkawżat lil dawn l-istokkijiet min-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-istokkijiet li huma suġġetti għal pjanijiet multiannwali.

2. Jekk ma jistax isir tnaqqis tal-kwota, tal-allokazzjoni jew tas-sehem tal-istokk jew tal-grupp ta' stokkijiet li għalihom jirreferi n-nuqqas ta' konformità skont il-paragrafu 1 minħabba li l-kwota, l-allokazzjoni jew is-sehem tal-istokk jew tal-grupp ta' stokkijiet inkwistjoni mhumiex disponibbli jew mhumiex disponibbli biżżejjed għall-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, tista' tnaqqas fis-sena jew fis-snin ta' wara l-kwoti għal stokkijiet oħra jew għal gruppi ta' stokkijiet oħra li huma disponibbli għal dak l-Istat Membru fl-istess żona ġeografika, jew li għandhom l-istess valur kummerċjali skont il-paragrafu 1.

TITOLU IX

ID-DEJTA U L-INFORMAZZJONI

KAPITOLU I

L-analiżi u l-verifika tad-dejta

Artikolu 143

Is-suġġett

Is-sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 109(1) tar-Regolament ta' Kontroll għandha tinkludi b'mod partikolari:

- (a) bażi tad-dejta waħda jew iżjed li fiha tinħażen id-dejta kollha li għandha tiġi vvalidata minn din is-sistema, kif imsemmi fl-Artikolu 144 ta' dan ir-Regolament;
- (b) proċeduri ta' validazzjoni li jinkludu kontrolli tal-kwalità tad-dejta u analiżi u kontroverifiki ta' din id-dejta kollha, kif imsemmi fl-Artikolu 145 ta' dan ir-Regolament;
- (c) proċeduri għall-aċċess għal din id-dejta kollha mill-Kummissjoni jew minn korp maħtur minnha, kif imsemmi fl-Artikolu 146 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 144

Id-dejta li għandha tiġi vvalidata

1. Għall-fini tas-sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta kollha msemmija fl-Artikolu 109(2) tar-Regolament ta' Kontroll tinħażen f'bażi tad-dejta kompjuterizzata waħda jew iżjed. L-elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fiha huma l-oġġetti elenkati fl-Anness XXIII, dawk indikati bħala obbligatorji fl-Anness XXVII, l-oġġetti fl-Anness XII u l-oġġetti fl-Anness XXXII. Is-sistema ta' vali-

dazzjoni tista' tqis ukoll kwalunkwe dejta oħra meqjusa bħala meħtieġa għall-fini tal-proċeduri ta' validazzjoni.

2. Id-dejta fil-bażijiet tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli għas-sistema ta' validazzjoni fuq bażi kontinwa u fil-ħin immedjat. Is-sistema ta' validazzjoni għandu jkollha aċċess dirett għal dawn il-bażijiet tad-dejta kollha mingħajr ebda intervent uman. Għal dan il-għan, il-bażijiet tad-dejta jew is-sistemi kollha fi Stat Membru li jiġbru fihom id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu marbutin ma' xulxin.

3. Jekk id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 ma tinħażinx b'mod awtomatiku f'bażi tad-dejta, l-Istati Membri għandhom jaħsbu għall-annotazzjoni manwali jew għad-diġitalizzazzjoni fil-bażijiet tad-dejta, mingħajr dewmien u billi jiġu rrispettati d-dati ta' skadenza stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti. Id-data ta' meta tasal id-dejta u tal-annotazzjoni tad-dejta għanda tiġi rreġistrata tajjeb fil-baży tad-dejta.

Artikolu 145

Il-proċeduri ta' validazzjoni

1. Is-sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata għandha tivvalida kull sett tad-dejta msemmi fl-Artikolu 144(1) ta' dan ir-Regolament fuq il-baży ta' algoritmi u proċeduri kompjuterizzati awtomatizzati u b'mod kontinwu, sistematiku u dettaljat. Il-validazzjoni għandha tiġbor fiha proċeduri biex tiġi kkontrollata l-kwalità bażika tad-dejta u biex jiġu kkontrollati l-format tad-dejta u r-rekwiżiti minimi tad-dejta, kif ukoll verifika iżjed avvanzata permezz tal-analiżi fid-dettall ta' diversi reġistri ta' sett tad-dejta, bl-użu ta' metodi statistiċi, jew billi ssir kontroverifika tad-dejta li ġejja minn sorsi differenti.

2. Għal kull proċedura ta' validazzjoni, għandu jkun hemm regola kummerċjali jew sett ta' regoli kummerċjali li jiddefinixxu liema validazzjonijiet huma eżegwiti skont il-proċedura, kif ukoll fejn huma maħżuna r-riżultati ta' dawn il-validazzjonijiet. Meta jkun applikabbli, għandha tiġi indikata r-referenza rilevanti għal-leġiżlazzjoni li l-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda tiġi vverifikata. Il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, sett standard ta' regoli kummerċjali li għandhom jintużaw.

3. Ir-riżultati kollha tas-sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, għandhom jinħażnu f'baży tad-dejta. Wieħed għandu jkun jista' jidentifika immedjatament kwalunkwe inkonsistenza jew kwistjoni ta' nuqqas ta' konformità osservata mill-proċeduri ta' validazzjoni, kif ukoll is-segwitu ta' dawn l-inkonsistenzi. Wieħed għandu jkun jista' jirkupra wkoll l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd, tal-kaptani tal-bastimenti jew tal-operaturi li għalihom kienu osservati inkonsistenzi u kwistjonijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità b'mod ripetut matul l-aħħar tliet snin.

4. Is-segwitu tal-inkonsistenzi osservati mis-sistema ta' validazzjoni għandu jkun marbut mar-riżultati tal-validazzjoni, b'indikazzjoni tad-data tal-validazzjoni u tas-segwitu.

Jekk l-inkonsistenza osservata hija identifikata bħala r-riżultat ta' annotazzjoni ħażina tad-dejta, dik l-annotazzjoni tad-dejta għandha tiġi kkoreġuta fil-bażi tad-dejta, bid-dejta tiġi mmarkata b'mod ċar bħala waħda li ġiet ikkoreġuta, kif ukoll bir-rappurtar tal-valur jew tal-annotazzjoni oriġinali u r-raġuni għall-korrezzjoni tad-dejta.

Jekk l-inkonsistenza osservata twassal għal segwitu, ir-riżultat tal-validazzjoni għandu jkollu ħolqa għar-rapport tal-ispezzjoni, fejn hu xieraq, u għas-segwitu tiegħu.

Artikolu 146

L-aċċess mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha jkollu aċċess f'kull ħin u fil-ħin immedjat:

- (a) għad-dejta kollha msemmija fl-Artikolu 144(1) ta' dan ir-Regolament;
- (b) għar-regoli kummerċjali kollha ddefiniti għas-sistema ta' validazzjoni, li jinkludu d-definizzjoni, il-leġiżlazzjoni rilevanti u l-post fejn ir-riżultati tal-validazzjoni huma maħżuna;
- (c) għar-riżultati tal-validazzjoni kollha u l-miżuri ta' segwitu, b'markatur jekk l-oġġett tad-dejta ġie korrett, u b'ħolqa għall-proċeduri ta' ksar jekk dan ikun applikabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm aċċess għad-dejta msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) għall-iskambju awtomatizzat tad-dejta permezz tas-servizzi tal-internet siguri, kif definit fl-Artikolu 147 ta' dan ir-Regolament.

3. Id-dejta għandha tkun magħmula disponibbli biex titniżżel skont il-format għall-iskambju tad-dejta u l-elementi kollha tad-dejta kif definit fl-Anness XII u fil-format tal-XML. L-oġġetti tad-dejta l-oħrajn li se jkunu aċċessibbli u li mhumix definiti fl-Anness XII għandhom ikunu disponibbli fil-format kif definit fl-Anness XXXII.

4. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jingħataw il-possibbiltà li jniżżlu d-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe perjodu u għal kwalunkwe żona ġeografika għal bastiment tas-sajd individwali jew għal-lista ta' bastimenti tas-sajd.

5. Fuq talba raġunata tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkoreġi mingħajr dewmien id-dejta li għaliha l-Kummissjoni tkun identifikat inkonsistenzi. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri rilevanti l-oħrajn b'din il-korrezzjoni mingħajr dewmien.

KAPITOLU II

Il-websajts tal-istati membri

Artikolu 147

It-tħaddim tal-websajts u tas-servizzi tal-web

1. Għall-fini tal-websajts uffiċjali msemmija fl-Artikoli 115 u 116 tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom joħlqu servizzi tal-web. Dawn is-servizzi tal-web għandhom jiġġeneraw kontenut dinamiku u f'ħin immedjat għall-websajts uffiċjali u għandhom jipprovdu aċċess awtomatizzat għad-dejta. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-bażijiet tad-dejta eżistenti tagħhom jew joħlqu bażijiet tad-dejta ġodda sabiex jipprovdu l-kontenut meħtieġ tas-servizzi tal-web.

2. Dawn is-servizzi tal-web għandhom jippermettu lill-Kummissjoni u lill-korp maħtur minnha jieħdu d-dejta kollha disponibbli msemmija fl-Artikoli 148 u 149 ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe ħin. Dak il-mekkaniżmu ta' teħid awtomatizzat tad-dejta għandu jkun ibbażat fuq il-protokoll u l-format tal-iskambju tal-informazzjoni b'mod elettroniku msemmija fl-Anness XII. Is-servizzi tal-web għandhom jinħolqu skont standards internazzjonali.

3. Kull sottopaġna tal-websajt uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha menu fuq in-naħa tax-xellug fejn ikunu elenkati l-iperlinks għas-sottopaġni kollha l-oħra. Għandu jkollha wkoll id-definizzjoni tas-servizz tal-web relatat fin-naħa t'isfel tas-sottopaġna.

4. Is-servizzi tal-web u l-websajts għandhom jintużaw b'mod ċentralizzat u għandu jkun hemm punt wieħed biss ta' aċċess uniku għal kull Stat Membru.

5. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi standards komuni, speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri għall-interfaċċja tal-websajt, sistemi kompjuterizzati teknikament kompatibbli u servizzi tal-web fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korp maħtur minnha. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-proċess biex toħloq dawk l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

Artikolu 148

Il-websajt u s-servizzi tal-web li huma aċċessibbli pubblikament

1. Il-parti tal-websajt li hija aċċessibbli pubblikament għandu jkollha paġna ta' ħarsa ġenerali u sottopaġni differenti. Il-paġna pubblika ta' ħarsa ġenerali għandha telenka l-iperlinks li jkollhom ir-referenzi mogħtija fl-Artikolu 115(a) sa (g) tar-Regolament ta' Kontroll u li jirreferu għas-sottopaġni li jipprovdu l-informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

2. Kull sottopaġna pubblika għandu jkollha tal-anqas wieħed mill-oġġetti ta' informazzjoni elenkati fl-Artikolu 115(a) sa (g) tar-Regolament ta' Kontroll. Is-sottopaġni, kif ukoll is-servizzi tal-web relatati, għandu jkollhom tal-anqas l-informazzjoni mogħtija fl-Anness XXXIII.

Artikolu 149

Il-websajt u s-servizzi tal-web siguri

1. Il-parti sigura tal-websajt għandu jkollha paġna ta' ħarsa ġenerali u sottopaġni differenti. Il-paġna ta' ħarsa ġenerali sigura għandha telenka l-iperlinks li jkollhom ir-referenzi mogħtija fl-Artikolu 116(1)(a) sa (h) tar-Regolament ta' Kontroll u li jirreferu għas-sottopaġni li jipprovdu l-informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

2. Kull sottopaġna sigura għandu jkollha tal-anqas wieħed mill-oġġetti ta' informazzjoni elenkati fl-Artikolu 116(1)(a) sa (h) tar-Regolament ta' Kontroll. Is-sottopaġni, kif ukoll is-servizzi tal-web relatati, għandu jkollhom tal-anqas l-informazzjoni mogħtija fl-Anness XXIV.

3. Kemm il-websajt sigura kif ukoll is-servizzi tal-web siguri għandhom jużaw iċ-ċertifikati elettroniċi msemmija fl-Artikolu 116(3) tar-Regolament ta' Kontroll.

TITOLU X

L-IMPLIMENTAZZJONI

KAPITOLU I

L-assistenza reċiproka

Taqsima 1

Id-dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 150

L-ambitu

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri għandhom jikkooperaw amministrattivament ma' xulxin, ma' pajjiżi terzi, mal-Kummissjoni u mal-korp maħtur minnha sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Kontroll u ta' dan ir-Regolament. Ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu forum oħra ta' kooperazzjoni amministrattiva.

2. Dan il-Kapitolu ma għandux jorbot lill-Istati Membri biex jagħtu assistenza lil xulxin meta din x'aktarx tkun ta' ħsara għas-sistema ġuridika nazzjonali tagħhom, għall-politika pubblika, għas-sigurtà jew għal interessi fundamentali oħrajn tagħhom. Qabel ma jiċħad talba għall-assistenza, l-Istat Membru li jkun intalab l-assistenza għandu jikkonsulta mal-Istat Membru applikant biex jiddeterminaw jekk tistax tingħata xi assistenza parzjali, suġġetta għal termini u kundizzjonijiet speċifiċi. Meta ma tkunx tista' tintlaqa' talba għall-assistenza, l-Istat Membru applikant u l-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom minnufih jiġu nnotifikati b'dan u għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal dan.

3. Dan il-Kapitolu ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-proċeduri kriminali u l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali fl-Istati Membri, inklużi dawk dwar is-segretezza f'inkjesti ġudizzjarji.

Artikolu 151

L-ispejjeż

L-Istati Membri għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom biex jeżegwixxu talba għall-assistenza u għandhom iwarribu l-klejms kollha għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba huwa u jiġi applikat dan it-Titolu.

Artikolu 152

L-awtorità unika

L-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament ta' Kontroll għandha taġixxi bħala uffiċċju uniku ta' koordinazzjoni responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 153

Il-miżuri ta' segwitu

1. Meta l-awtoritajiet nazzjonali jiddeċiedu, bi tweġiba għal talba għall-assistenza bbażata fuq dan il-Kapitolu jew wara skambju spontanju ta' informazzjoni, li jieħdu miżuri li jistgħu jiġu implimentati biss bl-awtorizzazzjoni jew fuq it-talba ta' awtorità ġudizzjarja, għandhom jikkomunikaw lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha kull informazzjoni dwar dawk il-miżuri li hija relatata man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Kwalunkwe komunikazzjoni ta' dan it-tip għandu jkollha l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità ġudizzjarja jekk din l-awtorizzazzjoni tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali.

Taqsima 2

L-informazzjoni mingħajr talba minn qabel

Artikolu 154

L-informazzjoni mingħajr talba minn qabel

1. Meta Stat Membru jsir konxju minn kwalunkwe nuqqas ta' konformità potenzjali mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari minn ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll, jew meta jissuspetta b'mod raġonevoli li jista' jseħħ dan il-ksur, għandu javża lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati u lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha mingħajr dewmien. Dik in-notifika għandha tforni l-informazzjoni kollha meħtieġa u għandha ssir permezz tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 152 ta' dan ir-Regolament.

2. Meta Stat Membru jieħu miżuri ta' nfurzar dwar nuqqas ta' konformità jew ksur imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati u lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha permezz tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 152 ta' dan ir-Regolament.

3. In-notifiki kollha skont dan l-Artikolu għandhom isiru bil-miktub.

Taqsima 3

It-talbiet għall-assistenza

Artikolu 155

Id-definizzjoni

Għall-fini ta' din it-Taqsima, "talba għall-assistenza" tfisser talba magħmula minn Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni jew mill-korp maħtur minnha lil Stat Membru għal:

- (a) informazzjoni li tinkludi informazzjoni skont l-Artikolu 93(2) u (3) tar-Regolament ta' Kontroll;
- (b) miżuri ta' infurzar; jew
- (c) notifika amministrattiva.

Artikolu 156

Ir-reqwiżiti ġenerali

1. L-Istat Membru applikant għandu jiżgura li t-talbiet kollha għall-assistenza jkun fihom biżżejjed informazzjoni biex l-Istat Membru li jintalab l-assistenza jkun jista' jissodisfa t-talba, inkluża kwalunkwe evidenza meħtieġa li tista' tinkiseb fit-territorju tal-Istat Membru applikant.
2. It-talbiet għall-assistenza għandhom ikunu limitati għal każijiet sostanzjati fejn ikun hemm raġuni raġonevoli biex wieħed jemmaen li kien hemm nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll, u meta l-Istat Membru applikant ma jkunx jista' jikseb l-informazzjoni mitluba jew jieħu l-miżuri mitluba bil-mezzi tiegħu stess.

Artikolu 157

Il-komunikazzjoni tat-talbiet u tat-tweġibiet

1. It-talbiet għandhom jintbagħtu biss mill-awtorità unika tal-Istat Membru applikant, mill-Kummissjoni jew mill-korp maħtur minnha lil-awtorità unika tal-Istat Membru mitlub. It-tweġibiet kollha għal talba għandhom jiġu kkomunikati bl-istess mod.
2. It-talbiet għall-assistenza reċiproka u t-tweġibiet rispettivi għandhom isiru bil-miktub.
3. Il-lingwi użati għat-talbiet u t-tweġibiet għandhom jinftehmha mill-awtoritajiet uniċi kkonċernati qabel ma jsiru t-talbiet. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim, it-talbiet għandhom jiġu kkomunikati fil-lingwa (lingwi) uffiċjali tal-Istat Membru applikant u t-tweġibiet bil-lingwa (lingwi) uffiċjali tal-Istat Membru mitlub.

Artikolu 158

It-talbiet għall-informazzjoni

1. Stat Membru għandu, fuq talba ta' Stat Membru applikant, tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha, iforni kwalunkwe

informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari ksur serju kif imsemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll, jew biex jiġi stabbilit jekk hemmx suspett raġonevoli li dan jista' jseħħ. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat permezz tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 152 ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru mitlub għandu, fuq talba tal-Istat Membru applikant, tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha, iwettaq l-inkjesti amministrattivi x-xierqa dwar operazzjonijiet li jikkostitwixxu jew li, għall-applikant, jidhru li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll. L-Istat Membru mitlub għandu jikkomunika r-risultati ta' dawn l-inkjesti amministrattivi lill-Istat Membru applikant u lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha.

3. Fuq talba tal-Istat Membru applikant, tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha, l-Istat Membru mitlub jista' jippermetti lil uffiċjal kompetenti tal-Istat Membru applikant jakkumpanja lill-uffiċjali tal-Istat Membru mitlub, tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha, matul l-inkjesti amministrattivi msemmija fil-paragrafu 2. Safejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-proċeduri kriminali jirrestrinġu ċerti atti għall-uffiċjali speċifikament maħtura mil-liġi nazzjonali, l-uffiċjali tal-Istat Membru applikant ma għandhomx jieħdu sehem f'dawn l-atti. F'ebda każ ma għandhom jipparteċipaw fi ftitxijiet fuq il-post jew f'interrogazzjonijiet formali ta' persuni taħt il-liġi kriminali. L-uffiċjali tal-Istati Membri applikanti preżenti fl-Istat Membru mitlub għandhom f'kull ħin ikunu jistgħu jippreżentaw mandat bil-miktub li jiddikjara l-identità tagħhom u l-funzjonijiet uffiċjali tagħhom.

4. Fuq it-talba tal-Istat Membru applikant, l-Istat Membru mitlub għandu jfornih b'kull dokument jew kopji awtentikati fil-pussess tiegħu li jirrelataw man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd jew mal-ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll.

5. Il-format standard għall-iskambju tal-informazzjoni fuq talba huwa mogħti fl-Anness XXXIV.

Artikolu 159

It-talbiet għall-miżuri ta' infurzar

1. Fuq il-bażi tal-evidenza msemmija fl-Artikolu 156 ta' dan ir-Regolament, Stat Membru mitlub għandu, fuq talba ta' Stat Membru applikant, tal-Kummissjoni jew tal-korp maħtur minnha, jieħu l-miżuri ta' infurzar kollha meħtieġa biex iwaqqaf, fit-territorju tiegħu jew fl-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, kull nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd jew kull ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll mingħajr dewmien.

2. L-Istat Membru mitlub jista' jikkonsulta mal-Istat Membru applikant, mal-Kummissjoni jew mal-korp maħtur minnha tul it-teħid tal-miżuri ta' infurzar imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istat Membru mitlub għandu jirrapporta l-miżuri meħuda u l-effett tagħhom lill-Istat Membru applikant, lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha permezz tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 152 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 160

Id-data ta' skadenza għat-tweġibiet għat-talbiet għall-informazzjoni u għall-miżuri ta' infurzar

1. L-Istat Membru mitlub għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 158(1) u fl-Artikolu 159(3) ta' dan ir-Regolament malajr kemm jista' jkun, iżda mhux iżjed tard minn 4 ġimgħat wara d-data li fiha tasal it-talba. Jistgħu jiġu miftehma limiti taż-żmien differenti bejn l-Istat Membru mitlub u dak applikant, il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha.

2. Meta l-Istat Membru mitlub ma jkunx f'pożizzjoni li jwieġeb għat-talba sad-data ta' skadenza, għandu jinforma lill-Istat Membru applikant, lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha bil-miktub bir-raġuni għan-nuqqas tiegħu li jagħmel dan, u jindika meta jaħseb li se jkun jista' jwieġeb.

Artikolu 161

It-talbiet għal notifika amministrattiva

1. Stat Membru mitlub għandu, fuq talba ta' Stat Membru applikant u skont ir-regoli nazzjonali tiegħu li jirregolaw in-notifika ta' strumenti u deċiżjonijiet simili, jinnotifika lill-persuna indirizzata bl-istrumenti u d-deċiżjonijiet kollha meħuda fil-qasam kopert mill-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet irregolati mir-Regolament ta' Kontroll jew minn dan ir-Regolament li ġejjin mill-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru applikant u li għandhom jiġu applikati fit-territorju tal-Istat Membru mitlub.

2. It-talbiet għal notifika għandhom isiru billi tintuża l-formola standard meħmuża ma' dan ir-Regolament fl-Anness XXXV.

3. L-Istat Membru mitlub għandu jikkomunika t-tweġiba tiegħu lill-Istat Membru applikant immedjatament wara li ssir in-notifika permezz tal-awtorità unika msemmija fl-Artikolu 152 ta' dan ir-Regolament. It-tweġiba għandha ssir billi tintuża l-formola standard mogħtija fl-Anness XXXVI.

Taqsim 4

Ir-relazzjonijiet mal-Kummissjoni jew mal-korp maħtur minnha

Artikolu 162

Il-komunikazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha hekk kif ikollu disponibbli kwalunkwe informazzjoni li jqis li hija rilevanti dwar metodi, prattiki jew tendenzi żvelati użati jew suspettati li kienu użati f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari fi ksur serju kif imsemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll.

2. Il-Kummissjoni, jew il-korp maħtur minnha, għandha tikkomunika lill-Istati Membri, hekk kif tkun disponibbli, kull informazzjoni li tista' tghinjom fl-infurzar tar-Regolament ta' Kontroll jew ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 163

Il-koordinazzjoni mill-Kummissjoni jew mill-korp maħtur minnha

1. Meta Stat Membru jsir konxju minn operazzjonijiet li jikkostitwixxu jew li jidhru li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll, u li huma ta' rilevanza partikolari fil-livell tal-Unjoni, għandu jikkomunika lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, malajr kemm jista' jkun, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jiġu ddeterminati l-fatti. Il-Kummissjoni, jew il-korp maħtur minnha, għandha tagħti dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-operazzjonijiet li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari ksur serju kif imsemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll, għandhom jitqiesu li huma ta' rilevanza partikolari fil-livell tal-Unjoni Ewropea speċjalment meta:

(a) dawn ikollhom, jew jista' jkollhom, konnessjonijiet fi Stat Membru wieħed jew iżjed, jew

(b) l-Istat Membru jidhirlu li probabbilment twettqu operazzjonijiet simili wkoll fi Stati Membri oħra.

3. Meta l-Kummissjoni, jew il-korp maħtur minnha, tqis li l-operazzjonijiet li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari ksur serju kif imsemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll, sehew fi Stat Membru wieħed jew iżjed, għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati b'dan, li għandhom jinvestigaw dan malajr kemm jista' jkun. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha r-riżultati ta' dawk l-investigazzjonijiet malajr kemm jista' jkun.

Taqsima 5

Ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

Artikolu 164

L-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. Meta Stat Membru jirċievi informazzjoni minn pajjiż terzi jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd li hija rilevanti għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Kontroll u ta' dan ir-Regolament, għandu jikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-awtorità unika lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, safejn jitħalla jagħmel dan mill-ftehimiet bilaterali ma' dak il-pajjiż terzi jew mir-regoli ta' dik l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd.

2. L-informazzjoni li tasal skont dan il-Kapitolu tista' tiġi kkomunikata lil pajjiż terzi jew lil Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd minn Stat Membru permezz tal-awtorità unika tiegħu taħt ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż terzi jew skont ir-regoli ta' dik l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd. Dik il-komunikazzjoni għandha sseħħ wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li oriġinarjament ikkomunika l-informazzjoni u skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali.

3. Il-Kummissjoni, jew il-korp maħtur minnha, tista', fil-qafas ta' ftehimiet dwar is-sajd konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew fil-qafas tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd jew ta' arranġamenti simili li tagħhom l-Unjoni hija Parti Kontraenti jew Parti ta' Kooperazzjoni mhix kontraenti, tikkomunika informazzjoni rilevanti dwar nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd jew dwar ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament ta' Kontroll lil partijiet oħra għal dawk il-ftehimiet, l-organizzazzjonijiet jew l-arranġamenti, suġġett għall-kunsens tal-Istat Membru li forna l-informazzjoni.

KAPITOLU II

L-obbligi tar-rappurtar

Artikolu 165

Il-format u d-dati ta' skadenza għar-rapporti

1. Għar-rapport ta' ħames snin kif imsemmi fl-Artikolu 118(1) tar-Regolament ta' Kontroll, l-Istati Membri għandhom jużaw id-dejta definita fl-Anness XXXVII.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2011.

2. Ir-rapport li jiddikjara liema regoli ntużaw biex jiġu prodotti r-rapporti dwar id-dejta bażika kif imsemmi fl-Artikolu 118(4) tar-Regolament ta' Kontroll għandu jintbagħat sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport ġdid meta dawn ir-regoli jiġu modifikati.

TITOLU XI

ID-DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 166

Ir-revoki

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 2807/83, ir-Regolament (KEE) Nru 3561/85, ir-Regolament (KEE) Nru 493/87, ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87, ir-Regolament (KEE) Nru 1382/87, ir-Regolament (KEE) Nru 2943/95, ir-Regolament (KE) Nru 1449/98, ir-Regolament (KE) Nru 2244/2003, ir-Regolament (KE) Nru 1281/2005, ir-Regolament (KE) Nru 1042/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1542/2007, ir-Regolament (KE) Nru 1077/2008 u r-Regolament (KE) Nru 409/2009 għandhom jitħassru.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 356/2005 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

3. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassrin għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 167

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ħliet għat-Titolu VII, li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011.

Madankollu, il-Kapitolu III tat-Titolu II u l-Kapitolu 1 tat-Titolu IV għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012. Skont l-Artikolu 124(c) tar-Regolament ta' Kontroll u l-paragrafu ta' qabel dan, it-Titolu VII għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

Tabella 1

Il-kodiċijiet alfa-3 tal-preżentazzjoni tal-prodott

Kodiċi Alfa-3 tal-preżentazzjoni tal-prodott	Preżentazzjoni	Deskrizzjoni
CBF	Miftuħa ktieb	HEA, bil-qoxra, bl-ispina dorsali u bid-denb
CLA	Dwiefer	Dwiefer biss
DWT	Kodiċi tal-ICCAT	Mingħajr garġi, imnaddaf, parti mir-ras maqtugħa u l-pinen imneħħija
FIL	Fi fletti	HEA u GUT u TLD, għadam imnehhij, minn kull ħuta toħroġ żewġ fletti mhux magħquda mill-ebda parti
FIS	Fletti u fletti mqaxxa	FIL u SKI Minn kull ħuta toħroġ żewġ fletti mhux magħquda mill-ebda parti
FSB	Fletti bil-qoxra u bl-għadam	Fletti bil-qoxra u bl-għadam fihom
FSP	Fletti mqaxxa bix-xewka tad-dahar (pinbone) fihom	Fletti bil-qoxra mneħħija u bix-xewk tad-dahar (pinbone) fihom
GHT	Imnaddaf u mingħajr ir-ras u d-denb	GUH u TLD
GUG	Imnaddaf u mingħajr garġi	It-tneħħija tal-organi u tal-garġi
GUH	Imnaddaf u mingħajr ir-ras	It-tneħħija tal-organi u tar-ras
ĠUL	Imnaddaf imma bil-fwied	GUT mingħajr ma jitneħħa l-fwied
GUS	Imnaddaf, mingħajr ir-ras u mqaxxar	GUH u SKI
GUT	Imnaddaf	It-tneħħija tal-organi kollha
HEA	Minghajr ir-ras	It-tnehhija tar-ras
JAP	Qatgħa Ġappuniża	Qatgħa trasversali li tneħħi l-partijiet kollha mir-ras saż-żaqq
JAT	Qatgħa Ġappuniża mingħajr denb	Qatgħa Ġappuniża bid-denb imneħħi
LAP	Lappen	Flett doppju, HEA, bil-qoxra, id-denb u l-pinen FIHOM
LVR	Fwied	Fwied biss. F'każ ta' preżentazzjoni kollettiva uża l-kodiċi LVR-C
OTH	Oħrajn	Kull preżentazzjoni oħra ⁽¹⁾
ROE	Bajd	Bajd biss. F'każ ta' preżentazzjoni kollettiva uża l-kodiċi ROE-C
SAD	Immellaħ u mnixxef	Mingħajr ir-ras, bil-qoxra, bl-ispina, bid-denb u mmellaħ b'mod dirett
SAL	Immellaħ u mxarrab b'mod ħafif	CBF u mmellaħ
SGH	Immellaħ, imnaddaf u mingħajr ir-ras	GUH u mmellaħ
SGT	Immellaħ u mnaddaf	GUT u mmellaħ
SKI	Mingħajr il-qoxra	Bil-qoxra mneħħija
SUR	Surimi	Surimi
TAL	Denb	Dnieb biss
TLD	Mingħajr id-denb	Id-denb imneħħi

Kodiċi Alfa-3 tal-preżentazzjoni tal-prodott	Preżentazzjoni	Deskrizzjoni
TNG	Lsien	Lsien biss. F'każ ta' preżentazzjoni kollettiva uża l-kodiċi TNG-C
TUB	Tubu biss	Tubu biss (klamari)
WHL	Shih	Mingħajr ipproċessar
WNG	Pinen	Pinen biss

(¹) Meta fid-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art jew fid-dikjarazzjoni tat-trażbord il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd jużaw il-kodiċi ta' preżentazzjoni "OTH" (oħra), dawn għandhom jiddeskrivu eżattament dak li l-preżentazzjoni "OTH" tkun qed tirreferi għalih.

Tabella 2

L-istat tal-ipproċessar

KODIĊI	STAT
ALI	Ħaj
BOI	Mgħolli
DRI	Mnixxef
FRE	Frisk
FRO	Iffriżat
SAL	Immellaħ

ANNEX II

INFORMAZZJONI MINIMA GĦAL-LIĊENZJI TAS-SAJD

1. DETTALJI TAL-BASTIMENT TAS-SAJD ⁽¹⁾

Numru tar-reġistru tal-flotta tal-Unjoni ⁽²⁾

Isem il-bastiment tas-sajd ⁽³⁾

Stat tal-bandiera/Pajjiż tar-reġistrazzjoni ⁽³⁾

Port tar-reġistrazzjoni (Isem u kodiċi nazzjonali ⁽³⁾)

Immarkar estern ⁽³⁾

Kodiċi internazzjonali tar-radju (IRCS) ⁽⁴⁾

2. ID-DETENTUR TAL-LIĊENZJA / SID IL-BASTIMENT TAS-SAJD ⁽²⁾ / L-AĠENT TAL-BASTIMENT TAS-SAJD ⁽²⁾

L-isem u l-indirizz tal-persuna fiżika jew ġuridika

3. KARATTERISTIĊI TAL-KAPAĊITÀ TAS-SAJD

Qawwa tal-magna (f'kW) ⁽⁵⁾

Tunnellaġġ (f'TG) ⁽⁶⁾

Tul totali ⁽⁶⁾

Rkaptu tas-sajd prinċipali ⁽⁷⁾

Rkapti tas-sajd sussidjarji ⁽⁷⁾

MIŻURI NAZZJONALI OĦRAJN KIF APPLIKABBLI

⁽¹⁾ Din l-informazzjoni għandha tiġi indikata fuq il-liċenzja tas-sajd biss fil-mument meta l-bastiment jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25).

⁽²⁾ Skont ir-Regolament (KE) Nru 26/2004.

⁽³⁾ Għall-bastimenti li għandhom isem.

⁽⁴⁾ Skont ir-Regolament (KE) Nru 26/2004 għall-bastimenti li jeħtieġ li jkollhom IRCS.

⁽⁵⁾ Skont ir-Regolament (KE) Nru 2930/86.

⁽⁶⁾ Skont ir-Regolament (KE) Nru 2930/86. Din l-informazzjoni għandha tiġi indikata fuq il-liċenzja tas-sajd biss fil-mument meta l-bastiment jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 26/2004.

⁽⁷⁾ Skont il-Klassifika Statistika Standard Internazzjonali tal-Irkaptu tas-Sajd (I-ISSCFG).

ANNEX III

INFORMAZZJONI MINIMA GĦALL-AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

A. IDENTIFIKAZZJONI

1. Numru tar-reġistru tal-flotta tal-Unjoni ⁽¹⁾
2. Isem il-bastiment tas-sajd ⁽²⁾
3. Ittri u numri tar-reġistrazzjoni esterna ⁽¹⁾

B. KUNDIZZJONIJIET TAS-SAJD

1. Data tal-ħruġ:
2. Perjodu tal-validità:
3. Kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni inklużi, fejn hu xieraq, l-ispeċi, iż-żona u l-irkaptu tas-sajd:

.....

.....

.....

	Minn/../.. Sa/../..	Minn/../.. Sa/../..	Minn/../.. Sa/../..	Minn/../.. Sa/../..	Minn/../.. Sa/../..	Minn/../.. Sa/../..
Żoni						
Speċijiet						
Rkaptu tas-sajd						
Kundizzjonijiet oħra						


Kull rekwiżit ieħor li ġej minn applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd.

⁽¹⁾ Skont ir-Regolament (KE) Nru 26/2004.


⁽²⁾ Għall-bastimenti li għandhom isem.

ANNEX IV


KARATTERISTIĊI TAL-BAGI TA' MMARKAR




BAGI LI JIMMARKAW IT-TARF TAL-PUNENT



BAGI LI JIMMARKAW IT-TARF TAL-LVANT



BAGI TA' MMARKAR INTERMEDJARJI



ANNEX V

FORMAT TAL-KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIKA TAD-DEJTA TAL-VMS MILL-ISTAT MEMBRU TAL-BANDIERA GĦALL-ISTAT MEMBRU KOSTALI

A. Il-kontenut tar-rapport tal-pożizzjoni u d-definizzjoni tal-elementi tad-dejta

Kategorija	Element tad-dejta	Kodiċi tal-qasam	Tip	Kontenut	Obbligatorju (M) / Fakultattiv (O)	Definizzjonijiet
Dettalji tas-sistema	Il-bidu tar-reġistrazzjoni	SR			M	Jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
	It-tmiem tar-reġistrazzjoni	ER			M	Jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni
Dettalji tal-messaġġ	L-indirizz tad-destinazzjoni	AD	Kar (*)3	ISO 3166-1 alfa-3	M	L-indirizz tal-Istat Membru Kostali li jirċievi l-messaġġ. Il-kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3
	Mingħand	FR	Kar (*)3	ISO 3166-1 alfa-3	M	Il-kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3 tal-Istat Membru tal-bandiera li jikkomunika l-messaġġ
	It-tip ta' messaġġ	TM	Kar (*)3	Kodiċi	M	L-ewwel tliet ittri tat-tip ta' messaġġ (POS – għar-rapport tal-pożizzjoni)
	Data	DA	Num (*)8	SSSXXJ	M	Is-sena, ix-xahar u d-data tal-komunikazzjoni
	Ħin	TI	Num (*)4	SSMM	M	Il-ħin tal-komunikazzjoni (f'ħin universali kkoordinat (UTC))
Dettalji tar-reġistrazzjoni tal-bastiment tas-sajd	In-numru tar-reġistru tal-flotta tal-UE	IR	Kar (*)12	ISO 3166-1 alfa-3 +Kar (*)9	O (1)	In-numru tar-Reġistru tal-Flotta tal-Unjoni Ewropea kompost mill-kodiċi tal-Istat Membru (kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3) u kodiċi uniku tal-bastiment tas-sajd
	L-istat tal-bandiera	FS	Kar (*)3	ISO 3166-1 alfa-3	M	Il-kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3 tal-Istat tal-Bandiera tal-bastiment
	Il-kodiċi tar-radju	RC	Kar (*)7	Kodiċi IRCS	M	Il-kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment tas-sajd
	Isem il-bastiment tas-sajd	NA	Kar (*)30	ISO 8859-1	O	Isem il-bastiment tas-sajd
	Ir-reġistrazzjoni esterna	XR	Kar (*)14	ISO 8859-1	O	In-numru fuq il-ġenb tal-bastiment tas-sajd
Dettalji tal-attività	Latitudni (f'deċimali)	LT	Kar (*)7	+/-DD.ddd	M	Il-latitudni tal-bastiment tas-sajd fil-ħin tal-komunikazzjoni fi gradi deċimali bl-użu tas-sistema ta' koordinati ġeografika WGS84 (2)
	Lonġitudni (f'deċimali)	LG	Kar (*)8	+/-DDD.ddd	M	Il-lonġitudni fil-ħin tal-komunikazzjoni fi gradi deċimali bl-użu tas-sistema ta' koordinati ġeografika WGS84. L-eżattezza għandha tkun ta' 3 deċimali. Il-pożizzjonijiet fuq l-emisfera tal-Punent għandha tkun negattiva (2).

Kategorija	Element tad-dejta	Kodiċi tal-qasam	Tip	Kontenut	Obbligatorju (M) / Fakultattiv (O)	Definizzjonijiet
	Veloċità	SP	Num (*)3	Mili tal-baħar (*) 10	M	Il-veloċità tal-bastiment tas-sajd f'deċmi ta' mili tal-baħar eż. //SP/105 = 10.5 mili tal-baħar
	Rotta	CO	Num (*)3	Skala ta' 360 grad	M	Ir-rota tal-bastiment tas-sajd fi skala ta' 360° eż. //CO/270 = 270°
	Numru tal-vjaġġ	TN	Num (*)3	001-999	O	In-numru f'serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena preżenti

(¹) Obbligatorju għall-Bastimenti tas-Sajd tal-Unjoni Ewropea.

(²) Is-sinjal pożittiv (+) ma għandux għalfejn jiġi kkomunikat, żeri preċedenti jistgħu jithallew barra.

(*) Il-kodiċijiet ISO alfa 3 għall-organizzazzjonijiet internazzjonali huma dawn li ġejjin:

XEU Il-Kummissjoni Ewropea

XFA CFCA

XNW NAFO

XNE NEAFC

XIC ICCAT

XCA CCAMLR.

B. L-istruttura tar-rapport tal-pożizzjoni

Kull komunikazzjoni tad-dejta hija strutturata kif ġej:

- linja mmejla doppja (//) u l-karattri "SR" jindikaw il-bidu ta' messaġġ;
- linja mmejla doppja (//) u l-kodiċi tal-qasam jindikaw il-bidu ta' element tad-dejta;
- linja mmejla waħda (/) tifred il-kodiċi tal-qasam mid-dejta;
- pari ta' dejta mifrudin bi spazju;
- il-karattri "ER" u linja mmejla doppja (//) jindikaw it-tmiem ta' rekord.

**MUDELL TA' ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD, DIKJARAZZJONI TAL-ĦATT L-ART U DIKJARAZZJONI TAT-TRAŻBORD TAL-UNJONI EWROPEA
KKUMBINATI**

Numru		ĠURNAL TA' ABBORD TAL-UNJONI EWROPEA				Jum Xahar Siegħa Sena, 20- ,										
Isem il-bastiment(i) (1)		Identifikazzjoni esterna (2)				Isem il-kaptan(i) (3)				Tluq (4) 1----- 1 1----- 1 1----- 1 minn 1----- 1						
Kodiċi internazzjonali tar-radju (1)						Indirizz(i)				Ritorn (5) 1----- 1 1----- 1 1----- 1 sa 1----- 1						
						1----- 1				Ħatt l-art (6) 1----- 1 1----- 1 1----- 1 fi 1----- 1						
Rkaptu (8)		Daqs tal-malja (9)		Dimensjoni (10)		F'każ ta' trażbord (7)				Jum 1----- 1				L-isem u s-sinjal tal-kodiċi tar-radju (jekk ikun hemm) -----		
1----- 1		1----- 1		1----- 1		Xahar 1----- 1 1----- 1								L-identifikazzjoni esterna -----		
														In-nazzjonalità tal-bastiment tas-sajd li qed jirċievi l-ħut -----		
Qabda skont l-ispeċi miżmuma abbord f'kilogrammi ta' piż ħaj jew l-għadd ta' unitajiet (15) ²																
Data (11)	Għadd ta' operazzjonijiet tas-sajd (12)	Ħin tas-sajd (13)	Il-pożizzjoni (14)													
			Ir-rettangolu statistiku	Żona tal-ICES/tan-NAFOTas-CECAF/tas-CFGM	Iż-żoni tas-sajd ta' Stati Mhux Membri										Agħti l-piż tal-unità f'piż ħaj tal-ispeċijiet ikkonċernati	
			Żona tal-ICES/tan-NAFOTas-CECAF/tas-CFGM (22)	Żona tas-sajd ta' Stati Mhux Membri (22)		Stima totali tal-ħut skartat (mormi lura fil-baħar) (16)										
					Id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art/tat-trażbord (*) / (18) f'kilogrammi jew fl-unità utilizzata: ekwivalenti għal Kilogrammi											
					Firma											
					Kaptan/Aġent II (20)											
					L-isem u l-indirizz tal-aġent (fejn applikabbli) (21)											
					L-isem u l-indirizz tal-aġent (fejn applikabbli) (21)											

(*) Ħassar liema minnhom ma japplikax. Kummenti: _

ANNEX VII

MUDELL TA' ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD U TAD-DIKJARAZZJONI TAL-ĦATT L-ART/TAT-TRAŻBORD TAL-UNJONI EWROPEA
(IL-BAĦAR MEDITERRAN)

Numru	Numru intern tar-reġistru tal-flotta			Numru tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd		Sena:	Numru tal-vjaġġ:	
(1)(7) Isem il-bastiment(i)	(1)(7) Kodiċi tar-radju	(2)(7) Identifikazzjoni esterna	(3) Isem il-kaptan		(4)(5)(6)(7)(11) Jum	(4)(5)(6)(7)(11) Xahar	(4)(5)(6)(7)(11) Siegħa	(4)(5)(6) Port
				(4) Tluq				
Tkarkir konvenzjonali			Indirizz	(5)(6)(7) Wasla				
(7) Trażbord				(5)(6)(7) Ħatt l-art				

(15) Qabdiet skont l-ispeċi miżmuma abbord u li nħattu l-art/li ġew ittrażbordati, f'ekwivalenti ta' kg ta' piż ħaj													
							(17) Speċijiet f'kilogrammi						
(8) Rkaptu	(10) Dimensjonijiet	Għadd	(9) Daqs tal-malja	(12) L-għadd tal-operazzjonijiet tas-sajd	(13) Ħin tat-tkarkir/tat-tixrib	(14) (22) Żona tas-sajd							
						(16) Il-ħut skartat (mormi lura fil-baħar)							
						Preżentazzjoni tal-ħut							

Osservazzjonijiet	Firma
	Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li r-reġistri kollha huma sħaħ, veri u preċiżi.
	Data: (20)(21) Firma

ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD TAL-UNJONI EWROPEA GĦAS-SUBŻONA 1 TAN-NAFO U GĦAD-DIVIŻJONIJIET TAL-ICESI V(a) U XIV

Isem il-bastiment tas-sajd/Identifikazzjoni esterna/IRCS										Data			Diviżjoni tan-NAFO/tal-ICES	
										Jum	Xahar	Sena		

Ħin li fih beda l-irmonk (GMT)	Ħin li fih intemm l-irmonk (GMT)	Sigħat ta' sajd	Pożizzjoni fil-bidu tal-irmonk			Tip ta' rkaptu	Għadd ta' xbieki jew lenez użati	Daqs tal-malja	Qabdiet skont l-ispeċi (f'kilogrammi ta' piż ħaj)									
			Lati-tudni	Longitud- ni	Diviżjoni tan- NAFO/tal- ICES					Mer- luzz (101)	Redfish (103)	Ħalibatt tal-Groen- landja (118)	Ħalibatt (120)	Catfish (340)	Capellin (340)	Gambl (639)		
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
									Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
			Subtotal għall-jum						Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
			Total għall-vjaġġ						Miżmuma									
									Mormija lura fil-baħar									
Piż sħiħ (f'kilogrammi ta' piż ħaj) ipproċessat illum għall-konsum mill-bniedem																		
Piż sħiħ (f'kilogrammi ta' piż ħaj) ipproċessat illum għat-tnaqqis																		
Total																		

Rimarki	Firma tal-kaptan
---------	------------------

ANNEX X

STRUZZJONIJET LILL-KAPTANI TA' BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI EWROPEA LI HUMA MEĦTIEĠA JIMLEW U JIPPREŻENTAW ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD U DIKJARAZZJONI TAL-ĦATT L-ART U/JEW TAT-TRAŻBORD F'FORMAT FUQ IL-KARTA

1. **Informazzjoni dwar il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd li jużaw il-mudelli mogħtija fl-Annessi VI, VII u VIII**
- 1.1 *L-informazzjoni ġenerali li ġejja dwar il-bastiment jew il-bastimenti, skont il-każ, għandha tiġi rreġistrata (ħdejn in-numri korrispondenti) fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd:*

Informazzjoni dwar il-bastiment(i) tas-sajd u d-dati tal-vjaġġi		
Numru ta' referenza tal-Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd	L-isem tal-element tad-dejta (M=Obbligatorju) (O=Fakultattiv)	Id-deskrizzjoni u/jew il-ħin li għandhom jiġu rreġistrati
(1)	L-isem u l-kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment(i) (M)	Għandhom jitniżżlu fl-ewwel linja. Fil-każ ta' operazzjonijiet tas-sajd f'pari, l-isem tat-tieni bastiment tas-sajd, l-isem tal-kaptan tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu u l-identifikazzjoni esterna tiegħu għandhom jitniżżlu taħt daww tal-bastiment li għalih qiegħed jinżamm il-ġurnal ta' abbord tas-sajd.
(2)	L-identifikazzjoni esterna (M)	L-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni esterna kif jidhru fuq il-buq.
(3)	L-isem u l-indirizz tal-kaptan (M)	Għandhom jingħataw il-kunjom, l-isem u l-indirizz tal-kaptan (l-isem tat-triq, in-numru, il-belt, l-Istat Membru). Il-kaptan(i) tal-bastiment(i) tas-sajd l-ieħor għandu (għandhom) wkoll iżomm(u) ġurnal ta' abbord tas-sajd li jindika l-kwantitajiet maqbuda u miżmuma abbord b'tali mod li l-qabdiet ma jingħaddux darbtejn.
(4)	Il-jum, ix-xahar, is-sieġha (lokali) u l-port tat-tluq (M)	Għandhom jiddaħħlu qabel ma l-bastiment tas-sajd iħalli l-port.
(5)	Il-jum, ix-xahar, is-sieġha (lokali) u l-port ta' ritorn (M)	Għandhom jiddaħħlu qabel ma l-bastiment jidħol fil-port.
(6)	Id-data u l-port tal-ħatt l-art jekk ikun differenti minn dak mogħti fir-ringiela numru (5) (M)	Għandhom jiddaħħlu qabel ma l-bastiment jidħol fil-port tal-ħatt l-art.
(7)	Id-data, l-isem, il-kodiċi tar-radju, in-nazzjonalità u l-identifikazzjoni esterna (in-numru tar-reġistrazzjoni) tal-bastiment tas-sajd li qed jirċievi l-ħut (M)	Għandhom jimtlew fil-każ ta' trażbord.

Informazzjoni dwar l-irkaptu

(8)	Rkaptu tas-sajd (M)	It-tip ta' rkaptu għandu jiġi indikat billi jintuża l-kodiċi mogħti fil-kolonna 1 tal-Anness XI.
(9)	Daqs tal-malja (M)	Għandu jingħata f'millimetri.
(10)	Dimensjonijiet (O)	Id-daqs u d-dimensjonijiet tal-irkaptu għandhom jingħataw skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fil-kolonna 2 tal-Anness XI.

Informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tas-sajd

(11)	Data (M)	Id-data għal kull jum fuq il-baħar għandha tiġi rreġistrata f'linja ġdida u għandha tikkorrispondi għal kull jum fuq il-baħar.
(12)	L-għadd ta' operazzjonijiet tas-sajd (M)	L-għadd ta' operazzjonijiet tas-sajd għandu jingħata skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fil-kolonna 3 tal-Anness XI (M).

Informazzjoni dwar il-bastiment(i) tas-sajd u d-dati tal-vjaġġi		
Numru ta' referenza tal-Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd	L-isem tal-element tad-dejta (M=Obbligatorju) (O=Fakultattiv)	Id-deskrizzjoni u/jew il-ħin li għandhom jiġu rreġistrati
(13)	Ħin tas-sajd (O)	Il-ħin totali ddedikat għat-tfittxija (eż. bl-użu tas-sonar) jew għas-sajd għandu jingħata u għandu jkun daqs is-sigħat fuq il-baħar, bit-tnaqqis tal-ħin iddedikat fi tranżitu lejn il-postijiet tas-sajd, bejniethom u fir-ritorn minnhom, il-ħin tal-għassa, il-ħin fejn ma kienx hemm attività jew il-ħin ta' stennija għat-tiswija.
(14)	Il-pożizzjoni (M)	Iż-żona ġeografika rilevanti tal-qbid għandha tkun rappreżentata minn rettangolu statistiku li fih ikun inqabad il-maġġoranza tal-ħut, segwita mir-referenza għad-diviżjoni jew għas-subdiviżjoni tal-ICES rilevanti jew għas-subżona tas-CECAF, tal-GFCM jew tan-NAFO rilevanti. (M) Eżempji: Għad-diviżjoni tal-ICES, għas-subżona tas-CECAF, tal-GFCM jew tan-NAFO u għad-diviżjoni tan-NEAFC, irreferi għall-mapep mogħtija fuq in-naħa ta' ġewwa tal-qoxra tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u indika l-kodiċi ta' kull diviżjoni għar-rettangolu statistiku rilevanti użat, eż. IVa, VIb, VIId. Għar-"rettangolu statistiku" irreferi għar-rettangolu statistiku tal-ICES fuq il-mapep tal-ibħra mogħtija fuq in-naħa ta' ġewwa tal-qoxra tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd. Il-limiti ta' dawn ir-rettangoli huma latitudnijiet u lonġitudnijiet li jikkorrispondu ma' ċifri sħaħ ta' grad jew ċifri sħaħ ta' grad biż-żieda ta' 30' għal-latitudnijiet u ma' ċifri sħaħ ta' grad għal-lonġitudnijiet. Bl-użu ta' kombinazzjoni ta' ċifri u ittra indika r-rettangolu statistiku li fih saru l-maġġoranza tal-qabdiet (eż. iż-żona f'latitudni ta' bejn 56° u 56°30' fit-Tramuntana u f'lonġitudni ta' bejn 6° u 7° fil-Lvant = il-kodiċi tal-ICES 41/F6). (M) Madankollu, jistgħu jsiru annotazzjonijiet mhux obbligatorji fir-rigward tar-rettangoli statistiċi kollha li fihom il-bastiment tas-sajd haġem matul il-jum. (O) Għaż-"żona tas-sajd ta' pajjiż terz": indika ż-żona (żoni) tas-sajd ta' Stati li m'humiex Membri jew l-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat li juża l-Kodiċijiet tal-Pajjiż ISO-3166 alfa-3 eż. NOR= in-Norveġja FRO = il-Gżejjer Faeroe CAN = il-Kanada ISL = Islanda INT = l-ibħra miftuħa (M)
(15)	Il-kwantitajiet maqbuda u miżmuma abbord (M)	Ladarba l-ammonti ta' kull speċi miżmuma abbord <u>jaqbżu l-50 kg</u> f'ekwivalenti ta' piż ħaj, dawn għandhom jiġu rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd. Dawn l-ammonti għandhom jinkludu l-kwantitajiet imwarrba biex jiġu kkunsmati mill-ekwipaġġ tal-bastiment. Għandhom jintużaw il-kodiċijiet alfa-3 tal-FAO tal-ispeċijiet. Il-qabda ta' kull speċi għandha tiġi rreġistrata f'kilogrammi ekwivalenti għall-piż ħaj. (O) Fejn qabdiet bħal dawn jinżammu f'basktijiet, kaxex, laned, fil-kartun, fi xkejjer, boroż, blokok jew kontenituri oħrajn, il-piż nett tal-unità użata għandu jiġi rreġistrat f'kilogrammi ta' piż ħaj u l-għadd preċiż tat-tali unitajiet użati għandu jiġi rreġistrat. B'mod alternattiv, il-piż tal-qabda miżmuma abbord f'unitajiet bħal dawn jista' jiġi rreġistrat f'kilogrammi ta' piż ħaj. <u>Jekk l-għadd ta' kolonni ma jkunx biżżejjed, għandha tintuża paġna ġdida.</u>

Informazzjoni dwar il-bastiment(i) tas-sajd u d-dati tal-vjaġġi		
Numru ta' referenza tal-Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd	L-isem tal-element tad-dejta (M=Obbligatorju) (O=Fakultattiv)	Id-deskrizzjoni u/jew il-ħin li għandhom jiġu rreġistrati
(16)	Stimi tal-ħut skartat (mormi lura fil-baħar) (M)	Il-kwantitajiet ta' kull speċi ta' ħut skartat (mormi lura fil-baħar) li jkunu jiżnu iżjed minn 50 kg, f'ekwivalenti ta' piż ħaj, għandhom jiġu rreġistrati. Ir-rimi lura fil-baħar ta' speċijiet meħudin abbord bħala lixxa ħajja u li huma rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd fit-taqsim 15 ukoll għandu jiġi rreġistrat.

2. Struzzjonijiet dwar id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art/tat-trażbord

2.1. *Il-mudelli kif jidhru fl-Annessi VI u IX (għall-ħatt l-art jew għat-trażbordi fiż-żona 1 tan-NAFO u fiż-żona Va tal-ICES)*

2.2. *Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta*

Fil-każ li prodotti tas-sajd ikunu nħattu l-art jew ġew ittrażbordati, u jekk ikunu ntiżnu billi ntużaw sistemi approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew fuq il-bastiment tas-sajd li kien qed jagħti l-ħut jew fuq il-bastiment tas-sajd li kien qed jirċievi l-ħut, allura f'dawn iċ-ċirkostanzi l-piż attwali tal-kwantitajiet li nħattu l-art jew li ġew ittrażbordati għandu jiġi indikat, f'kilogrammi ta' piż tal-prodott, fuq id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art jew tat-trażbord skont l-ispeċi, li għandha turi:

- il-preżentazzjoni tal-ħut (in-numru ta' referenza (17) fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd);
- l-unità tal-kejl għall-kwantitajiet li nħattu l-art (in-numru ta' referenza (18) fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd); agħti l-piż tal-unità f'kilogrammi ta' piż tal-prodott. Din l-unità tista' tkun differenti minn dik imdaħħla fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd;
- il-piż totali skont l-ispeċi li nħattet l-art jew li ġiet ittrażbordata (in-numru ta' referenza (19) fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd); agħti l-piż tal-kwantitajiet li fil-fatt inħattu l-art jew ġew ittrażbordati għall-ispeċijiet kollha;
- il-piż għandu jikkorrispondi mal-piż tal-prodott tal-ħut kif inħatt l-art, jiġifieri wara kwalunkwe pproċessar abbord. Il-fatturi ta' konverżjoni għandhom jiġu applikati sussegwentement mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti ta' piż ħaj;
- Il-firma tal-Kaptan (20);
- Il-firma u l-isem u l-indirizz tal-aġent fejn dan ikun applikabbli (21);
- id-diviżjoni tal-ICES/is-subżona tan-NAFO/tas-CECAF/tal-GFCM/tal-Baħar l-Iswed/iż-żona tal-Gujana Franċiża (iż-żona numru 31 tal-FAO) jew iż-żona ta' ġestjoni u ż-żona tas-sajd ta' pajjiż terz (numru ta' referenza fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd: (22)). Din għandha tiġi applikata bl-istess mod bħalma jsir għar-referenza bin-numru (14) mogħtija hawn fuq.

3. Struzzjonijiet addizzjonali għall-Kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea b'tul totali ta' 10 metri jew iżjed li mhumiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Kontroll, għas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, jew għall-mili u l-komunikazzjoni, b'mod elettroniku, tad-dejta tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd skont l-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Kontroll, u li huma meħtieġa jirreġistraw l-isforz tas-sajd f'ġurnal ta' abbord tas-sajd

Dawn l-istruzzjonijiet huma applikabbli għall-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea li huma meħtieġa mir-regoli tal-Unjoni Ewropea li jirreġistraw il-ħin li jqattgħu l-attivitàjiet tas-sajd li huma suġġetti għal reġimi tal-isforz tas-sajd:

- L-informazzjoni kollha meħtieġa taħt din it-taqsim għandha tiġi rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd bejn ir-referenzi tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd Nru (15) u (16).
- Il-ħin għandu jiġi rreġistrat bħala l-ħin universali kkoordinat (UTC).
- L-ispeċijiet għandhom jiġu rreġistrati bl-użu tal-kodijiet tal-ispeċi tal-ħut FAO alfa-3.

3.1. *Informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd*

(a) Il-qsim ta' żona tal-isforz

Meta bastiment tas-sajd awtorizzat jaqşam żona tal-isforz mingħajr ma jwettaq attivitàjiet tas-sajd f'dik iż-żona, għandha timtela linja addizzjonali fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

- id-data;
- iż-żona tal-isforz;
- id-dati u l-ħinijiet ta' kull dħul/ħruġ;

- il-pożizzjoni ta' kull dħul u ħruġ f'latitudni u lonġitudni;
- il-qabdiet miżmuma abbord, skont l-ispeċi, fil-ħin tad-dħul;
- il-kelma "Qsim".

(b) Id-dħul f'żona tal-isforz

Meta l-bastiment tas-sajd jidħol f'żona tal-isforz fejn x'aktarx iwettaq attivitajiet tas-sajd, għandha timtela linja addizzjonali fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

- id-data;
- il-kelma "dħul";
- iż-żona tal-isforz;
- il-pożizzjoni f'latitudni u lonġitudni;
- il-ħin tad-dħul;
- il-qabdiet miżmuma abbord, skont l-ispeċi, fil-ħin tad-dħul; u
- l-ispeċi fil-mira.

(c) Il-ħruġ minn żona tal-isforz

Meta l-bastiment iħalli żona tal-isforz li fiha wettaq attivitajiet tas-sajd u meta jidħol f'żona oħra tal-isforz fejn ikun beħsiebu jwettaq attivitajiet tas-sajd, għandha timtela linja addizzjonali fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

- id-data;
- il-kelma "dħul";
- il-pożizzjoni f'latitudni u lonġitudni;
- iż-żona tal-isforz il-ġdida;
- il-ħin tal-ħruġ/tad-dħul;
- il-qabdiet miżmuma abbord, skont l-ispeċi, fil-ħin tal-ħruġ/tad-dħul; u
- l-ispeċi fil-mira.

Meta l-bastiment tas-sajd iħalli żona tal-isforz li fiha jkun wettaq attivitajiet tas-sajd u ma jkunx ser iwettaq iżjed attivitajiet tas-sajd f'dik iż-żona tal-isforz, għandha timtela linja addizzjonali. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

- id-data;
- il-kelma "ħruġ";
- il-pożizzjoni f'latitudni u lonġitudni;
- iż-żona tal-isforz;
- il-ħin tat-tluq;
- il-qabdiet miżmuma abbord, skont l-ispeċi, fil-ħin tal-ħruġ; u
- l-ispeċi fil-mira.

Sajd transżonali fejn il-bastiment iwettaq attivitajiet tas-sajd transżonali . ⁽¹⁾.

Meta l-bastiment tas-sajd iwettaq attivitajiet tas-sajd transżonali, għandha timtela linja addizzjonali. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

- id-data;
- il-kelma "transżonali";
- il-ħin tal-ewwel ħruġ u iż-żona tal-isforz;
- il-pożizzjoni tal-ewwel dħul f'latitudni u lonġitudni;

⁽¹⁾ Il-bastimenti li jibqgħu fiż-żona tal-isforz u li ma jkunux, fuq kull naħa, iżjed minn 5 mili nawtiċi 'l barra mil-linja li tifred iż-żewġ żoni tal-isforz għandhom jirreġistraw l-ewwel dħul u l-aħħar ħruġ tagħhom matul perjodu ta' 24 siegħa.

- il-ħin tal-aħħar dħul u ż-żona tal-isforz;
- il-pożizzjoni tal-aħħar ħruġ f'latitudni u lonġitudni;
- il-qabdiet miżmuma abbord, skont l-ispeċi, fil-ħin tal-ħruġ/tad-dħul; u
- l-ispeċi fil-mira.

(d) Barra minn hekk, għal daww il-bastimenti tas-sajd li joperaw irkaptu passiv:

Meta l-bastiment tas-sajd ikala l-irkaptu passiv jew ikalah mill-ġdid, l-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

- id-data;
- iż-żona tal-isforz;
- il-pożizzjoni f'latitudni u lonġitudni;
- il-kliem "kalar" jew "kalar mill-ġdid";
- il-ħin.

Meta l-bastiment tas-sajd ilesti operazzjonijiet ta' rkaptu statiku:

- id-data;
- iż-żona tal-isforz;
- il-pożizzjoni f'latitudni u lonġitudni;
- il-kelma "tmim";
- il-ħin.

3.2. Informazzjoni dwar il-komunikazzjoni ta' movimenti tal-bastimenti

Meta bastiment tas-sajd li jwettaq attivitajiet tas-sajd ikun meħtieġ jikkomunika rapport tal-isforz tas-sajd lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Kontroll, għandha tiġi rreġistrata l-informazzjoni li ġejja flimkien ma' dik imsemmija fil-paragrafu 3.1:

- a) id-data u l-ħin tal-komunikazzjoni;
 - b) il-pożizzjoni ġeografika tal-bastiment tas-sajd f'latitudni u lonġitudni;
 - c) il-mezzi ta' komunikazzjoni użati u, fejn applikabbli, l-istazzjon tar-radju użat, u
 - d) id-destinazzjoni(jiet) tal-komunikazzjoni.
-

ANNEX XI

KODIĊIJET TAL-IRKAPTI U TAL-OPERAZZJONIJET TAS-SAJD

Tip ta' rkaptu	Kolonna numru 1: Kodiċi	Kolonna numru 2: Daqs/għadd (f'metri) (fakultattiv)	Kolonna numru 3: Għadd ta' kalati kuljum (obligatorju)
Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti	OTB	Il-mudell tax-xibka tat-tkarkir (speċifika l-mudell jew il-perimetru tal-fetħa)	L-għadd ta' drabi li ġie kalat l-irkaptu
Xbieki tat-tkarkir għall-awwisti ("Nephrops")	TBN		
Xbieki tat-tkarkir għall-gambli	TBS		
Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (mhux speċifikati)	TB		
Xibka tat-tkarkir bit-travu	TBB	It-tul tat-travu x l-għadd ta' travi	L-għadd ta' drabi li ġie kalat l-irkaptu
Xbieki tat-tkarkir tal-par bid-diriġenti	OTT	il-mudell tax-xibka tat-tkarkir (speċifika l-mudell jew il-perimetru tal-fetħa) x l-għadd ta' xbieki tat-tkarkir	L-għadd ta' drabi li ġie kalat l-irkaptu
Xibka tat-tkarkir tal-par tal-qiegħ	PTB	Il-mudell tax-xibka tat-tkarkir (speċifika l-mudell jew il-perimetru tal-fetħa)	
Xibka tat-tkarkir tan-nofs fond bid-diriġenti	OTM	Il-mudell tax-xibka tat-tkarkir	
Xibka tat-tkarkir tan-nofs fond tal-par	PTM	Il-mudell tax-xibka tat-tkarkir	
TARTARUNI			
Tartarun Daniż	SDN	It-tul totali tal-lenez tat-tartaruni	L-għadd ta' drabi li ġie kalat l-irkaptu
Tartarun Skoċċiż ("fly dragging")	SSC		
Tartarun Skoċċiż tal-par ("fly dragging")	SPR		
Tartaruni (mhux speċifikati)	SX		
Tartarun ta' fuq dgħajsa jew bastiment	SV		
XBIEKI TAT-TIDWIR			
Purse seine	PS	It-tul, l-għoli	L-għadd ta' drabi li ġie kalat l-irkaptu
Purse seine mħaddem minn dgħajsa waħda	PS1	It-tul, l-għoli	
Purse seine mħaddem minn żewġ dgħajjes	PS2		
Mingħajr ħbula tal-għeluq (lampara)	LA		
GANGMI			
Gangmu	DRB	Il-wisa' x l-għadd ta' gangmi	L-għadd ta' drabi li ġie kalat l-irkaptu
GĦEŻULA U XBIEKI TAT-TĦABBIL			
Għeżula (mhux speċifikati)	GN	It-tul, l-għoli	L-għadd ta' drabi li ġiet kalata x-xibka matul il-jum
Għeżula ankrati (fissi)	GNS		
Għeżula (mitluqa)	GND		
Għeżula (mad-dawra)	GNC		
Għeżula u pariti kkumbinati	GTN		
Parit	GTR		
NASES			
Pots	FPO	L-għadd ta' pots mitfugħa kuljum	
Nases (mhux speċifikati)	FIX	Mhux speċifikat	

Tip ta' rkaptu	Kolonna numru 1: Kodiċi	Kolonna numru 2: Daqs/għadd (f'metri) (fakultattiv)	Kolonna numru 3: Għadd ta' kalati kuljum (obbligatorju)
SNANAR U LENEZ			
Xlief u lenez mal-qasba (operati bl-idejn)	LHP	L-għadd totali ta' snanar/lenez kalati matul il-jum	
Xlief u lenez mal-qasba (mekkanizzati)	LHM		
Konzijiet fissi	LLS	L-għadd ta' snanar u lenez kalati kuljum	
Konzijiet mitluqa	LLD		
Konzijiet mhux speċifikati	LL		
Lenez għat-trejx	LTL		
Snanar u lenez (mhux speċifikati)	LX		
MAGNI TAL-ĦSAD			
Gangmi mekkanizzati	HMD		
Rkaptu mħallat	MIS		
Rkaptu ta' rikreazzjoni	RG		
Rkaptu mhux magħruf jew mhux speċifikat	NK		

ANNEX XII

IR-REĠISTRAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI ELETTRONIKA U L-FORMAT GĦALL-ISKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI (VERŻJONI 3.0)**Dehra tat-tabella tal-operazzjonijiet**

Num-ru	Element jew isem tal-attribut	Kodiċi	Deskrizzjoni u kontenut	Obbligatorju (C) Obbligatorju jekk (CIF) (**)/ Fakultattiv (O) (***)
1	ELEMENT OPS	OPS	L-element tal-operazzjonijiet: dan huwa l-ogħla livell li jiġbor f'pakkett l-operazzjonijiet kollha mibgħuta lill-operazzjoni tas-servizz tal-web. L-element tal-OPS għandu jkun fih wieħed mis-sottoelementi DAT, RET, DEL, COR, QUE u RSP.	
2	Pajjiż tad-destinazzjoni	AD	Id-destinazzjoni tal-messaġġ (il-kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3)	C
3	Pajjiż li jibgħat	FR	Il-pajjiż li jibgħat id-dejta (il-kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3)	C
4	Numru tal-operazzjoni	ON	L-identifikazzjoni unika (AAASSSSXXJJ999999) iġġenerata minn min qed jibgħat id-dejta	C
5	Data tal-operazzjoni	OD	Data tal-komunikazzjoni tal-messaġġ (SSSS-XX-JJ f'UTC)	C
6	Ħin tal-operazzjoni	OT	Il-ħin li fih jintbagħat il-messaġġ (SS:MM f'UTC)	C
7	Bandiera tat-test	TS	Test liberu	O
8	Operazzjoni tad-dejta	DAT	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tas-DAT)	CIF
9	Messaġġ ta' rikonoxximent	RET	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tal-RET)	CIF
10	Operazzjoni ta' tħassir	DEL	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tad-DEL)	CIF
11	Operazzjoni ta' korrezzjoni	COR	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tal-COR)	CIF
12	Operazzjoni ta' talba għall-informazzjoni	QUE	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tal-QUE)	CIF
13	Operazzjoni ta' tweġiba	RSP	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tal-RSP)	CIF
14				
15	Operazzjoni tad-dejta	DAT	Operazzjoni tad-dejta biex informazzjoni mill-ġurnal ta' abbord jew min-noti tal-bejgħ tintbagħat lil Stat Membru ieħor	
16	Messaġġ tal-ERS	ERS	Tinkludi d-dejta tal-ERS rilevanti kollha, jiġifieri l-messaġġ sħiħ	C
17	Tip ta' messaġġ	TM	It-tip ta' messaġġ (attwali (CU) jew mibgħut tard (DE))	C
18				
19	Operazzjoni ta' tħassir	DEL	Operazzjoni ta' tħassir biex l-Istat Membru li jirċievi l-messaġġ jintalab iħassar dejta li tkun intbagħtet qabel	
20	Numru tar-reġistru	RN	Numru tar-reġistru li għandu jitħassar. (AAASSSSXXJJ999999)	C
21	Raġuni għar-rifjut	RE	Test liberu li jagħti spjegazzjoni dwar ir-rifjut jew lista ta' kodiċijiet li tagħmel dan	O

Num-ru	Element jew isem tal-attribut	Kodiċi	Deskrizzjoni u kontenut	Obbligatorju (C) Obbligatorju jekk (CIF) (**)/ Fakultattiv (O) (***)
22				
23	Operazzjoni ta' korrezzjoni	COR	Operazzjoni ta' korrezzjoni biex Stat Membru ieħor jintalab jikkoreġi dejta li tkun intbagħtet qabel	
24	Numru tal-messaġġ oriġinali	RN	In-numru tar-reġistru tal-messaġġ li jkun qiegħed jiġi kkoreġut (fil-format AAASSSSXXJ999999)	C
25	Raġuni għall-korrezzjoni	RE	Test liberu jew lista ta' kodiċijiet (****)	O
26	Dejta ġdida korretta	ERS	Tinkludi d-dejta tal-ERS rilevanti kollha, jiġifieri l-messaġġ sħiħ	C
27				
28	Operazzjoni ta' rikonossiment	RET	Operazzjoni ta' rikonossiment bi tweġiba għal operazzjoni tad-DAT, DEL jew COR	
29	Numru tal-messaġġ mibgħut	ON	Numru tal-operazzjoni (AAASSSSXXJ999999) li qiegħda tiġi rikonossuta	C
30	Status ta' ritorn	RS	Jindika l-istatus tal-messaġġ/tar-rapport li wasal (****)	C
31	Raġuni għar-rifjut	RE	Test liberu li jagħti spjegazzjoni dwar ir-rifjut jew lista ta' kodiċijiet (****) li tagħmel dan	O
32				
33	Operazzjoni ta' talba għall-informazzjoni	QUE	Operazzjoni ta' talba għall-informazzjoni biex Stat Membru ieħor jagħti informazzjoni mill-ġurnal ta' abbord tas-sajd	
34	Kmandi li għandhom jiġu eżegwiti	CD	Ġib dejta tal-LOG (għal 12-il xahar sħiħ, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor minn SD u ED hawn taħt sa massimu ta' 12-il xahar). Għandha tiġi inkluża dejjem id-dejta attwali u dik l-iktar riċenti disponibbli.	C
35	Tip ta' identifikatur tal-bastiment	ID	Għandu jkun tal-anqas wieħed minn dawn li ġejjin: RC/IR/XR/NA	C
36	Valur tal-identifikatur tal-bastiment	IV	Jekk jingħata, għandu jkun konformi mal-format imsemmi fit-tip ta' identifikatur tal-bastiment.	C
37	Data tal-bidu	SD	Data tal-bidu tal-perjodu mitlub (l-aktar data fil-passat fit-talba), jekk ikun hemm talba (SSSS-XX-JJ)	O
38	Data tat-tmiem	ED	Data tat-tmiem tal-perjodu mitlub (l-aktar data riċenti fit-talba), jekk ikun hemm talba (SSSS-XX-JJ)	O
39				
40	Operazzjoni ta' tweġiba	RSP	Operazzjoni ta' tweġiba għal operazzjoni QUE	
41	Messaġġ tal-ERS	ERS	Jinkludi d-dejta tal-ERS kollha rilevanti u jiddependi mit-tip ta' identifikatur tal-bastiment użat fit-talba, jiġifieri l-messaġġ sħiħ	O

Num-ru	Element jew isem tal-attribut	Kodiċi	Deskrizzjoni u kontenut	Obbligatorju (C) Obbligatorju jekk (CIF) (**)/ Fakultattiv (O) (***)
42	Status ta' ritorn	RS	Jindika l-istatus tal-messaġġ/tar-rapport li wasal (****)	C
43	Numru tal-operazzjoni	ON	In-numru tal-operazzjoni (AAASSSSXXJJ999999) tat-talba li qed tirreferi għaliha din it-tweġiba	C
44	Raġuni għar-rifjut	RE	Jekk it-tweġiba hija negattiva, ir-raġuni għaliex ma nġhatatx id-dejta. Test liberu li jagħti spjegazzjoni dwar ir-rifjut jew lista ta' kodiċijiet (****) li tagħmel dan	O
45	Partijiet tat-tweġiba	RP	Tweġibiet b'definizzjonijiet differenti tal-iskemi	C
46				

Dehra tat-tabella għall-Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd, in-Noti tal-Bejgħ u d-Dokument tat-Trasport

Num-ru	Element jew isem tal-attribut	Kodiċi	Deskrizzjoni u kontenut	Obbligatorju (C) Obbligatorju jekk (CIF) (**)/ Fakultattiv (O) (***)
47	Messaġġ tal-ERS	ERS	Tabella bil-messaġġ tal-ERS. Il-messaġġ tal-ERS għandu jkun fih dikjarazzjoni tal-LOG, tas-SAL jew tat-TRN.	
48	Numru tal-messaġġ (tar-reġistru)	RN	Numru fserje tal-messaġġ (fil-format AAASSSSXXJJ999999)	C
49	Data tal-messaġġ (tar-reġistru)	RD	Data tal-komunikazzjoni tal-messaġġ (SSSS-XX-JJ f'UTC)	C
50	Ħin tal-messaġġ (tar-reġistru)	RT	Ħin tal-komunikazzjoni tal-messaġġ (SS:MM:SS f'UTC)	C
51				
52	Dikjarazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd	LOG	Id-dikjarazzjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jkun fiha dikjarazzjoni waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin: DEP, FAR, RLC, TRA, COE, COX, CRO, TRZ, INS, DIS, PNO, EOF, RTP, LAN u PNT.	
53	Numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni Ewropea (in-numru tas-CFR)	IR	Bil-format AAAXXXXXXXXXX fejn A hija ittra kapitali li tirrappreżenta l-pajjiż tal-ewwel reġistrazzjoni fl-UE u X hija ittra jew numru	C
54	IRCS	RC	Il-kodiċi internazzjonali tar-radju	C
55	Identifikazzjoni esterna tal-bastiment	XR	In-numru u l-ittri tar-reġistrazzjoni fuq il-ġenb (il-buq) tal-bastiment	CIF FAR, PNO
56	Isem il-bastiment	NA	L-isem tal-bastiment	CIF FAR, PNO, u taħt ir-regoli tal-BFT (tat-tonn)
57	Isem il-kaptan	MA	Isem il-kaptan (kwalunkwe tibdil li jsir matul il-vjaġġ għandu jintbagħat fil-komunikazzjoni tal-LOG ta' wara).	C

Num-ru	Element jew isem tal-attribut	Kodiċi	Deskrizzjoni u kontenut	Obbligatorju (C) Obbligatorju jekk (CIF) (**)/ Fakultattiv (O) (***)
58	Indirizz tal-kaptan	MD	L-indirizz tal-kaptan (kwalunkwe tibdil li jsir matul il-vjaġġ għandu jintbagħat fil-komunikazzjoni tal-LOG ta' wara)	C
59	Pajjiż tar-reġistrazzjoni	FS	L-istat tal-bandiera tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-3.	C
60	Numru tal-bastiment tal-ICCAT	IN	In-numru tal-bastiment fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT	CIF taħt ir-regoli tal-BFT
61	Numru tal-bastiment tal-IMO	IM	In-numru tal-IMO taħt ir-regoli tal-BFT	CIF taħt ir-regoli tal-BFT u jekk huwa disponibbli
62				
63	Dikjarazzjoni tat-tluq	DEP	Dikjarazzjoni tat-tluq mill-port. Meħtieġa ma' kull tluq minn port, u għandha tintbagħat fil-messaġġ ta' wara	
64	Data	DA	Id-data tat-tluq (SSSS-XX-JJ f'UTC)	C
65	Ħin	TI	Il-ħin tat-tluq (SS:MM f'UTC) Il-ħin kollu meħtieġ f'reġimi tal-isforz. Jekk hija meħtieġa biss is-siegħa, wieħed jista' jistabbilixxi l-minuti għal 30.	C
66	Isem il-port	PO	Il-kodiċi tal-port (il-kodiċi tal-pajjiż ISO alfa-2 + il-kodiċi tal-port bi 3 ittri). Il-lista tal-kodiċijiet tal-portijiet (CCPPP) (****)	C
67	Attività antiċipata	AA	Il-lista tal-kodiċijiet (****)	O
68	Rkaptu abbord	GEA	(Ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attributi tal-GEA)	C
69	Sottodikjarazzjoni tal-qabda abbord (lista ta' sottodikjarazzjonijiet SPE tal-ispeċijiet)	SPE	(ara d-dettalji tas-sottoelementi u l-attribwiti tal-SPE)	CIF il-qabda tkun abbord il-bastiment
70				
71	Dikjarazzjoni ta' Rapport ta' Attività tas-Sajd	FAR	Meħtieġa sa nofs il-lejl f'kull jum fuq il-baħar jew bi tweġiba għal talba mill-istat tal-bandiera	
72	Markatur tal-aħħar rapport	LR	Markatur li jindika li dan se jkun l-aħħar rapport tal-FAR li se jintbagħat (LR=1). Bastiment jeħtieġ jibgħat FAR għal kull jum li jkun fuq il-baħar.. Ma tista' tinbagħat ebda FAR oħra wara FAR b'LR = 1 qabel id-dħul fil-port.	CIF l-aħħar messaġġ
73	Markatur ta' spezzjoni	IS	Markatur li jindika li dan ir-rapport dwar l-attività tas-sajd wasal eżatt qabel spezzjoni mwettqa abbord il-bastiment. (IS=1). Iseħħ meta l-ispettur jistaqsi lis-sajjied jaġġorna l-ġurnal ta' abbord tas-sajd tiegħu qabel isseħħ il-verifika.	CIF titwettagħ l-ispezzjoni
74	Data	DA	Id-data li għaliha huma rrapportati l-attivitajiet tas-sajd waqt li l-bastiment qiegħed fuq il-baħar (SSSS-XX-JJ f'UTC)	C

Num-ru	Element jew isem tal-attribut	Kodiċi	Deskrizzjoni u kontenut	Obbligatorju (C) Obbligatorju jekk (CIF) (**)/ Fakultattiv (O) (***)
75	Ħin	TI	Il-ħin tal-bidu tal-attività tas-sajd (SS:MM f'UTC).	O
